**Dan it-test hu maħsub purament bħala għodda ta' dokumentazzjoni u m'għandu l-ebda effett legali. L-istituzzjonijiet tal-Unjoni m'għandhom l-ebda responsabbiltà għall-kontenut tiegħu. Il-verżjonijiet awtentiċi tal-atti rilevanti, inklużi l-preamboli tagħhom, huma dawk ippubblikati fil-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea u disponibbli f'EUR-Lex. Dawk it-testi uffiċjali huma aċċessibbli direttament permezz tal-links inkorporati f'dan id-dokument**

►B

# DIRETTIVA TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI 2014/98/UE

## tal-15 ta' Ottubru 2014

## li timplimenta d-Direttiva tal-Kunsill 2008/90/KE fir-rigward ta' rekwiżiti speċifiċi għall-ġeneru u l-ispeċi tal-pjanti tal-frott imsemmija fl-Anness I tagħha, rekwiżiti speċifiċi li għandhom jiġu ssodisfati mill-fornituri u regoli dettaljati dwar l-ispezzjonijiet uffiċjali

(ĠU L 298, 16.10.2014, p. 22)

Emendata minn:

| | | Ġurnal Uffiċjali | | |
|---|---|---|---|---|
| | | Nru | Paġna | Data |
| ►M1 | Direttiva ta' implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/177 tal-11 ta' Frar 2020 | L 41 | 1 | 13.2.2020 |
| ►M2 | Direttiva ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2022/2438 tat-12 ta' Diċembru 2022 | L 319 | 54 | 13.12.2022 |

▼B

**DIRETTIVA TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI 2014/98/UE**

**tal-15 ta' Ottubru 2014**

**li timplimenta d-Direttiva tal-Kunsill 2008/90/KE fir-rigward ta' rekwiżiti speċifiċi għall-ġeneru u l-ispeċi tal-pjanti tal-frott imsemmija fl-Anness I tagħha, rekwiżiti speċifiċi li għandhom jiġu ssodisfati mill-fornituri u regoli dettaljati dwar l-ispezzjonijiet uffiċjali**

KAPITOLU 1

**DEFINIZZJONIJIET U DISPOŻIZZJONIJIET ĠENERALI**

*Artikolu 1*

**Definizzjonijiet**

Għall-finijiet ta' din id-Direttiva, għandhom japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

(1) "pjanta omm" tfisser pjanta identifikata maħsuba għall-propagazzjoni;

(2) "pjanta omm prebażika kandidata" tfisser pjanta omm li l-fornitur għandu l-ħsieb li jikseb aċċettazzjoni għaliha bħala pjanta omm prebażika;

(3) "pjanta omm prebażika" tfisser pjanta omm maħsubagħall-produzzjoni ta' materjal prebażiku;

(4) "pjanta omm bażika" tfisser pjanta omm maħsuba għall-produzzjoni ta' materjal bażiku;

(5) "pjanta omm iċċertifikata" tfisser pjanta omm maħsuba għall-produzzjoni ta' materjal iċċertifikat;

(6) "organiżmu ta' ħsara" tfisser kwalunkwe speċi, razza jew bijotip ta' pjanta, annimal jew patoġenu li jikkawża ħsara lill-pjanti jew lill-prodotti tal-pjanti u li huwa mniżżel fl-Annessi I, II u III;

(7) "spezzjoni viżwali" tfisser l-eżaminazzjoni ta' pjanti jew ta' partijiet ta' pjanti fuq l-għajn, mingħajr l-użu ta' tagħmir bħal lentijiet, sterjomikroskopju jew mikroskopju;

(8) "test" tfisser eżaminazzjoni, għajr spezzjoni viżwali;

(9) "pjanta tal-frott" tfisser pjanta mnissla minn pjanta omm u li tkun ġiet imkabbra għall-produzzjoni tal-frott sabiex tkun tista' ssir il-verifikazzjoni tal-identità tal-varjetà ta' dik il-pjanta omm;

(10) "kategorija" tfisser materjal prebażiku, materjal bażiku, materjal iċċertifikat jew materjal CAC;

(11) "multiplikazzjoni" tfisser il-produzzjoni veġetattiva ta' pjanti omm sabiex ikun jista' jinkiseb numru suffiċjenti ta' pjanti omm fl-istess kategorija;

▼B

(12) “tiġdid ta' pjanta omm” tfisser is-sostituzzjoni ta' pjanta omm bi pjanta prodotta minnha stess b'mezzi veġetattivi;

(13) “mikropropagazzjoni” tfisser il-multiplikazzjoni ta' materjal tal-pjanti għall-produzzjoni ta' għadd kbir ta' pjanti, bl-użu tal-koltura *in vitro* ta' blanzuni veġetattivi differenzjati jew ta' meristems veġetattivi differenzjati meħuda minn pjanta;

(14) “prattikament ħielsa minn difetti” tfisser li d-difetti li x'aktarx jaffettwaw b'mod negattiv il-kwalità u l-utilità tal-materjal tal-propagazzjoni jew tal-pjanti tal-frott huma preżenti f'livell li hu ugwali għal, jew ta' inqas minn, il-livell mistenni li jirriżulta minn prattiki tajba ta' koltivazzjoni u ta' maniġġjar, filwaqt li dak il-livell huwa konsistenti mal-prattiki tajba ta' koltivazzjoni u ta' maniġġjar;

(15) “prattikament ħielsa minn organiżmi ta' ħsara” tfisser li l-punt sa fejn l-organiżmi ta' ħsara huma preżenti fuq il-materjal tal-propagazzjoni jew fuq il-pjanti tal-frott huwa baxx biżżejjed biex jiġi żgurat li l-kwalità u l-utilità jkunu ta' livell aċċettabbli għall-materjal tal-propagazzjoni;

(16) “laboratorju” tfisser kwalunkwe faċilità użata għall-ittestjar ta' materjal tal-propagazzjoni u ta' pjanti tal-frott;

(17) “krijopreżervazzjoni” tfisser iż-żamma ta' materjal tal-pjanti billi jiġu mkessħa għal temperaturi baxxi ħafna, sabiex tinżamm il-vijabbiltà tal-materjal.

*Artikolu 2*

**Dispożizzjonijiet ġenerali**

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-materjal tal-propagazzjoni u l-pjanti tal-frott li huma parti mill-ġeneri u l-ispeċijiet elenkati fl-Anness I tad-Direttiva 2008/90/KE huma konformi mal-Artikoli 3 sa 27 ta' din id-Direttiva waqt il-produzzjoni u l-kummerċjalizzazzjoni, kif xieraq.

2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-fornituri jikkonformaw mad-dispożizzjonijiet stabbiliti fl-Artikoli 28 u 29 ta' din id-Direttiva waqt il-produzzjoni ta' materjal tal-propagazzjoni u ta' pjanti tal-frott li huma parti mill-ġeneri u l-ispeċijiet elenkati fl-Anness I tad-Direttiva 2008/90/KE.

3. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li waqt il-produzzjoni u l-kummerċjalizzazzjoni, il-materjal tal-propagazzjoni u l-pjanti tal-frott li huma parti mill-ġeneri u l-ispeċijiet elenkati fl-Anness I tad-Direttiva 2008/90/KE jiġu spezzjonati b'mod uffiċjali skont l-Artikolu 30.

4. Materjal tal-propagazzjoni li jissodisfa r-rekwiżiti ta' ċerta kategorija ma għandux jitħallat ma' materjal ta' kategoriji oħra.

▼B

KAPITOLU 2

**REKWIŻITI GĦALL-MATERJAL TAL-PROPAGAZZJONI U, META APPLIKABBLI, GĦALL-PJANTI TAL-FROTT**

*TAQSIMA 1*

***Rekwiżiti għall-materjal prebażiku***

*Artikolu 3*

**Rekwiżiti għaċ-ċertfikazzjoni ta' materjal prebażiku**

1. Materjal tal-propagazzjoni, għajr il-pjanti omm u għajr ir-riżomi li mhumiex parti minn varjetà għandu, fuq talba, jiġi ċertifikat b'mod uffiċjali bħala materjal prebażiku jekk jinstab li jissodisfa r-rekwiżiti li ġejjin:

(a) huwa propagat direttament minn pjanta omm b'konformità mal-Artikolu 13 jew l-Artikolu 14;

(b) jaqbel mad-deskrizzjoni tal-varjetà tiegħu, u l-eżattezza tal-qbil mad-deskrizzjoni tal-varjetà tkun verifikata skont l-Artikolu 7;

(c) huwa miżmum skont l-Artikolu 8;

(d) huwa konformi mar-rekwiżiti tal-Artikolu 10 dwar is-saħħa;

(e) meta l-Kummissjoni tkun tat deroga skont l-Artikolu 8(4) sabiex il-pjanti omm prebażiċi u l-materjal prebażiku jiġu mkabbra f'għalqa taħt kundizzjonijiet protetti mill-insetti, il-ħamrija tkun konformi mal-Artikolu 11;

(f) huwa konformi mal-Artikolu 12 fir-rigward tad-difetti.

2. Il-pjanta omm li ssir referenza għaliha fil-paragrafu (1)(a) għandha jew tkun ġiet aċċettata skont l-Artikolu 5, jew tkun inkisbet permezz tal-multiplikazzjoni skont l-Artikolu 13 jew permezz tal-mikropropagazzjoni skont l-Artikolu 14.

3. Meta pjanta omm prebażika jew materjal prebażiku ma jibqgħux jissodisfaw ir-rekwiżiti tal-Artikoli 7 sa 12, il-fornitur għandu jneħħihom u ma jħallihomx viċin ta' pjanti omm oħra u ta' materjal prebażiku ieħor. Il-pjanti omm jew il-materjal li jitneħħa jistgħu jintużaw bħala materjal bażiku, iċċertifikat jew CAC, sakemm dawn jissodisfaw ir-rekwiżiti stabbiliti f'din id-Direttiva għall-kategoriji rispettivi.

Minflok ineħħi l-pjanta omm jew il-materjal, il-fornitur jista' jieħu l-miżuri xierqa sabiex jiżgura li dik il-pjanta omm jew dak il-materjal jerġgħu jkunu konformi ma' dawk ir-rekwiżiti.

*Artikolu 4*

**Rekwiżiti għaċ-ċertifikazzjoni bħala materjal prebażiku ta' riżomi li mhumiex parti minn varjetà**

1. Riżomi li mhumiex parti minn varjetà għandhom, fuq talba, jiġu ċertifikati b'mod uffiċjali bħala materjal prebażiku jekk jinstabu li jissodisfaw ir-rekwiżiti li ġejjin:

(a) ikunu propagati b'mod dirett minn pjanta omm, permezz ta' propagazzjoni veġetattiva jew sesswali; fil-każ tal-propagazzjoni sesswali, siġar tal-pollinar (pollenisers) jiġu prodotti direttament permezz ta' propagazzjoni veġetattiva minn pjanta omm;

▼B

(b) ikunu jaqblu bis-sħiħ mad-deskrizzjoni tal-ispeċi li huma parti minnha;

(c) ikunu miżmuma skont l-Artikolu 8;

(d) ikunu konformi mar-rekwiżiti tal-Artikolu 10 dwar is-saħħa;

(e) meta l-Kummissjoni tkun tat deroga skont l-Artikolu 8(4) sabiex il-pjanti omm prebażiċi u l-materjal prebażiku jiġu mkabbra f'għalqa taħt kundizzjonijiet protetti mill-insetti, il-ħamrija tkun konformi mal-Artikolu 11;

(f) ikunu konformi mal-Artikolu 12 fir-rigward tad-difetti.

2. Il-pjanta omm li ssir referenza għaliha fil-paragrafu (1)(a) għandha jew tkun ġiet aċċettata skont l-Artikolu 6, jew tkun inkisbet permezz tal-multiplikazzjoni skont l-Artikolu 13 jew permezz tal-mikropropagazzjoni skont l-Artikolu 14.

3. Meta riżomi li huma pjanti omm prebażiċi jew materjali prebażiċi ma jkunux għadhom jissodisfaw ir-rekwiżiti tal-Artikoli 8 sa 12, il-fornitur għandu jneħħihom u ma jħallihomx viċin ta' pjanti omm oħra u materjal prebażiku ieħor. Ir-riżoma li titneħħa tista' tintuża bħala materjal bażiku, iċċertifikat jew CAC, sakemm din tissodisfa r-rekwiżiti stabbiliti f'din id-Direttiva fir-rigward tal-kategoriji rispettivi.

Minflok ineħħi dawk ir-riżomi, il-fornitur jista' jieħu l-miżuri xierqa sabiex jiżgura li dawk ir-riżomi jerġgħu jkunu konformi ma' dawk ir-rekwiżiti.

*Artikolu 5*

**Rekwiżiti għall-aċċettazzjoni ta' pjanta omm prebażika**

1. Il-korp uffiċjali responsabbli għandu jaċċetta pjanta bħala pjanta omm prebażika jekk din tkun konformi mal-Artikoli 7 sa 12, u jekk jiġi stabbilit skont il-paragrafi 2, 3 u 4 li d-deskrizzjoni tagħha tal-varjetà taqbel mad-deskrizzjoni tal-varjetà tagħha.

Dik l-aċċettazzjoni għandha sseħħ fuq il-bażi ta' spezzjoni uffiċjali u tar-riżultati, ir-rekords u l-proċeduri tal-ittestjar skont l-Artikolu 30.

2. Il-korp uffiċjali responsabbli għandu jistabbilixxi l-eżattezza tal-qbil mad-deskrizzjoni tal-pjanta omm prebażika mad-deskrizzjoni tal-varjetà tagħha permezz tal-osservazzjoni tal-espressjoni tal-karatteristiki tal-varjetà. Dik l-osservazzjoni għandha tkun ibbażata fuq wieħed minn dawn l-elementi li ġejjin:

(a) id-deskrizzjoni uffiċjali tal-varjetajiet irreġistrati fi kwalunkwe wieħed mir-reġistri nazzjonali, u tal-varjetajiet protetti legalment permezz ta' dritt fuq varjetà ta' pjanta;

(b) id-deskrizzjoni li takkumpanja l-applikazzjoni għal varjetajiet li huma s-suġġett ta' applikazzjoni għal reġistrazzjoni fi kwalunkwe Stat Membru, kif imsemmi fl-Artikolu 5(1) tad-Direttiva ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni 2014/97/UE [1];

(1) Direttiva ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni 2014/97/UE tal-15 ta' Ottubru 2014 li timplementa d-Direttiva tal-Kunsill 2008/90/KE dwar il-kummerċjalizzazzjoni tal-materjal tal-propagazzjoni tal-pjanti tal-frott u tal-pjanti tal-frott maħsuba għall-produzzjoni tal-frott (Ara paġna 16 ta' dan il-Ġurnal Uffiċjali).

▼B

(c) id-deskrizzjoni li takkumpanja l-applikazzjoni għal varjetajiet li huma s-suġġett ta' applikazzjoni għal reġistrazzjoni ta' dritt fuq varjetà ta' pjanta;

(d) id-deskrizzjoni rikonoxxuta b'mod uffiċjali, jekk il-varjetà soġġetta għal dik id-deskrizzjoni tkun rreġistrata f'reġistru nazzjonali.

3. Meta japplika l-punt (b) jew il-punt (c) tal-paragrafu 2, il-pjanta omm prebażika għandha tiġi aċċettata biss jekk ikun hemm disponibbli rapport imħejji minn kwalunkwe korp uffiċjali responsabbli fl-Unjoni jew f'pajjiż terz, li juri li l-varjetà rispettiva hija distinta, uniformi u stabbli. Madankollu, sakemm tiġi konkluża r-reġistrazzjoni tal-varjetà, il-pjanta omm ikkonċernata u l-materjal prodott minnha jistgħu jintużaw biss għall-produzzjoni ta' materjal bażiku jew iċċertifikat, u ma għandhomx jiġu kkummerċjalizzati bħala materjal prebażiku, bażiku jew iċċertifikat.

4. Meta l-approvazzjoni tal-eżattezza tal-qbil mad-deskrizzjoni tal-varjetà tkun possibbli biss fuq il-bażi tal-karatteristiki ta' pjanta tal-frott, l-osservazzjoni tal-espressjoni tal-karatterisitiki tal-varjetà għandha titwettaq fuq il-frott ta' pjanta tal-frott li tkun ġiet ippropagata mill-pjanta omm prebażika. Dawk il-pjanti tal-frott għandhom jinżammu separati mill-pjanti omm prebażiċi u mill-materjal prebażiku.

Pjanti tal-frott għandhom jiġu spezzjonati b'mod viżwali waqt l-aktar perjodi xierqa tas-sena filwaqt li jitqiesu l-kundizzjonijiet klimatiċi u ta' tkabbir ta' pjanti tal-ġeneru jew tal-ispeċi kkonċernata.

*Artikolu 6*

**Rekwiżiti għall-aċċettazzjoni ta' riżoma li tagħmilx parti minn varjetà**

Il-korp uffiċjali responsabbli għandu jaċċetta riżoma li mhijiex parti minn varjetà bħala pjanta omm prebażika jekk id-deskrizzjoni tagħha taqbel bis-sħiħ mad-deskrizzjoni tal-ispeċi li hija parti minnha,u jekk din tkun konformi mal-Artikoli 8 sa 12.

Dik l-aċċettazzjoni għandha sseħħ fuq il-bażi ta' spezzjoni uffiċjali u tar-riżultati, ir-rekords u l-proċeduri tal-ittestjar użati mill-fornitur skont l-Artikolu 30.

*Artikolu 7*

**Verifika tal-eżattezza tal-qbil mad-deskrizzjoni tal-varjetà**

Il-korp uffiċjali responsabbli u, meta jixraq, il-fornitur għandhom jivverifikaw regolarment l-eżattezza tal-qbil ta' pjanti omm prebażiċi u ta' materjal prebażiku mad-deskrizzjoni tal-varjetà tagħhom, skont l-Artikolu 5(2) u (3), skont kif xieraq għall-varjetà kkonċernata u għall-metodu ta' propagazzjoni użat.

Minbarra l-verifika regolari ta' pjanti omm prebażiċi u ta' materjal prebażiku, wara kull tiġdid, il-korp uffiċjali responsabbli u, meta jixraq, il-fornitur għandhom iwettqu verifika tal-pjanti omm prebażiċi li jirriżultaw minnu.

▼B

*Artikolu 8*

**Rekwiżiti li jikkonċernaw iż-żamma ta' pjanti omm prebażiċi u ta' materjal prebażiku**

1. Il-fornituri għandhom iżommu l-pjanti omm prebażiċi u l-materjal prebażiku f'faċilitajiet li huma deżinjati għall-ġeneri jew l-ispeċijiet ikkonċernati, li fihom ma jistgħux jidħlu insetti u li jiżguraw ambjent ħieles mill-infezzjonijiet trażmessi minn vetturi tal-ajru u minn kwalunkwe sorsi possibbli oħra.

Il-pjanti omm prebażiċi kandidati għandhom jinżammu f'kundizzjonijiet protetti mill-insetti u iżolati f'livell fiżiku minn ma' pjanti omm prebażiċi fil-faċilitajiet imsemmija fl-ewwel subparagrafu, sakemm jitlestew it-testijiet kollha dwar il-konformità mal-Artikolu 9(1) u (2).

2. Il-pjanti omm prebażiċi u l-materjal prebażiku għandhom jinżammu b'mod li jiżgura li dawn jiġu identifikati b'mod individwali matul il-proċess kollu tal-produzzjoni.

3. Il-pjanti omm prebażiċi u l-materjal prebażiku għandhom jiġu mkabbra jew prodotti b'mod li jkunu iżolati mill-ħamrija, fi qsari mimlija b'materjal għat-tkabbir sterilizzat jew tat-tip ta' mingħajr ħamrija. Dawn għandhom ikunu jistgħu jiġu identifikati permezz ta' tikketti li jiżguraw it-traċċabbiltà tagħhom.

4. B'deroga mill-paragrafi 1, 2 u 3, Stat Membru jista' jingħata awtorizzazzjoni biex jipproduċi pjanti omm prebażiċi u materjal prebażiku fl-għelieqi taħt kundizzjonijiet protetti mill-insetti għal ġeneri jew speċijiet speċifiċi. Dan il-materjal għandu jkun jista' jiġi identifikat permezz ta' tikketti li jiżguraw it-traċċabbiltà tiegħu. Dik l-awtorizzazzjoni għandha tingħata bil-kundizzjoni li l-Istat Membru kkonċernat jiżgura li jittieħdu miżuri xierqa biex jiġi evitat li l-pjanti jiġu infettati b'infezzjonijiet trażmessi minn vetturi tal-ajru, kuntatt bejn l-għeruq, infezzjoni inkroċjata ikkawżata minn makkinarju, għodod tat-tilqim u minn kwalunkwe sorsi possibbli oħra.

5. Il-pjanti omm prebażiċi u l-materjal prebażiku jistgħu jinżammu permezz tal-krijoprezervazzjoni.

6. Il-pjanti omm prebażiċi jistgħu jintużaw biss għal perjodu ikkalkulat fuq il-bażi tal-istabbiltà tal-varjetà jew tal-kundizzjonijiet ambjentali li jiġu mkabbra fihom, u fuq kwalunkwe fatturi oħra li għandhom impatt fuq l-istabbiltà tal-varjetà.

*Artikolu 9*

**Rekwiżiti tas-saħħa għall-pjanti omm prebażiċi kandidati u għall-pjanti omm prebażiċi prodotti permezz ta' tiġdid**

1. Pjanta omm prebażika kandidata għandha tkun ħielsa mill-organiżmi ta' ħsara elenkati fl-Anness I, skont kif xieraq għall-ġeneru jew l-ispeċi kkonċernata.

Il-pjanta omm prebażika kandidata kkonċernata għandha tiġi spezzjonata b'mod viżwali fil-faċilitajiet u fl-għelieqi biex jiġi żgurat li hija ħielsa mill-organiżmi ta' ħsara elenkati fl-Anness I, skont kif xieraq għall-ġeneru jew l-ispeċi kkonċernata.

Dik l-ispezzjoni viżwali għandha titwettaq mill-korp uffiċjali responsabbli u, fejn xieraq, mill-fornitur.

▼B

F'każ ta' dubji dwar il-preżenza ta' dawn l-organiżmi ta' ħsara, il-korp uffiċjali responsabbli u, meta jixraq, il-fornitur, għandhom twettqu l-ikkampjunar u l-ittestjar tal-pjanta omm prebażika kandidata kkonċernata.

2. Pjanta omm prebażika kandidata għandha tkun ħielsa mill-organiżmi ta' ħsara elenkati fl-Anness II, skont kif xieraq għall-ġeneru jew l-ispeċi kkonċernata.

Il-pjanta omm prebażika kandidata kkonċernata għandha tiġi spezzjonata b'mod viżwali fil-faċilitajiet u fl-għelieqi, għandhom jittieħdu kampjuni minnha u għandhom ukoll isirulha testijiet biex jiġi żgurat li hija ħielsa mill-organiżmi ta' ħsara elenkati fl-Anness II, skont kif xieraq għall-ġeneru jew l-ispeċi kkonċernata.

Din l-ispezzjoni viżwali, l-ikkampjunar u l-ittestjar għandhom jitwettqu mill-korp uffiċjali responsabbli u, meta jixraq, mill-fornitur.

L-ikkampjunar u l-ittestjar għandhom isiru fl-iktar perijodu xieraq tas-sena, filwaqt li jitqiesu l-kundizzjonijiet klimatiċi u l-kundizzjonijiet tat-tkabbir tal-pjanta, kif ukoll il-bijoloġija tal-organiżmi ta' ħsara rilevanti għal dik il-pjanta. F'każ ta' dubji dwar il-preżenza ta' dawn l-organiżmi ta' ħsara, l-ikkampjunar u l-ittestjar għandhom isiru wkoll fi kwalunkwe żmien tas-sena.

3. Rigward l-ikkampjunar u l-ittestjar, kif stabbilit fil-paragrafi 1 u 2, l-Istati Membri għandhom japplikaw protokolli tal-Organizzazzjoni Ewropea u Mediterranja dwar il-Protezzjoni tal-Pjanti (EPPO), jew protokolli oħra li huma rikonoxxuti f'livell internazzjonali. F'każ li dawn il-protokolli ma jkunux jeżistu, il-korp uffiċjali responsabbli għandu japplika l-protokolli rilevanti stabbiliti f'livell nazzjonali. F'dak il-każ, l-Istati Membri għandhom, fuq talba, jagħmlu dawk il-protokolli disponibbli għall-Istati Membri l-oħra u għall-Kummissjoni.

Il-korp uffiċjali responsabbli u, meta jixraq, il-fornitur għandhom jippreżentaw l-kampjuni lil laboratorji li huma aċċettati b'mod uffiċjali mill-korp uffiċjali responsabbli.

Il-metodu ta' ttestjar għal vajrusis, virojdi, mard li jixbaħ il-vajrusis u fitoplażmi applikati fuq pjanti omm prebażiċi kandidati għandu jkun dak tal-indiċjar bijoloġiku fuq pjanti indikaturi. Metodi oħra ta' ttestjar jistgħu jiġu applikati f'każ li l-Istat Membru jikkunsidra, fuq il-bażi ta' evidenza xjentifika evalwata bejn il-pari, li jipproduċi riżultati li huma affidabbli daqs l-indiċjar bijoloġiku fuq pjanti indikaturi.

4. B'deroga mill-paragrafu 2, jekk pjanta omm prebażika kandidata tkun pjanta nebbieta, l-ispezzjoni viżwali, l-ikkampjunar u l-ittestjar għandhom ikunu meħtieġa biss fir-rigward ta' vajrusis, virojdi jew mard li jixbaħ il-vajrusis trażmessi permezz tal-għabra tad-dakra u li huma elenkati fl-Anness II, skont il-ġeneru jew l-ispeċi kkonċernata, bil-kundizzjoni li jkun ġie kkonfermat, permezz ta' spezzjoni uffiċjali, li l-pjanta nebbieta ġiet imkabbra minn żerriegħa prodotta minn pjanta ħielsa mis-sintomi kkawżati minn dawk il-vajrusis, virojdi jew mard li jixbaħ il-vajrusis, u li dik il-pjanta nebbieta ġiet miżmuma skont l-Artikolu 8(1) u (3).

5. Il-paragrafi 1 u 3 għandhom japplikaw ukoll għal pjanti omm prebażiċi prodotti permezz tat-tiġdid.

▼B

Pjanta omm prebażika prodotta permezz tat-tiġdid għandha tkun ħielsa mill-vajrusis u l-virojdi elenkati fl-Anness II, skont kif xieraq għall-ġeneru jew l-ispeċi kkonċernata.

Għandhom isiru spezzjonijiet viżwali fil-faċilitajiet, l-għelieqi u fuq il-biċċiet ta' art, kif ukoll kampjunar u ttestjar, biex jiġi kkonfermat li dik il-pjanta omm prebażika tinstab ħielsa minn dawk il-vajrusis u virojdi.

Din l-ispezzjoni viżwali, l-ikkampjunar u l-ittestjar għandhom jitwettqu mill-korp uffiċjali responsabbli u, fejn xieraq, mill-fornitur.

▼M1

*Artikolu 10*

**Rekwiżiti tas-saħħa għall-pjanti omm prebażiċi u għall-materjal prebażiku**

1. Meta jsiru spezzjonijiet viżwali fil-faċilitajiet, fl-għelieqi u fil-biċċiet ta' art, il-pjanti omm prebażiċi jew il-materjal prebażiku għandhom jinsabu ħielsa mill-pesti rregolati mhux ta' kwarantina (RNQPs) elenkati fl-Annessi I u II u soġġett għar-rekwiżiti tal-Anness IV, skont kif jixraq għall-ġeneru jew l-ispeċi kkonċernata. Din l-ispezzjoni viżwali għandha titwettaq mill-korp uffiċjali responsabbli, u fejn xieraq, mill-fornitur.

Il-korp uffiċjali responsabbli u, meta jixraq, il-fornitur, għandhom iwettqu spezzjoni viżwali u l-ikkampjunar u l-ittestjar tal-pjanta omm prebażika jew tal-materjal prebażiku għall-RNQPs elenkati fl-Anness II u soġġett għar-rekwiżiti tal-Anness IV skont kif jixraq għall-ġeneru jew l-ispeċi u l-kategorija kkonċernati.

Jekk ikun hemm suspett tal-preżenza ta' xi RNQPs elenkati fl-Anness I, il-korp uffiċjali responsabbli u, meta jixraq, il-fornitur, għandu jwettaq l-ikkampjunar u l-ittestjar tal-pjanta omm prebażika jew tal-materjal prebażiku kkonċernat.

2. Rigward l-ikkampjunar u l-ittestjar, kif previst fil-paragrafu 1, l-Istati Membri għandhom japplikaw il-protokolli tal-EPPO, jew protokolli oħra li huma rikonoxxuti f'livell internazzjonali. F'każ li dawn il-protokolli ma jkunux jeżistu, il-korp uffiċjali responsabbli għandu japplika l-protokolli rilevanti stabbiliti fil-livell nazzjonali. F'dak il-każ, jekk jintalbu, l-Istati Membri għandhom iqiegħdu dawk il-protokolli għad-disponibbiltà tal-Istati Membri l-oħra u tal-Kummissjoni.

Il-korp uffiċjali responsabbli u, meta jixraq, il-fornitur għandhom jippreżentaw il-kampjuni lil laboratorji li huma aċċettati b'mod uffiċjali mill-korp uffiċjali responsabbli.

3. Jekk ikun hemm riżultat ta' test pożittiv għal xi RNQPs elenkati fl-Annessi I u II, rigward il-ġeneru jew l-ispeċi kkonċernati, il-fornitur għandu jneħħi l-pjanta omm prebażika jew il-materjal prebażiku infestati mill-inħawi tal-pjanti omm prebażiċi u tal-materjal prebażiku l-oħrajn skont l-Artikolu 3(3) jew l-Artikolu 4(3), jew jieħu l-miżuri xierqa skont l-Anness IV.

4. Il-miżuri li jiżguraw il-konformità mar-rekwiżiti tal-paragrafu 1 huma stabbiliti fl-Anness IV, skont il-ġeneru jew l-ispeċi u l-kategorija kkonċernati.

▼M2

5. Il-paragrafu 1 ma għandux japplika għal:

(a) pjanti omm prebażiċi u materjal prebażiku matul il-krijopreservazzjoni;

▼M2

(b) materjal prebażiku fejn dak il-materjal ikun ġie prodott f’żoni magħrufa, jew stabbiliti li huma ħielsa mill-pesti rilevanti f’konformità mal-istandards internazzjonali rilevanti għall-miżuri fitosanitarji (Requirements for the establishment of pest free areas. ISPM Nru 4 (1995), Ruma, IPPC, FAO 2017).

▼B

*Artikolu 11*

▼M1

**Rekwiżiti għall-ħamrija tal-pjanti omm prebażiċi u tal-materjal prebażiku**

▼B

1. Pjanti omm prebażiċi u materjal prebażiku jistgħu jiġu mkabbra biss f'ħamrija li hija ħielsa mill-organiżmi ta' ħsara kollha elenkati fl-Anness III, skont il-ġeneru jew l-ispeċi kkonċernata, u li jġorru vajrusis li jaffettwaw lil dak il-ġeneru jew speċi. Il-fatt li l-ħamrija hija ħielsa minn dawn l-organiżmi ta' ħsara għandu jiġi stabbilit permezz ta' kampjunar u ttestjar.

Dan l-ikkampjunar għandu jitwettaq mill-korp uffiċjali responsabbli u, meta jixraq, mill-fornitur.

L-ikkampjunar u l-ittestjar għandhom jitwettqu qabel ma jitħawlu l-pjanti omm prebażiċi jew il-materjal prebażiku kkonċernat, u dawn għandhom jerġgħu jsiru waqt it-tkabbir f'każ li jkun hemm suspett dwar il-preżenza tal-organiżmi ta' ħsara msemmija fis-subparagrafu 1.

L-ikkampjunar u l-ittestjar għandhom jitwettqu filwaqt li jitqiesu l-kundizzjonijiet klimatiċi u l-bijoloġija tal-organiżmi ta' ħsara elenkati fl-Anness III, u meta dawk l-organiżmi ta' ħsara jkunu rilevanti għall-pjanti omm prebażiċi jew għall-materjal prebażiku kkonċernat.

2. L-ikkampjunar u l-ittestjar ma għandhomx jitwettqu f'każijiet meta l-pjanti li jkun fihom l-organiżmi ta' ħsara elenkati fl-Anness III, għall-ġeneru jew l-ispeċi kkonċernata, ma jkunux ġew imkabbra fil-ħamrija ta' produzzjoni għal perjodu ta' mill-inqas ħames snin, u f'każijiet fejn ma jkunx hemm dubju dwar in-nuqqas tal-organiżmi ta' ħsara rilevanti f'dik il-ħamrija.

L-ikkampjunar u l-ittestjar ma għandhomx jitwettqu meta l-korp uffiċjali responsabbli jikkonkludi, fuq il-bażi ta' spezzjoni uffiċjali, li l-ħamrija hija ħielsa mill-organiżmi ta' ħsara kollha elenkati fl-Anness III, għall-ġeneru jew l-ispeċi kkonċernata, u li jġorru vajrusis li jaffettwaw lil dak il-ġeneru jew speċi.

3. Fil-każ tal-ikkampjunar u l-ittestjar, kif imsemmi fil-paragrafu 1, l-Istati Membri għandhom japplikaw protokolli tal-EPPO, jew protokolli oħra li huma rikonoxxuti f'livell internazzjonali. F'każ li dawn il-protokolli ma jkunux jeżistu, l-Istati Membri għandhom japplikaw il-protokolli rilevanti stabbiliti f'livell nazzjonali. F'dak il-każ, l-Istati Membri għandhom, fuq talba, jagħmlu dawk il-protokolli disponibbli għall-Istati Membri l-oħra u għall-Kummissjoni.

*Artikolu 12*

**Rekwiżiti li jikkonċernaw difetti li x'aktarx jaffettwaw il-kwalità b'mod negattiv**

Fuq il-bażi ta' spezzjoni viżwali, il-pjanti omm prebażiċi u l-materjal prebażiku għandhom jinstabu prattikament ħielsa mid-difetti. Din l-ispezzjoni viżwali għandha titwettaq mill-korp uffiċjali responsabbli u, meta jixraq, mill-fornitur. Ħsara fiżika, telf tal-kulur, ċikatriċi jew tnixxif għandhom jitqiesu bħala difetti, jekk dawn jaffettwaw il-kwalità u l-utilità bħala materjal tal-propagazzjoni.

▼B

*Artikolu 13*

**Rekwiżiti dwar il-multiplikazzjoni, it-tiġdid u l-propagazzjoni ta' pjanti omm prebażiċi**

1. Il-fornitur jista' jimmultiplika jew iġedded pjanta omm prebażika aċċettata b'konformità mal-Artikolu 5(1).

2. Il-fornitur jista' jwettaq il-propagazzjoni ta' pjanta omm prebażika biex jipproduċi materjal prebażiku.

3. Il-multiplikazzjoni, it-tiġdid u l-propagazzjoni ta' pjanti omm prebażiċi għandhom jitwettqu b'konformità mal-protokolli msemmija fil-paragrafu 4.

4. L-Istati Membri għandhom japplikaw protokolli dwar il-multiplikazzjoni, it-tiġdid u l-propagazzjoni ta' pjanti omm prebażiċi L-Istati Membri għandhom japplikaw protokolli tal-EPPO, jew protokolli oħra li huma rikonoxxuti f'livell internazzjonali. F'każ li dawn il-protokolli ma jkunux jeżistu, l-Istati Membri għandhom japplikaw protokolli rilevanti stabbiliti f'livell nazzjonali. F'dak il-każ, l-Istati Membri għandhom, fuq talba, jagħmlu dawk il-protokolli disponibbli għall-Istati Membri l-oħra u għall-Kummissjoni.

Il-protokolli msemmija fis-subparagrafu 1 ta' dan il-paragrafu għandhom ikunu ġew ittestjati fuq il-ġeneri jew speċijiet rilevanti għal perjodu ta' żmien meqjus bħala xieraq għal dawk il-ġeneri jew speċijiet. Dak il-perjodu ta' żmien għandu jitqies bħala xieraq meta jippermetti li ssir il-validazzjoni tal-fenotipi tal-pjanti fir-rigward tal-eżattezza tal-qbil mad-deskrizzjoni tal-varjetà fuq il-bażi tal-osservazzjoni tal-produzzjoni tal-frott jew tal-iżvilupp veġetattiv tar-riżomi.

5. Il-fornitur jista' jġedded il-pjanta omm prebażika biss qabel tmiem il-perjodu msemmi fl-Artikolu 8(6).

*Artikolu 14*

**Rekwiżiti dwar il-multiplikazzjoni, it-tiġdid u l-propagazzjoni ta' pjanti omm prebażiċi permezz tal-mikropropagazzjoni**

1. Fil-każ ta' multiplikazzjoni, tiġdid u propagazzjoni ta' pjanti omm prebażiċi permezz tal-mikropropagazzjoni għall-produzzjoni ta' pjanti omm prebażiċi oħra jew ta' materjal prebażiku ieħor, dan għandu jsir skont il-protokolli stabbiliti fil-paragrafu 2.

2. L-Istati Membri għandhom japplikaw protokolli dwar il-mikropropagazzjoni ta' pjanti omm prebażiċi u ta' materjal prebażiku li huma protokolli tal-EPPO, jew protokolli oħra li huma rikonoxxuti f'livell internazzjonali. F'każ li dawn il-protokolli ma jkunux jeżistu, l-Istati Membri għandhom japplikaw protokolli rilevanti stabbiliti f'livell nazzjonali. F'dak il-każ, l-Istati Membri għandhom, fuq talba, jagħmlu dawk il-protokolli disponibbli għall-Istati Membri l-oħra u għall-Kummissjoni.

L-Istati Membri għandhom japplikaw biss protokolli li jkunu ġew ittestjati fuq il-ġeneru jew l-ispeċi rilevanti għal perjodu ta' żmien meqjus bħala suffiċjenti biex tkun tista' ssir il-validazzjoni tal-fenotipi tal-pjanti fir-rigward tal-eżattezza tal-qbil mad-deskrizzjoni tal-varjetà fuq il-bażi tal-osservazzjoni tal-produzzjoni tal-frott jew tal-iżvilupp veġetattiv tar-riżomi.

▼B

*TAQSIMA 2*

***Rekwiżiti dwar il-materjal bażiku***

*Artikolu 15*

**Rekwiżiti għaċ-ċertfikazzjoni ta' materjal bażiku**

1. Materjal ta' propagazzjoni, għajr il-pjanti omm bażiċi u r-riżomi li mhumiex parti minn varjetà għandu, fuq talba, jiġi ċertifikat b'mod uffiċjali bħala materjal bażiku jekk jinstab li jissodisfa r-rekwiżiti tal-paragrafi 2, 3 u 4.

2. Il-materjal tal-propagazzjoni għandu jiġi propagat minn pjanta omm bażika.

Pjanta omm bażika għandha tissodisfa wieħed mir-rekwiżiti li ġejjin:

(a) għandha tiġi mkabbra minn materjal prebażiku; jew

(b) għandha tiġi prodotta permezz ta' multiplikazzjoni minn pjanta omm bażika skont l-Artikolu 19.

3. Il-materjal tal-propagazzjoni għandu jissodisfa r-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikoli 7, 8(6) u 12.

4. Il-materjal tal-propagazzjoni għandu jissodisfa r-rekwiżiti addizzjonali dwar:

(a) is-saħħa, kif stipulat fl-Artikolu 16;

(b) il-ħamrija, kif stipulat fl-Artikolu 17;

(c) iż-żamma tal-pjanti omm bażiċi u tal-materjal bażiku, kif stabbilit fl-Artikolu 18; kif ukoll

(d) kundizzjonijiet speċifiċi għall-propagazzjoni, kif stabbilit fl-Artikolu 19.

5. Riżoma li mhijiex parti minn varjetà għandha, fuq talba, tiġi ċertifikata b'mod uffiċjali bħala materjal bażiku jekk id-deskrizzjoni tagħha taqbel bis-sħiħ mad-deskrizzjoni tal-ispeċi li hija parti minnha, jekk tissodisfa r-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 8(2) u (6) u r-rekwiżiti addizzjonali tal-Artikoli 12, 16, 17, 18 u 19.

6. Għall-finijiet ta' din it-Taqsima, kwalunkwe referenza għal pjanti omm prebażiċi fid-dispożizzjonijiet imsemmija fil-paragrafi 3 u 5 għandha tiġi mifhuma bħala referenza għal pjanti omm bażiċi, u kull referenza għal materjal prebażiku għandha tiġi mifhuma bħala referenza għal materjal bażiku.

7. Meta pjanta omm bażika jew materjal bażiku ma jibqgħux jissodisfaw ir-rekwiżiti tal-Artikolu 7, tal-Artikolu 8(2) u (6) u tal-Artikoli 12, 16 u 17, il-fornitur għandu jneħħihom u ma jħallihomx viċin ta' pjanti omm bażiċi oħra u ta' materjal bażiku ieħor. Il-pjanti omm jew il-materjal li jitneħħa jistgħu jintużaw bħala materjal iċċertifikat jew CAC, sakemm dawn jissodisfaw ir-rekwiżiti stabbiliti f'din id-Direttiva għall-kategoriji rispettivi.

Minflok ineħħi l-pjanta omm jew il-materjal, il-fornitur jista' jieħu l-miżuri xierqa sabiex jiżgura li dik il-pjanta omm jew dak il-materjal jerġgħu jkunu konformi ma' dawk ir-rekwiżiti.

▼B

8. Meta riżoma li mhijiex parti minn varjetà tkun pjanta omm bażika jew materjal bażiku li ma jibqax jissodisfa r-rekwiżiti tal-Artikolu 8(2) u (6) u tal-Artikoli 12, 16 u 17, il-fornitur għandu jneħħiha minn viċin ta' pjanti omm bażiċi oħra u ta' materjal bażiku ieħor. Ir-riżoma li titneħħa tista' tintuża bħala materjal iċċertifikat jew CAC, sakemm din tissodisfa r-rekwiżiti stabbiliti f'din id-Direttiva fir-rigward tal-kategoriji rispettivi.

Minflok ineħħi dawk ir-riżomi, il-fornitur jista' jieħu l-miżuri xierqa sabiex jiżgura li dawk ir-riżomi jerġgħu jkunu konformi ma' dawk ir-rekwiżiti.

▼M1

*Artikolu 16*

**Rekwiżiti dwar is-saħħa għall-pjanti omm bażiċi u għall-materjal bażiku**

1. L-ispezzjonijiet viżwali fil-faċilitajiet, fl-għelieqi u fil-biċċiet ta' art, għandhom isibu l-pjanti omm bażiċi jew il-materjal bażiku kkonċernati ħielsa mill-RNQPs elenkati fl-Annessi I u II, u soġġett għar-rekwiżiti tal-Anness IV, skont kif jixraq għall-ġeneru jew għall-ispeċi kkonċernata. Din l-ispezzjoni viżwali għandha titwettaq mill-korp uffiċjali responsabbli, u fejn xieraq, mill-fornitur.

Il-korp uffiċjali responsabbli u, meta jixraq, il-fornitur, għandhom iwettqu l-ikkampjunar u l-ittestjar tal-pjanta omm bażika jew tal-materjal bażiku għall-RNQPs elenkati fl-Anness II, u soġġett għar-rekwiżiti tal-Anness IV, skont kif jixraq għall-ġeneru jew l-ispeċi u l-kategorija kkonċernati.

F'każ ta' suspett tal-preżenza tal-RNQPs elenkati fl-Anness I, il-korp uffiċjali responsabbli, u fejn xieraq, il-fornitur, għandhom iwettqu l-ikkampjunar u l-ittestjar tal-pjanta omm bażika jew tal-materjal bażiku kkonċernat.

2. Rigward l-ikkampjunar u l-ittestjar, kif previst fil-paragrafu 1, l-Istati Membri għandhom japplikaw il-protokolli tal-EPPO, jew protokolli oħra li huma rikonoxxuti f'livell internazzjonali. F'każ li dawn il-protokolli ma jkunux jeżistu, il-korp uffiċjali responsabbli għandu japplika l-protokolli rilevanti stabbiliti fil-livell nazzjonali. F'dak il-każ, jekk jintalbu, l-Istati Membri għandhom iqiegħdu dawk il-protokolli għad-disponibbiltà tal-Istati Membri l-oħra u tal-Kummissjoni.

Il-korp uffiċjali responsabbli, u meta jixraq, il-fornitur, għandhom jippreżentaw il-kampjuni lil-laboratorji li huma aċċettati uffiċjalment mill-korp uffiċjali responsabbli.

3. Jekk ikun hemm riżultat ta' test pożittiv għal xi RNQPs elenkati fl-Annessi I u II, rigward il-ġeneru jew l-ispeċi kkonċernati, il-fornitur għandu jneħħi l-pjanta omm prebażika jew il-materjal prebażiku infestati mill-inħawi tal-pjanti omm prebażiċi u tal-materjal prebażiku l-oħrajn skont l-Artikolu 15(7) jew l-Artikolu 15(8), jew jieħu l-miżuri xierqa skont l-Anness IV.

4. Il-miżuri li jiżguraw il-konformità mar-rekwiżiti tal-paragrafu 1 huma stabbiliti fl-Anness IV, skont il-ġeneru jew l-ispeċi u l-kategorija kkonċernati.

▼M2

5. Il-paragrafu 1 ma għandux japplika għal:

(a) pjanti omm bażiċi u materjal bażiku matul il-krijopreservazzjoni;

▼M2

(b) materjal bażiku fejn dak il-materjal ikun ġie prodott f’żoni magħrufa, jew stabbiliti li huma ħielsa mill-pesti rilevanti f’konformità mal-istandards internazzjonali rilevanti għall-miżuri fitosanitarji (Requirements for the establishment of pest free areas. ISPM Nru 4 (1995), Ruma, IPPC, FAO 2017).

▼M1

*Artikolu 17*

**Rekwiżiti għall-ħamrija tal-pjanti omm bażiċi u tal-materjal bażiku**

▼B

1. Pjanti omm bażiċi u materjal bażiku jistgħu jiġu mkabbra biss f'ħamrija li hija ħielsa mill-organiżmi ta' ħsara kollha elenkati fl-Anness III, skont il-ġeneru jew l-ispeċi kkonċernata, u li hija ħielsa minn dawk l-organiżmi ta' ħsara li jġorru vajrusis li jaffettwaw lil dak il-ġeneru jew speċi. Il-fatt li l-ħamrija hija ħielsa minn dawn l-organiżmi ta' ħsara li jġorru vajrusis għandu jiġi stabbilit permezz ta' kkampjunar u ttestjar.

Dak l-ikkampjunar għandu jitwettaq mill-korp uffiċjali responsabbli u, meta jixraq, mill-fornitur.

L-ikkampjunar u l-ittestjar għandhom jitwettqu qabel ma l-pjanti omm bażiċi jew il-materjal bażiku kkonċernat jiġu mħawla, u dawn għandhom jerġgħu jsiru waqt it-tkabbir f'każ li jkun hemm suspett dwar il-preżenza tal-organiżmi ta' ħsara msemmija fis-subparagrafu 1.

L-ikkampjunar u l-ittestjar għandhom jitwettqu filwaqt li jitqiesu l-kundizzjonijiet klimatiċi u l-bijoloġija tal-organiżmi ta' ħsara elenkati fl-Anness III, u meta dawk l-organiżmi ta' ħsara jkunu rilevanti għall-pjanti omm bażiċi jew għall-materjal bażiku kkonċernat.

2. L-ikkampjunar u l-ittestjar ma għandhomx jitwettqu f'każijiet meta l-pjanti li jkun fihom l-organiżmi ta' ħsara elenkati fl-Anness III, għall-ġeneru jew l-ispeċi kkonċernata, ma jkunux ġew imkabbra fil-ħamrija ta' produzzjoni għal perjodu ta' mill-inqas ħames snin, u f'każijiet fejn ma jkunx hemm dubju dwar in-nuqqas tal-organiżmi ta' ħsara rilevanti f'dik il-ħamrija.

L-ikkampjunar u l-ittestjar ma għandhomx jitwettqu meta l-korp uffiċjali responsabbli jikkonkludi,permezz ta' spezzjoni uffiċjali, li l-ħamrija hija ħielsa mill-organiżmi ta' ħsara kollha elenkati fl-Anness III, għall-ġeneru jew l-ispeċi kkonċernata, u li jġorru vajrusis li jaffettwaw lil dak il-ġeneru jew speċi.

3. Fil-każ ta' kkampjunar u ttestjar, kif imsemmi fil-paragrafu 1, l-Istati Membri għandhom japplikaw protokolli tal-EPPO, jew protokolli oħra li huma rikonoxxuti f'livell internazzjonali. F'każ li dawn il-protokolli ma jkunux jeżistu, l-Istati Membri għandhom japplikaw il-protokolli rilevanti stabbiliti f'livell nazzjonali. F'dak il-każ, l-Istati Membri għandhom, fuq talba, jagħmlu dawk il-protokolli disponibbli għall-Istati Membri l-oħra u għall-Kummissjoni.

*Artikolu 18*

**Rekwiżiti li jikkonċernaw iż-żamma ta' pjanti omm bażiċi u ta' materjal bażiku**

1. Il-pjanti omm bażiċi u l-materjal bażiku għandhom jinżammu f'għelieqi li huma iżolati minn sorsi potenzjali ta' infezzjoni minn vetturi tal-ajru, kuntatt bejn l-għeruq, infezzjoni inkroċjata ikkawżata minn makkinarju, għodod tat-tilqim u minn kwalunkwe sorsi possibbli oħra.

2. Id-distanza ta' iżolament tal-għelieqi msemmija fil-paragrafu 1 għandha tiddependi fuq iċ-ċirkostanzi reġjunali, fuq it-tip ta' materjal tal-propagazzjoni, fuq il-preżenza ta' organiżmi ta' ħsara fiż-żona kkonċernata u fuq ir-riskji rilevanti involuti skont kif stabbilit mill-korp uffiċjali responsabbli permezz ta' spezzjoni uffiċjali.

▼B

*Artikolu 19*

**Il-kundizzjonijiet għall-multiplikazzjoni**

1. Il-pjanti omm bażiċi li jiġu mkabbra minn materjal prebażiku skont it-tifsira tal-Artikolu 15(2)(a) jistgħu jiġu mmultiplikati f'għadd ta' ġenerazzjonijiet sabiex jinkiseb l-għadd meħtieġ ta' pjanti omm bażiċi. Il-pjanti omm bażiċi għandhom jiġu mmultiplikati skont l-Artikolu 13, jew permezz tal-mikropropagazzjoni skont l-Artikolu 14. L-għadd massimu permess ta' ġenerazzjonijiet u t-tul ta' ħajja massimu permess għal pjanti omm bażiċi għandhom ikunu skont kif stabbilit fl-Anness V għall-ġeneri jew l-ispeċijiet rilevanti.

2. Meta jkunu permessi diversi ġenerazzjonijiet ta' pjanti omm bażiċi, kull ġenerazzjoni, minbarra l-ewwel waħda, tista' tiġi derivata minn kwalunkwe ġenerazzjoni preċedenti.

3. Il-materjal tal-propagazzjoni ta' ġenerazzjonijiet differenti għandu jinżamm separat minn ma' xulxin.

*TAQSIMA 3*

***Rekwiżiti dwar il-materjal iċċertifikat***

*Artikolu 20*

**Rekwiżiti għaċ-ċertfikazzjoni ta' materjal iċċertifikat**

1. Il-materjal tal-propagazzjoni, għajr il-pjanti omm u l-pjanti tal-frott, għandu, fuq talba, jiġi ċertifikat b'mod uffiċjali bħala materjal iċċertifikat jekk dan jissodisfa r-rekwiżiti stabbiliti fil-paragrafi 2, 3 u 4.

2. Il-materjal tal-propagazzjoni, u l-pjanti tal-frott, għandhom jiġu propagati minn pjanta omm iċċertifikata.

Pjanta omm iċċertifikata għandha tissodisfa wieħed mir-rekwiżiti li ġejjin:

(a) għandha tiġi mkabbra minn materjal prebażiku;

(b) għandha tiġi mkabbra minn materjal bażiku;

3. Il-materjal tal-propagazzjoni u l-pjanti tal-frott għandhom jissodisfaw ir-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 7, l-Artikolu 8(6) u l-Artikoli 12, 21 u 22.

4. Il-materjal tal-propagazzjoni u l-pjanti tal-frott għandhom jissodisfaw ir-rekwiżiti tas-saħħa stabbiliti fl-Artikolu 21.

Il-materjal tal-propagazzjoni u l-pjanti tal-frott għandhom jiġu propagati minn pjanta omm iċċertifikata li tissodisfa r-rekwiżiti tal-Artikolu 22 dwar il-ħamrija.

5. Riżoma li mhijiex parti minn varjetà għandha, fuq talba, tiġi ċertifikata b'mod uffiċjali bħala materjal iċċertifikat jekk id-deskrizzjoni tagħha taqbel bis-sħiħ mad-deskrizzjoni tal-ispeċi li hija parti minnha, jekk tissodisfa r-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 8(6) u r-rekwiżiti addizzjonali tal-Artikoli 12, 21 u 22.

6. Għall-finijiet ta' din it-Taqsima, kwalunkwe referenza għal pjanti omm prebażiċi fid-dispożizzjonijiet imsemmija fil-paragrafi 3 u 5 għandha tiġi mifhuma bħala referenza għal pjanti omm iċċertifikati, u kull referenza għal materjal prebażiku għandha tiġi mifhuma bħala referenza għal materjal iċċertifikat.

▼B

7. Meta pjanta omm iċċertifikata jew materjal iċċertifikat ma jibqgħux jissodisfaw ir-rekwiżiti tal-Artikolu 7, tal-Artikolu 8(6) u tal-Artikoli 12, 21 u 22, il-fornitur għandu jneħħihom u ma jħallihomx qrib pjanti omm iċċertifikati oħra u materjal iċċertifikat ieħor. Il-pjanta omm jew il-materjal li jitneħħa jistgħu jintużaw bħala materjal CAC, sakemm dawn jissodisfaw ir-rekwiżiti stabbiliti fit-Taqsima 4.

Minflok ineħħi l-pjanta omm jew il-materjal, il-fornitur jista' jieħu l-miżuri xierqa sabiex jiżgura li dik il-pjanta omm jew dak il-materjal jerġgħu jkunu konformi ma' dawk ir-rekwiżiti.

8. Meta riżoma li mhijiex parti minn varjetà tkun pjanta omm iċċertifikata jew materjal iċċertifikat li ma jibqax jissodisfa r-rekwiżiti tal-Artikolu 8(6) u tal-Artikoli 12, 21 u 22, il-fornitur għandu jneħħiha minn qribpjanti omm iċċertifikati oħra u materjal iċċertifikat ieħor. Il-pjanta omm jew il-materjal li jitneħħa jistgħu jintużaw bħala materjal CAC, sakemm dawn jissodisfaw ir-rekwiżiti stabbiliti fit-Taqsima 4.

Minflok ineħħi dawk ir-riżomi, il-fornitur jista' jieħu l-miżuri xierqa sabiex jiżgura li dawk ir-riżomi jerġgħu jkunu konformi ma' dawk ir-rekwiżiti.

▼M1

*Artikolu 21*

**Rekwiżiti dwar is-saħħa għall-pjanti omm iċċertifikati u għall-materjal iċċertifikat**

1. L-ispezzjonijiet viżwali fil-faċilitajiet, fl-għelieqi u fil-biċċiet ta’ art, għandhom isibu l-pjanti omm iċċertifikati jew il-materjal iċċertifikat ħielsa mill-RNQPs elenkati fl-Annessi I u II, u soġġett għar-rekwiżiti tal-Anness IV, skont kif jixraq għall-ġeneru jew għall-ispeċi kkonċernata. Din l-ispezzjoni viżwali għandha titwettaq mill-korp uffiċjali responsabbli, u fejn xieraq, mill-fornitur.

Il-korp uffiċjali responsabbli u, meta jixraq, il-fornitur, għandhom iwettqu l-ikkampjunar u l-ittestjar tal-pjanta omm iċċertifikata jew tal-materjal iċċertifikat għall-RNQPs elenkati fl-Anness II, u soġġett għar-rekwiżiti tal-Anness IV, skont kif jixraq għall-ġeneru jew l-ispeċi u l-kategorija kkonċernati.

F’każ ta’ suspett tal-preżenza tal-RNQPs elenkati fl-Anness I, il-korp uffiċjali responsabbli, u meta jixraq, il-fornitur, għandhom iwettqu l-ikkampjunar u l-ittestjar tal-pjanti omm iċċertifikati jew tal-materjal prebażiku ċċertifikat.

2. Rigward il-kampjunar u l-ittestjar, kif previst fil-paragrafu 1, l-Istati Membri għandhom japplikaw il-protokolli tal-OEPP, jew protokolli oħra li huma rikonoxxuti f’livell internazzjonali. F’każ li dawn il-protokolli ma jkunux jeżistu, il-korp uffiċjali responsabbli għandu japplika l-protokolli rilevanti stabbiliti fil-livell nazzjonali. F’dak il-każ, jekk jintalbu, l-Istati Membri għandhom iqiegħdu dawk il-protokolli għad-disponibbiltà tal-Istati Membri l-oħra u għall-Kummissjoni.

Il-korp uffiċjali responsabbli, u meta jixraq, il-fornitur, għandhom jippreżentaw il-kampjuni lil-laboratorji li huma aċċettati uffiċjalment mill-korp uffiċjali responsabbli.

3. Jekk ikun hemm riżultat ta’ test pożittiv għal xi RNQPs elenkati fl-Annessi I u II, rigward il-ġeneru jew l-ispeċi kkonċernati, il-fornitur għandu jneħħi l-pjanta omm iċċertifikata jew il-materjal iċċertifikat infestati mill-inħawi tal-pjanti omm iċċertifikati l-oħrajn u tal-materjal iċċertifikat l-ieħor skont l-Artikolu 20(7) jew l-Artikolu 20(8), jew jieħdu l-miżuri xierqa skont l-Anness IV.

▼M1

4. Il-miżuri li jiżguraw il-konformità mar-rekwiżiti tal-paragrafu 1 huma stabbiliti fl-Anness IV, skont il-ġeneru jew l-ispeċi u l-kategorija kkonċernati.

▼M2

5. Il-paragrafu 1 ma għandux japplika għal:

(a) pjanti omm ċertifikati u materjal ċertifikat matul il-krijopreservazzjoni;

(b) materjal iċċertifikat fejn dak il-materjal ikun ġie prodott f'żoni magħrufa jew stabbiliti li huma ħielsa mill-pesti rilevanti f'konformità mal-istandards internazzjonali rilevanti għall-miżuri fitosanitarji (Requirements for the establishment of pest free areas. ISPM Nru 4 (1995), Ruma, IPPC, FAO 2017).

▼B

*Artikolu 22*

▼M1

**Rekwiżiti għall-ħamrija tal-pjanti omm iċċertifikati u tal-materjal iċċertifikat**

▼B

1. Pjanti omm iċċertifikati jistgħu jiġu mkabbra biss f'ħamrija li hija ħielsa mill-organiżmi ta' ħsara kollha elenkati fl-Anness III, skont il-ġeneru jew l-ispeċi kkonċernata, u li hija ħielsa minn dawk l-organiżmi ta' ħsara li jġorru vajrusis li jaffettwaw lil dak il-ġeneru jew speċi. Il-fatt li l-ħamrija hija ħielsa minn dawn l-organiżmi ta' ħsara li jġorru vajrusis għandu jiġi stabbilit permezz ta' kkampjunar u ttestjar.

Dak l-ikkampjunar għandu jitwettaq mill-korp uffiċjali responsabbli u, meta jixraq, mill-fornitur.

L-ikkampjunar u l-ittestjar għandhom jitwettqu qabel ma l-pjanta omm iċċertifikata tiġi mħawla, u dawn għandhom jerġgħu jsiru waqt it-tkabbir f'każ li jkun hemm suspett dwar il-preżenza tal-organiżmi ta' ħsara msemmija fis-subparagrafu 1.

L-ikkampjunar u l-ittestjar għandhom jitwettqu filwaqt li jitqiesu l-kundizzjonijiet klimatiċi u l-bijoloġija tal-organiżmi ta' ħsara elenkati fl-Anness III, u meta dawk l-organiżmi ta' ħsara jkunu rilevanti għall-pjanti omm iċċertifikati jew għall-materjal iċċertifikat ikkonċernat.

2. L-ikkampjunar u l-ittestjar ma għandhomx jitwettqu f'każijiet meta l-pjanti li jkun fihom l-organiżmi ta' ħsara elenkati fl-Anness III, għall-ġeneru jew l-ispeċi kkonċernata, ma jkunux ġew imkabbra fil-ħamrija ta' produzzjoni għal perjodu ta' mill-inqas ħames snin, u f'każijiet fejn ma jkunx hemm dubju dwar in-nuqqas tal-organiżmi ta' ħsara rilevanti f'dik il-ħamrija.

L-ikkampjunar u l-ittestjar ma għandhomx jitwettqu meta l-korp uffiċjali responsabbli jikkonkludi, fuq il-bażi ta' spezzjoni uffiċjali, li l-ħamrija hija ħielsa mill-organiżmi ta' ħsara kollha elenkati fl-Anness III, għall-ġeneru jew l-ispeċi kkonċernata, u li jġorru vajrusis li jaffettwaw lil dak il-ġeneru jew speċi.

▼M1

Sakemm ma jkunx indikat mod ieħor, l-ikkampjunar u l-ittestjar ma għandhomx jitwettqu fil-każ ta' pjanti tal-frott iċċertifikati.

▼B

3. Fil-każ ta' kkampjunar u ttestjar, kif imsemmi fil-paragrafu 1, l-Istati Membri għandhom japplikaw protokolli tal-EPPO, jew protokolli oħra li huma rikonoxxuti f'livell internazzjonali. F'każ li dawn il-protokolli ma jkunux jeżistu, l-Istati Membri għandhom japplikaw il-protokolli rilevanti stabbiliti f'livell nazzjonali. F'dak il-każ, l-Istati Membri għandhom, fuq talba, jagħmlu dawk il-protokolli disponibbli għall-Istati Membri l-oħra u għall-Kummissjoni.

▼B

*TAQSIMA 4*

***Rekwiżiti għall-materjal CAC***

*Artikolu 23*

**Rekwiżiti għall-materjal CAC, għajr riżomi li mhumiex parti minn varjetà**

1. Materjal CAC, għajr riżomi li mhumiex parti minn varjetà, jista' jiġi kummerċjalizzat biss jekk jinstab li jissodisfa r-rekwiżiti li ġejjin:

(a) huwa propagat minn sors identifikat ta' materjal irreġistrat mill-fornitur;

(b) jaqbel mad-deskrizzjoni tal-varjetà, b'konformità mal-Artikolu 25;

(c) ikunu konformi mar-rekwiżiti tal-Artikolu 26 dwar is-saħħa;

(d) ikunu konformi mal-Artikolu 27 fir-rigward tad-difetti.

2. L-azzjonijiet li jridu jsiru biex ikun hemm konformità mal-paragrafu 1 għandhom jitwettqu mill-fornitur.

3. F'każ li l-materjal CAC ma jibqax konformi mal-paragrafu 1, il-fornitur għandu jwettaq waħda minn dawn l-azzjonijiet li ġejjin:

(a) ineħħi dak il-materjal minn ma' viċin materjal CAC ieħor; jew

(b) jieħu miżuri xierqa biex jiżgura li dak il-materjal jerġa' jkun konformi ma' dawk ir-rekwiżiti.

*Artikolu 24*

**Kundizzjonijiet għall-materjal CAC fil-każ ta' riżomi li mhumiex parti minn varjetà**

1. Fil-każ ta' riżomi li mhumiex parti minn varjetà, il-materjal CAC għandu jkun konformi mar-rekwiżiti li ġejjin:

(a) jaqbel bis-sħiħ mad-deskrizzjoni tal-ispeċi li huwa parti minnha;

(b) ikunu konformi mar-rekwiżiti tal-Artikolu 26 dwar is-saħħa;

(c) ikunu konformi mal-Artikolu 27 fir-rigward tad-difetti.

2. L-azzjonijiet li jridu jsiru biex ikun hemm konformità mar-rekwiżiti tal-paragrafu 1 għandhom jitwettqu mill-fornitur.

3. F'każ li l-materjal CAC ma jibqax konformi mar-rekwiżiti tal-paragrafu 1, il-fornitur għandu jwettaq waħda minn dawn l-azzjonijiet li ġejjin:

(a) ineħħi dak il-materjal minn ma' viċin materjal CAC ieħor; jew

(b) jieħu miżuri xierqa biex jiżgura li dak il-materjal jerġa' jkun konformi ma' dawk ir-rekwiżiti.

▼B

*Artikolu 25*

**Eżattezza tal-qbil mad-deskrizzjoni tal-varjetà**

1. L-eżattezza tal-qbil ta' materjal CAC mad-deskrizzjoni tal-varjetà tiegħu għandha tiġi stabbilita permezz tal-osservazzjoni tal-espressjoni tal-karatterisitiki tal-varjetà. Din l-osservazzjoni għandha tkun ibbażata fuq wieħed minn dawn l-elementi li ġejjin:

(a) id-deskrizzjoni uffiċjali għall-varjetajiet irreġistrati, kif imsemmija fid-Direttiva ta' Implimentazzjoni 2014/97/UE, u tal-varjetajiet protetti legalment permezz ta' dritt fuq varjetà ta' pjanta; jew

(b) id-deskrizzjoni li takkumpanja l-applikazzjoni għal varjetajiet li huma s-suġġett ta' applikazzjoni għal reġistrazzjoni fi kwalunkwe Stat Membru, kif fid-Direttiva ta' Implimentazzjoni 2014/97/UE;

(c) id-deskrizzjoni li takkumpanja l-applikazzjoni għal dritt fuq varjetà ta' pjanta;

(d) id-deskrizzjoni rikonoxxuta b'mod uffiċjali ta' varjetà kif imsemmi fl-Artikolu 7(2)(c)(iii) tad-Direttiva 2008/90/KE.

2. L-eżattezza tal-qbil tal-materjal CAC mad-deskrizzjoni tal-varjetà tiegħu għandha tiġi verifikata fuq bażi regolari permezz tal-osservazzjoni tal-espressjoni tal-karatterisitiki tal-varjetà fil-materjal CAC ikkonċernat.

▼M1

*Artikolu 26*

**Rekwiżiti dwar is-saħħa għall-materjal CAC**

1. Meta l-fornitur iwettaq l-ispezzjonijiet viżwali fil-faċilitajiet, fl-għelieqi u fuq il-biċċiet ta’ art, skont kif xieraq għall-ġeneru jew l-ispeċi kkonċernata, il-materjal CAC għandu jkun prattikament ħieles mill-pesti elenkati fl-Annessi I u II, sakemm ma jkunx indikat mod ieħor fl-Anness IV.

Il-fornitur għandu jwettaq l-ikkampjunar u l-ittestjar tas-sors identifikat tal-materjal jew tal-materjal CAC għall-RNQPs elenkati fl-Anness II u soġġett għar-rekwiżiti tal-Anness IV, skont kif jixraq għall-ġeneru jew l-ispeċi u l-kategorija kkonċernati.

F’każ ta’ suspett tal-preżenza tal-RNQPs elenkati fl-Anness I, il-fornitur, għandu jwettaq l-ikkampjunar u l-ittestjar tas-sors identifikat tal-materjal jew tal-materjal CAC ikkonċernat.

Wara l-istadju tal-produzzjoni, il-lottijiet tal-materjal tal-propagazzjoni CAC u tal-pjanti tal-frott CAC għandhom jiġu kkummerċjalizzati biss jekk waqt spezzjoni viżwali li jwettaq il-fornitur jinsab li jkunu ħielsa minn kull sinjal jew sintomu tal-pesti elenkati fl-Annessi I u II.

Il-fornitur għandu jwettaq il-miżuri biex jiżgura l-konformità mar-rekwiżiti tal-paragrafu 1 skont l-Anness IV, skont kif xieraq għall-ġeneru jew l-ispeċi u l-kategorija kkonċernati.

▼M2

2. Il-paragrafu 1 ma għandux japplika għal:

(a) materjal CAC matul il-krijopreservazzjoni;

▼M2

(b) materjal CAC fejn dak il-materjal ikun ġie prodott f'żoni magħrufa, jew stabbiliti li huma ħielsa mill-pesti rilevanti f'konformità mal-istandards internazzjonali rilevanti għall-miżuri fitosanitarji (Requirements for the establishment of pest free areas. ISPM Nru 4 (1995), Ruma, IPPC, FAO 2017).

▼B

*Artikolu 27*

**Rekwiżiti li jikkonċernaw id-difetti**

Fuq il-bażi ta' spezzjoni viżwali, il-materjal CAC għandu jinstab prattikament ħieles mid-difetti. Ħsara fiżika, telf tal-kulur, ċikatriċi jew tnixxif għandhom jitqiesu bħala difetti, jekk dawn jaffettwaw il-kwalità u l-utilità bħala materjal tal-propagazzjoni.

▼M1

*Artikolu 27 a*

**Rekwiżiti għas-sit tal-produzzjoni, għall-post tal-produzzjoni jew għaż-żona**

Minbarra r-rekwiżiti dwar is-saħħa u l-ħamrija tal-Artikoli 9, 10, 11, 16, 17, 21, 22 u 26, il-materjal tal-propagazzjoni u l-pjanti tal-frott għandhom jiġu prodotti skont ir-rekwiżiti għas-sit tal-produzzjoni, għall-post tal-produzzjoni, jew għaż-żona kif stabbilit fl-Anness IV, biex tiġi limitata l-preżenza tal-RNQPs elenkati f'dak l-Anness għall-ġeneru jew għall-ispeċi kkonċernati.

▼B

KAPITOLU 3

**REKWIŻITI SPEĊIFIĊI GĦAL FORNITURI INVOLUTI FIL-PRODUZZJONI JEW IR-RIPRODUZZJONI TA' MATERJAL TAL-PROPAGAZZJONI U TA' PJANTI TAL-FROTT**

*Artikolu 28*

**Pjan biex jiġu identifikati u mmonitorjati punti kruċjali fil-proċess ta' produzzjoni**

Waqt il-produzzjoni ta' materjal tal-propagazzjoni u ta' pjanti tal-frott, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-fornituri jkollhom fis-seħħ pjan biex jidentifikaw u jimmonitorjaw punti kruċjali fil-proċess ta' produzzjoni tal-materjal tal-propagazzjoni u tal-pjanti tal-frott, skont kif xieraq għall-ġeneri jew l-ispeċijiet rilevanti. Dak il-pjan għandu jikkonċerna mill-anqas l-elementi li ġejjin:

(a) il-post fejn jinsabu l-pjanti, u l-għadd tagħhom;

(b) kemm idumu biex jiġu mkabbra;

(c) l-operazzjonijiet għall-propagazzjoni;

(d) l-operazzjonijiet għall-imballaġġ, il-ħżin u t-trasport.

*Artikolu 29*

**Iż-żamma ta' informazzjoni dwar il-monitoraġġ b'mod li din tkun disponibbli**

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-fornituri jżommu reġistri bl-informazzjoni dwar il-monitoraġġ tal-punti kritiċi, kif imsemmi fl-Artikolu 6(1) tad-Direttiva 2008/90/KE u, fuq talba, għandhom jagħmluhom disponibbli biex jiġu eżaminati.

▼B

2. Dawk ir-rekords għandhom jibqgħu disponibbli għal perjodu ta' mill-inqas tliet snin minn meta jkun ġie prodott il-materjal ikkonċernat.

3. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-fornituri jżommu reġistri tal-ispezzjonijiet tal-għelieqi, tal-ikkampjunar u tal-ittestjar għat-tul ta' żmien li matulu l-materjal tal-propagazzjoni u l-pjanti tal-frott rispettivi jkunu jinsabu taħt il-kontroll tagħhom, u għal perjodu ta' mill-inqas tliet snin wara li dan il-materjal tal-propagazzjoni u dawk il-pjanti tal-frott ikunu tneħħew jew ikunu ġew ikkummerċjalizzati.

KAPITOLU 4

## SPEZZJONIJIET UFFIĊJALI

*Artikolu 30*

### Rekwiżiti ġenerali dwar l-ispezzjonijiet uffiċjali

1. L-ispezzjonijiet uffiċjali għandhom jikkonsistu minn spezzjonijiet viżwali u, fejn xieraq, minn ikkampjunar u ttestjar.

2. Waqt l-ispezzjonijiet uffiċjali, il-korp uffiċjali responsabbli għandu jagħti attenzjoni partikolari lil dawn l-elementi li ġejjin:

(a) l-adegwatezza u l-użu proprju tal-metodi li jagħmel użu minnhom il-fornitur biex jiċċekkja l-punti kritiċi kollha fil-proċess tal-produzzjoni;

(b) il-kompetenza ġenerali tal-istaff tal-fornitur fir-rigward tat-twettiq tal-attivitajiet stipulati fl-Artikolu 6(1) tad-Direttiva 2008/90/KE.

3. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-korpi uffiċjali responsabbli jipproduċu u jżommu rekords tar-riżultati u tad-dati tal-ispezzjonijiet, tal-ikkampjunar u tal-ittestjar li jwettqu.

KAPITOLU 5

## DISPOŻIZZJONIJIET FINALI

*Artikolu 31*

### Traspożizzjoni

1. L-Istati Membri għandhom jadottaw u jippubblikaw, sa mhux aktar tard mill-31 ta' Diċembru 2016, il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi meħtieġa sabiex ikunu konformi ma' din id-Direttiva. Għandhom jikkomunikaw it-test ta' dawk id-dispożizzjonijiet lill-Kummissjoni minnufih.

Huma għandhom japplikaw dawn id-dispożizzjonijiet mill-1 ta' Jannar 2017.

Meta l-Istati Membri jadottaw dawk id-dispożizzjonijiet, dawn għandhom jirreferu għal din id-Direttiva jew ikunu akkumpanjati mit-tali referenza waqt il-pubblikazzjoni uffiċjali tagħhom. L-Istati Membri għandhom jiddeċiedu kif għandha ssir it-tali referenza.

2. L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni t-test tad-dispożizzjonijiet ewlenin tal-liġi nazzjonali li huma jadottaw fil-qasam kopert b'din id-Direttiva.

▼M2

*Artikolu 32*

**Miżuri tranżizzjonali**

Sal-31 ta’ Diċembru 2029, l-Istati Membri jistgħu jippermettu l-kummerċjalizzazzjoni ta’ żrieragħ u nebbieta prodotti minn pjanti omm prebażiċi, bażiċi u ċċertifikati jew minn materjal CAC li kienu jeżistu qabel l-1 ta’ Jannar 2017, u li jkunu ġew iċċertifikati uffiċjalment jew jissodisfaw il-kundizzjonijiet biex jiġu kkwalifikati bħala materjal CAC qabel l-31 ta’ Diċembru 2029. Meta jkunu kummerċjalizzati, dawn il-materjali għandhom jiġu identifikati b’referenza għal dan l-Artikolu fuq it-tikketta u dokument.

▼B

*Artikolu 33*

**Revoka**

Id-Direttiva 93/48/KEE u d-Direttiva 93/64/KEE qed jiġu revokati.

*Artikolu 34*

**Dħul fis-seħħ**

Din id-Direttiva għandha tidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara l-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

*Artikolu 35*

**Destinatarji**

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri.

▼M1

*ANNESS I*

**Lista ta' RNQPs li jeħtieġ li ssir spezzjoni viżwali u, f'każ ta' suspett, li jsiru anki kkampjunar u ttestjar biex tiġi vverifikata l-preżenza tagħhom skont l-Artikolu 9(1), l-Artikolu 10(1), l-Artikolu 16(1), l-Artikolu 21(1) u l-Artikolu 26(1)**

| Generu jew speċi | RNQPs |
|---|---|
| ***Castanea sativa* Mill.** | **Fungi u oomiċeti** |
| | *Cryphonectria parasitica* (Murrill) Barr [ENDOPA] |
| | *Mycosphaerella punctiformis* Verkley & U. Braun [RAMUEN] |
| | *Phytophthora cambivora* (Petri) Buisman [PHYTCM] |
| | *Phytophthora cinnamomi* Rands [PHYTCN] |
| | **Viruses, virojdi, mard li jixbaħ il-viruses u fitoplażmi** |
| | Chestnut mosaic agent |
| ***Citrus* L., *Fortunella* Swingle, *Poncirus* Raf.** | **Fungi u oomiċeti** |
| | *Phytophthora citrophthora* (R.E.Smith & E.H.Smith) Leonian [PHYTCO ] |
| | *Phytophthora nicotianae* var. *parasitica* (Dastur) Waterhouse [PHYTNP] |
| | **Insetti u akari** |
| | *Aleurothrixus floccosus* Maskell [ALTHFL] |
| | *Parabemisia myricae* Kuwana [PRABMY] |
| | **Nematodi** |
| | *Pratylenchus vulnus* Allen & Jensen [PRATVU] |
| | *Tylenchulus semipenetrans* Cobb [TYLESE] |
| ***Corylus avellana* L.** | **Batterji** |
| | *Pseudomonas avellanae* Janse *et al.* [PSDMAL] |
| | *Xanthomonas arboricola* pv. *Corylina* (Miller, Bollen, Simmons, Gross & Barss) Vauterin, Hoste, Kersters & Swings [XANTCY] |
| | **Fungi u oomiċeti** |
| | *Armillariella mellea* (Vahl) Kummer [ARMIME] |
| | *Verticillium albo-atrum* Reinke & Berthold [VERTAA] |
| | *Verticillium dahliae* Kleb [VERTDA] |
| | **Insetti u akari** |
| | *Phytoptus avellanae* Nalepa [ERPHAV] |
| ***Cydonia oblonga* Mill. u *Pyrus* L.** | **Batterji** |
| | *Agrobacterium tumefaciens* (Smith & Townsend) Conn [AGRBTU] |
| | *Erwinia amylovora* (Burrill) Winslow *et al.* [ERWIAM] |
| | *Pseudomonas syringae* pv. *Syringae* van Hall [PSDMSY] |

▼**M1**

| Generu jew speċi | RNQPs |
|---|---|
| | **Fungi u oomiċeti** |
| | *Armillariella mellea* (Vahl) Kummer [ARMIME] |
| | *Chondrostereum purpureum* Pouzar [STERPU] |
| | *Glomerella cingulata* (Stoneman) Spaulding & von Schrenk [GLOMCI] |
| | *Neofabraea alba* Desmazières [PEZIAL] |
| | *Neofabraea malicorticis* Jackson [PEZIMA] |
| | *Neonectria ditissima* (Tulasne & C. Tulasne) Samuels & Rossman [NECTGA] |
| | *Phytophthora cactorum* (Lebert & Cohn) J.Schröter [PHYTCC] |
| | *Sclerophora pallida* Yao & Spooner [SKLPPA] |
| | *Verticillium albo-atrum* Reinke & Berthold [VERTAA] |
| | *Verticillium dahliae* Kleb [VERTDA] |
| | **Insetti u akari** |
| | *Eriosoma lanigerum* Hausmann [ERISLA] |
| | *Psylla* spp. Geoffroy [1PSYLG] |
| | **Nematodi** |
| | *Meloidogyne hapla* Chitwood [MELGHA] |
| | *Meloidogyne javanica* Chitwood [MELGJA] |
| | *Pratylenchus penetrans* (Cobb) Filipjev & Schuurmans-Stekhoven [PRATPE] |
| | *Pratylenchus vulnus* Allen & Jensen [PRATVU] |
| ***Ficus carica* L.** | **Batterji** |
| | *Xanthomonas campestris* pv. *fici* (Cavara) Dye [XANTFI] |
| | **Fungi u oomiċeti** |
| | *Armillariella mellea* (Vahl) Kummer [ARMIME] |
| | **Insetti u akari** |
| | *Ceroplastes rusci* Linnaeus [CERPRU] |
| | **Nematodi** |
| | *Heterodera fici* Kirjanova [HETDFI] |
| | *Meloidogyne arenaria* Chitwood [MELGAR] |
| | *Meloidogyne incognita* (Kofold & White) Chitwood [MELGIN] |
| | *Meloidogyne javanica* Chitwood [MELGJA] |
| | *Pratylenchus penetrans* (Cobb) Filipjev & Schuurmans-Stekhoven [PRATPE] |
| | *Pratylenchus vulnus* Allen & Jensen [PRATVU] |
| | **Viruses, virojdi, mard li jixbaħ il-viruses u fitoplażmi** |
| | Fig mosaic agent [FGM000] |

▼**M1**

| Generu jew speċi | RNQPs |
|---|---|
| ***Fragaria* L.** | **Batterji**<br>*Candidatus* Phlomobacter *fragariae* Zreik, Bové & Garnier [PHMBFR]<br>**Fungi u oomiċeti**<br>*Podosphaera aphanis* (Wallroth) Braun & Takamatsu [PODOAP]<br>*Rhizoctonia fragariae* Hussain & W.E.McKeen [RHIZFR]<br>*Verticillium albo-atrum* Reinke & Berthold [VERTAA]<br>*Verticillium dahliae* Kleb [VERTDA]<br>**Insetti u akari**<br>*Chaetosiphon fragaefolii* Cockerell [CHTSFR]<br>*Phytonemus pallidus* Banks [TARSPA]<br>**Nematodi**<br>*Ditylenchus dipsaci* (Kuehn) Filipjev [DITYDI]<br>*Meloidogyne hapla* Chitwood [MELGHA]<br>*Pratylenchus vulnus* Allen & Jensen [PRATVU]<br>**Viruses, virojdi, mard li jixbaħ il-viruses u fitoplażmi**<br>*Candidatus* Phytoplasma *asteris* Lee *et al.* [PHYPAS]<br>►**M2** ———— ◄<br>*Candidatus* Phytoplasma *fragariae* Valiunas, Staniulis & Davis [PHYPFG]<br>*Candidatus* Phytoplasma *pruni* [PHYPPN]<br>*Candidatus* Phytoplasma *solani* Quaglino *et al.* [PHYPSO]<br>*Clover phyllody* phytoplasma [PHYP03]<br>Strawberry multiplier disease phytoplasma [PHYP75] |
| ***Juglans regia* L.** | **Batterji**<br>*Agrobacterium tumefaciens* (Smith & Townsend) Conn [AGRBTU]<br>*Xanthomonas arboricola* pv. *Juglandi* (Pierce) Vauterin *et al.* [XANTJU]<br>**Fungi u oomiċeti**<br>*Armillariella mellea* (Vahl) Kummer [ARMIME]<br>*Chondrostereum purpureum* Pouzar [STERPU]<br>*Neonectria ditissima* (Tulasne & C. Tulasne) Samuels & Rossman [NECTGA]<br>*Phytophthora cactorum* (Lebert & Cohn) J.Schröter [PHYTCC]<br>**Insetti u akari**<br>*Epidiaspis leperii* Signoret [EPIDBE]<br>*Pseudaulacaspis pentagona* Targioni-Tozzetti [PSEAPE]<br>*Quadraspidiotus perniciosus* Comstock [QUADPE] |

▼**M1**

| Generu jew speċi | RNQPs |
|---|---|
| ***Malus* Mill.** | **Batterji**<br><br>*Agrobacterium tumefaciens* (Smith & Townsend) Conn [AGRBTU]<br><br>*Erwinia amylovora* (Burrill) Winslow *et al.* [ERWIAM]<br><br>*Pseudomonas syringae* pv. *Syringae* van Hall [PSDMSY]<br><br>**Fungi u oomiċeti**<br><br>*Armillariella mellea* (Vahl) Kummer [ARMIME]<br><br>*Chondrostereum purpureum* Pouzar [STERPU]<br><br>*Glomerella cingulata* (Stoneman) Spaulding & von Schrenk [GLOMCI]<br><br>*Neofabraea alba* Desmazières [PEZIAL]<br><br>*Neofabraea malicorticis* Jackson [PEZIMA]<br>*Neonectria ditissima* (Tulasne & C. Tulasne) Samuels & Rossman [NECTGA]<br>*Phytophthora cactorum* (Lebert & Cohn) J.Schröter [PHYTCC]<br>*Sclerophora pallida* Yao & Spooner [SKLPPA]<br>*Verticillium albo-atrum* Reinke & Berthold [VERTAA]<br>*Verticillium dahliae* Kleb [VERTDA]<br><br>**Insetti u akari**<br><br>*Eriosoma lanigerum* Hausmann [ERISLA]*Psylla* spp. Geoffroy [1PSYLG]<br><br>**Nematodi**<br><br>*Meloidogyne hapla* Chitwood [MELGHA]<br>*Meloidogyne javanica* Chitwood [MELGJA]<br>*Pratylenchus penetrans* (Cobb) Filipjev & Schuurmans-Stekhoven [PRATPE]<br>*Pratylenchus vulnus* Allen & Jensen [PRATVU] |
| ***Olea europaea* L.** | **Batterji**<br><br>*Pseudomonas savastanoi* pv. *savastanoi* (Smith) Gardan *et al.* [PSDMSA]<br><br>**Nematodi**<br><br>*Meloidogyne arenaria* Chitwood [MELGAR]<br>*Meloidogyne incognita* (Kofold & White) Chitwood [MELGIN]<br>*Meloidogyne javanica* Chitwood [MELGJA]<br>*Pratylenchus vulnus* Allen & Jensen [PRATVU]<br><br>**Viruses, virojdi, mard li jixbaħ il-viruses u fitoplażmi**<br><br>Olive leaf yellowing-associated virus [OLYAV0]<br>Olive vein yellowing-associated virus [OVYAV0]<br>Olive yellow mottling and decline associated virus [OYMDAV] |

▼M1

| Generu jew speċi | RNQPs |
|---|---|
| ***Pistacia vera* L.** | **Fungi u oomiċeti**<br>*Phytophthora cambivora* (Petri) Buisman [PHYTCM]<br>*Phytophthora cryptogea* Pethybridge & Lafferty [PHYTCR]<br>*Rosellinia necatrix* Prillieux [ROSLNE]<br>*Verticillium dahliae* Kleb [VERTDA]<br>**Nematodi**<br>*Pratylenchus penetrans* (Cobb) Filipjev & Schuurmans-Stekhoven [PRATPE]<br>*Pratylenchus vulnus* Allen & Jensen [PRATVU] |
| ***Prunus domestica* L., u *Prunus dulcis* (Miller) Webb** | **Batterji**<br>*Agrobacterium tumefaciens* (Smith & Townsend) Conn [AGRBTU]<br>*Pseudomonas syringae* pv. *morsprunorum* (Wormald) Young, Dye & Wilkie [PSDMMP]<br>**Fungi u oomiċeti**<br>*Phytophthora cactorum* (Lebert & Cohn) J.Schröter [PHYTCC]<br>*Verticillium dahliae* Kleb [VERTDA]<br>**Insetti u akari**<br>*Pseudaulacaspis pentagona* Targioni-Tozzetti [PSEAPE]<br>*Quadraspidiotus perniciosus* Comstock [QUADPE]<br>**Nematodi**<br>*Meloidogyne arenaria* Chitwood [MELGAR]<br>*Meloidogyne incognita* (Kofold & White) Chitwood [MELGIN]<br>*Meloidogyne javanica* Chitwood [MELGJA]<br>*Pratylenchus penetrans* (Cobb) Filipjev & Schuurmans-Stekhoven [PRATPE]<br>*Pratylenchus vulnus* Allen & Jensen [PRATVU] |
| ***Prunus armeniaca* L.** | **Batterji**<br>*Agrobacterium tumefaciens* (Smith & Townsend) Conn [AGRBTU]<br>*Pseudomonas syringae* pv. *morsprunorum* (Wormald) Young, Dye & Wilkie [PSDMMP]<br>*Pseudomonas syringae* pv. *Syringae* van Hall [PSDMSY]<br>*Pseudomonas viridiflava* (Burkholder) Dowson [PSDMVF]<br>**Fungi u oomiċeti**<br>*Phytophthora cactorum* (Lebert & Cohn) J.Schröter [PHYTCC]<br>*Verticillium dahliae* Kleb [VERTDA]<br>**Insetti u akari**<br>*Pseudaulacaspis pentagona* Targioni-Tozzetti [PSEAPE]<br>*Quadraspidiotus perniciosus* Comstock [QUADPE] |

▼M1

| Generu jew speċi | RNQPs |
|---|---|
| | **Nematodi** |
| | *Meloidogyne arenaria* Chitwood [MELGAR] |
| | *Meloidogyne incognita* (Kofold & White) Chitwood [MELGIN] |
| | *Meloidogyne javanica* Chitwood [MELGJA] |
| | *Pratylenchus penetrans* (Cobb) Filipjev & Schuurmans-Stekhoven [PRATPE] |
| | *Pratylenchus vulnus* Allen & Jensen [PRATVU] |
| ***Prunus avium* L. u *Prunus cerasus* L.** | **Batterji** |
| | *Agrobacterium tumefaciens* (Smith & Townsend) Conn [AGRBTU] |
| | *Pseudomonas syringae* pv. *morsprunorum* (Wormald) Young, Dye & Wilkie [PSDMMP] |
| | **Fungi u oomiċeti** |
| | *Phytophthora cactorum* (Lebert & Cohn) J.Schröter [PHYTCC] |
| | **Insetti u akari** |
| | *Quadraspidiotus perniciosus* Comstock [QUADPE] |
| | **Nematodi** |
| | *Meloidogyne arenaria* Chitwood [MELGAR] |
| | *Meloidogyne incognita* (Kofold & White) Chitwood [MELGIN] |
| | *Meloidogyne javanica* Chitwood [MELGJA] |
| | *Pratylenchus penetrans* (Cobb) Filipjev & Schuurmans-Stekhoven [PRATPE] |
| | *Pratylenchus vulnus* Allen & Jensen [PRATVU] |
| ***Prunus persica* (L.) Batsch u *Prunus salicina* Lindley** | **Batterji** |
| | *Agrobacterium tumefaciens* (Smith & Townsend) Conn [AGRBTU] |
| | *Pseudomonas syringae* pv. *morsprunorum* (Wormald) Young, Dye & Wilkie [PSDMMP] |
| | *Pseudomonas syringae* pv. *persicae* (Prunier, Luisetti &. Gardan) Young, Dye & Wilkie [PSDMPE] |
| | **Fungi u oomiċeti** |
| | *Phytophthora cactorum* (Lebert & Cohn) J.Schröter [PHYTCC] |
| | *Verticillium dahliae* Kleb [VERTDA] |
| | **Insetti u akari** |
| | *Pseudaulacaspis pentagona* Targioni-Tozzetti [PSEAPE] |
| | *Quadraspidiotus perniciosus* Comstock [QUADPE] |
| | **Nematodi** |
| | *Meloidogyne arenaria* Chitwood [MELGAR] |
| | *Meloidogyne incognita* (Kofold & White) Chitwood [MELGIN] |
| | *Meloidogyne javanica* Chitwood [MELGJA] |
| | *Pratylenchus penetrans* (Cobb) Filipjev & Schuurmans-Stekhoven [PRATPE] |
| | *Pratylenchus vulnus* Allen & Jensen [PRATVU] |

▼M1

| Generu jew speċi | RNQPs |
|---|---|
| ***Ribes*** **L.** | **Fungi u oomiċeti**<br>*Diaporthe strumella* (Fries) Fuckel [DIAPST]<br>*Microsphaera grossulariae* (Wallroth) Léveillé [MCRSGR]<br>*Podosphaera mors-uvae* (Schweinitz) Braun & Takamatsu [SPHRMU]<br>**Insetti u akari**<br>*Cecidophyopsis ribis* Westwood [ERPHRI]<br>*Dasineura tetensi* Rübsaamen [DASYTE]<br>*Pseudaulacaspis pentagona* Targioni-Tozzetti [PSEAPE]<br>*Quadraspidiotus perniciosus* Comstock [QUADPE]<br>*Tetranychus urticae* Koch [TETRUR]<br>**Nematodi**<br>*Aphelenchoides ritzemabosi* (Schwartz) Steiner & Buhrer [APLORI]<br>*Ditylenchus dipsaci* (Kuehn) Filipjev [DITYDI]<br>**Viruses, virojdi, mard li jixbaħ il-viruses u fitoplażmi**<br>l-aġenti tal-Aucuba mosaic u tal-blackcurrant yellows flimkien |
| ***Rubus*** **L.** | **Batterji**<br>*Agrobacterium* spp. Conn [1AGRBG]<br>*Rhodococcus fascians* Tilford [CORBFA]<br>**Fungi u oomiċeti**<br>*Peronospora rubi* Rabenhorst [PERORU]<br>**Insetti u akari**<br>*Resseliella theobaldi* Barnes [THOMTE] |
| ***Vaccinium*** **L.** | **Batterji**<br>*Agrobacterium tumefaciens* (Smith & Townsend) Conn [AGRBTU]<br>**Fungi u oomiċeti**<br>*Diaporthe vaccinii* Shear [DIAPVA]<br>*Exobasidium vaccinii* (Fuckel) Woronin [EXOBVA]<br>*Godronia cassandrae* (anamorph Topospora myrtilli) Peck [GODRCA] |

▼M1

*ANNESS II*

**Lista ta' RNQPs li biex tiġi vverifikata l-preżenza tagħhom skont l-Artikolu 9(2) u (4), l-Artikolu 10(1), l-Artikolu 16(1), l-Artikolu 21(1) u l-Artikolu 26(1) u l-Anness IV jeħtieġ li ssir spezzjoni viżwali u, f'każ ta' suspett, jittieħdu l-kampjuni u jsiru t-testijiet.**

| Generu jew speċi | RNQPs |
|---|---|
| ▼M2 | |
| Castanea sativa Mill. | **Fungi u oomiċeti** |
| | *Phytophthora ramorum* (iżolati tal-UE) Werres, De Cock & Man in 't Veld [PHYTRA] |
| ▼M1 | |
| ***Citrus* L., *Fortunella* Swingle u *Poncirus* Raf.** | **Batterji** |
| | *Spiroplasma citri* Saglio *et al.* [SPIRCI] |
| | **Fungi u oomiċeti** |
| | *Plenodomus tracheiphilus* (Petri) Gruyter, Aveskamp & Verkley [DEUTTR] |
| | **Viruses, virojdi, mard li jixbaħ il-viruses u fitoplażmi** |
| | *Citrus cristacortis* agent [CSCC00] |
| | *Citrus exocortis* viroid [CEVD00] |
| | *Citrus impietratura* agent [CSI000] |
| | *Citrus* leaf blotch virus [CLBV00] |
| | *Citrus psorosis* vírus [CPSV00] |
| | *Citrus tristeza* virus (iżolati tal-UE) [CTV000] |
| | *Citrus* variegation virus [CVV000] |
| | Hop stunt viroid [HSVD00] |
| ***Corylus avellana* L.** | **Viruses, virojdi, mard li jixbaħ il-viruses u fitoplażmi** |
| | Apple mosaic virus [APMV00] |
| ***Cydonia oblonga* Mill.** | **Viruses, virojdi, mard li jixbaħ il-viruses u fitoplażmi** |
| | Apple chlorotic leaf spot virus [ACLSV0] |
| | Apple rubbery wood agent [ARW000] |
| | Apple stem grooving virus [ASGV00] |
| | Apple stem-pitting virus [ASPV00] |
| | Pear bark necrosis agent [PRBN00] |
| | Pear bark split agent [PRBS00] |
| | Pear blister canker viroid [PBCVD0] |
| | Pear rough bark agent [PRRB00] |
| | Quince yellow blotch agent [ARW000] |

▼M1

| Generu jew speċi | RNQPs |
|---|---|
| ***Fragaria* L.** | **Batterji**<br><br>*Xanthomonas fragariae* Kennedy & King [XANTFR]<br><br>**Fungi u oomiċeti**<br><br>*Colletotrichum acutatum* Simmonds [COLLAC]<br><br>*Phytophthora cactorum* (Lebert & Cohn) J.Schröter [PHYTCC]<br><br>*Phytophthora fragariae* C.J. Hickman [PHYTFR]<br><br>**Nematodi**<br><br>*Aphelenchoides besseyi* Christie [APLOBE]<br><br>*Aphelenchoides blastophthorus* Franklin [APLOBL]<br><br>*Aphelenchoides fragariae* (Ritzema Bos) Christie [APLOFR]<br><br>*Aphelenchoides ritzemabosi* (Schwartz) Steiner & Buhrer [APLORI]<br><br>**Viruses, virojdi, mard li jixbaħ il-viruses u fitoplażmi**<br><br>*Arabis* mosaic virus [ARMV00]<br><br>Raspberry ringspot virus [RPRSV0]<br><br>Strawberry crinkle virus [SCRV00]<br><br>Strawberry latent ringspot virus [SLRSV0]<br><br>Strawberry mild yellow edge virus [SMYEV0]<br><br>Strawberry mottle virus [SMOV00]<br><br>Strawberry vein banding virus [SVBV00]<br><br>Tomato black ring virus [TBRV00] |
| ***Juglans regia* L** | **Viruses, virojdi, mard li jixbaħ il-viruses u fitoplażmi**<br><br>Cherry leaf roll virus [CLRV00] |
| ***Malus* Mill.** | **Viruses, virojdi, mard li jixbaħ il-viruses u fitoplażmi**<br><br>Apple chlorotic leaf spot virus [ACLSV0]<br><br>Apple dimple fruit viroid [ADFVD0]<br><br>Apple flat limb agent [AFL000]<br><br>Apple mosaic virus [APMV00]<br><br>Apple rubbery wood agent [ARW000]<br><br>Apple scar skin viroid [ASSVD0]<br><br>Apple star crack agent [APHW00] |

▼M1

| Generu jew speċi | RNQPs |
|---|---|
| | Apple stem grooving virus [ASGV00]<br><br>Apple stem-pitting virus [ASPV00]<br><br>*Candidatus* Phytoplasma *mali* Seemüller & Schneider [PHYPMA]<br><br>Disturbi tal-frott: chat fruit [APCF00], green crinkle [APGC00], bumpy fruit of Ben Davis, rough skin [APRSK0], star crack, russet ring [APLP00], russet wart |
| ***Olea europaea* L.** | **Fungi u oomiċeti**<br><br>*Verticillium dahliae* Kleb [VERTDA]<br><br>**Viruses, virojdi, mard li jixbah il-viruses u fitoplażmi**<br><br>*Arabis* mosaic virus [ARMV00]<br><br>Cherry leaf roll virus [CLRV00]<br><br>Strawberry latent ringspot virus [SLRSV0] |
| ***Prunus dulcis* (Miller) Webb** | **Batterji**<br><br>*Xanthomonas arboricola* pv. *pruni* (Smith) Vauterin *et al.* [XANTPR]<br><br>**Viruses, virojdi, mard li jixbah il-viruses u fitoplażmi**<br><br>Apple chlorotic leaf spot virus [ACLSV0]<br><br>Apple mosaic virus [APMV00]<br><br>*Candidatus* Phytoplasma *prunorum* Seemüller & Schneider [PHYPPR]<br><br>Plum pox virus [PPV000]<br><br>Prune dwarf virus [PDV000]<br><br>*Prunus* necrotic ringspot virus [PNRSV0] |
| ***Prunus armeniaca* L.** | **Batterji**<br><br>*Xanthomonas arboricola* pv. *pruni* (Smith) Vauterin *et al.* [XANTPR]<br><br>**Viruses, virojdi, mard li jixbah il-viruses u fitoplażmi**<br><br>Apple chlorotic leaf spot virus [ACLSV0]<br><br>Apple mosaic virus [APMV00]<br><br>Apricot latent virus [ALV000]<br><br>*Candidatus* Phytoplasma *prunorum* Seemüller & Schneider [PHYPPR]<br><br>Plum pox virus [PPV000]<br><br>Prune dwarf virus [PDV000]<br><br>*Prunus* necrotic ringspot virus [PNRSV0] |

▼M1

| Generu jew speċi | RNQPs |
|---|---|
| ***Prunus avium* L. u *Prunus cerasus* L.** | **Batterji**<br><br>*Xanthomonas arboricola* pv. *pruni* (Smith) Vauterin *et al.* [XANTPR]<br><br>**Viruses, virojdi, mard li jixbaħ il-viruses u fitoplażmi**<br><br>Apple chlorotic leaf spot virus [ACLSV0]<br><br>Apple mosaic virus [APMV00]<br><br>*Arabis* mosaic virus [ARMV00]<br><br>*Candidatus* Phytoplasma *prunorum* Seemüller & Schneider [PHYPPR]Cherry green ring mottle virus [CGRMV0]<br><br>Cherry leaf roll virus [CLRV00]<br><br>Cherry mottle leaf virus [CMLV00]<br><br>Cherry necrotic rusty mottle virus [CRNRM0]<br><br>Little cherry virus 1 u 2 [LCHV10], [LCHV20]<br><br>Plum pox virus [PPV000]<br><br>Prune dwarf virus [PDV000]<br><br>*Prunus* necrotic ringspot virus [PNRSV0]<br><br>Raspberry ringspot virus [RPRSV0]<br><br>Strawberry latent ringspot virus [SLRSV0]<br><br>Tomato black ring virus [TBRV00] |
| ***Prunus domestica* L., *Prunus salicina* Lindley, u speċi oħra ta' *Prunus* L. suxxettibbli għall-Plum pox virus fil-każ ta' ibridi ta' *Prunus* L.** | **Batterji**<br><br>*Xanthomonas arboricola* pv. *pruni* (Smith) Vauterin *et al.* [XANTPR]<br><br>**Viruses, virojdi, mard li jixbaħ il-viruses u fitoplażmi**<br><br>Apple chlorotic leaf spot virus [ACLSV0]<br><br>Apple mosaic virus [APMV00]<br><br>*Candidatus* Phytoplasma *prunorum* Seemüller & Schneider [PHYPPR]<br><br>Myrobalan latent ringspot virus [MLRSV0]<br><br>Plum pox virus [PPV000]<br><br>Prune dwarf virus [PDV000]<br><br>*Prunus* necrotic ringspot virus [PNRSV0] |
| ***Prunus persica* (L.) Batsch** | **Batterji**<br><br>*Xanthomonas arboricola* pv. *pruni* (Smith) Vauterin *et al.* [XANTPR]<br><br>**Viruses, virojdi, mard li jixbaħ il-viruses u fitoplażmi**<br><br>Apple chlorotic leaf spot virus [ACLSV0] |

▼M1

| Generu jew speċi | RNQPs |
|---|---|
| | Apple mosaic virus [APMV00]<br>Apricot latent virus [ALV000]<br>*Candidatus* Phytoplasma *prunorum* Seemüller & Schneider [PHYPPR]<br>Peach latent mosaic viroid [PLMVD0]<br>Plum pox virus [PPV000]<br>Prune dwarf virus [PDV000]<br>*Prunus* necrotic ringspot virus [PNRSV0]<br>Strawberry latent ringspot virus [SLRSV0] |
| ***Pyrus* L.** | **Viruses, virojdi, mard li jixbaħ il-viruses u fito-plażmi**<br>Apple chlorotic leaf spot virus [ACLSV0]<br>Apple rubbery wood agent [ARW000]<br>Apple stem grooving virus [ASGV00]<br>Apple stem-pitting virus [ASPV00]<br>*Candidatus* Phytoplasma *pyri* Seemüller & Schneider [PHYPPY]<br>Pear bark necrosis agent [PRBN00]<br>Pear bark split agent [PRBS00]<br>Pear blister canker viroid [PBCVD0]<br>Pear rough bark agent [PRRB00]<br>Quince yellow blotch agent [ARW000] |
| ***Ribes* L.** | **Viruses, virojdi, mard li jixbaħ il-viruses u fito-plażmi**<br>*Arabis* mosaic virus [ARMV00]<br>Blackcurrant reversion virus [BRAV00]<br>Cucumber mosaic virus [CMV000]<br>Gooseberry vein banding associated virus [GOVB00]<br>Raspberry ringspot virus [RPRSV0]<br>Strawberry latent ringspot virus [SLRSV0] |
| ***Rubus* L.** | **Fungi u oomiċeti**<br>*Phytophthora* spp. de Bary [1PHYTG]<br>**Viruses, virojdi, mard li jixbaħ il-viruses u fito-plażmi**<br>Apple mosaic virus [APMV00] |

▼M1

| Generu jew speċi | RNQPs |
|---|---|
| | *Arabis* mosaic virus [ARMV00]<br>Black raspberry necrosis virus [BRNV00]<br>*Candidatus* Phytoplasma *rubi* Malembic-Maher *et al.* [PHYPRU]<br>Cucumber mosaic virus [CMV000]<br>Raspberry bushy dwarf virus [RBDV00] |
| | Raspberry leaf mottle virus [RLMV00]<br>Raspberry ringspot virus [RPRSV0]<br>Raspberry vein chlorosis virus [RVCV00]<br>Raspberry yellow spot [RYS000]<br>*Rubus* yellow net virus [RYNV00]<br>Strawberry latent ringspot virus [SLRSV0]<br>Tomato black ring virus [TBRV00] |
| ***Vaccinium* L.** | ►M2 **Fungi u oomiċeti**<br>*Phytophthora ramorum* (iżolati tal-UE) Werres, De Cock & Man in 't Veld [PHYTRA] ◄<br>**Viruses, virojdi, mard li jixbah il-viruses u fitoplażmi**<br>Blueberry mosaic associated ophiovirus [BLMAV0]<br>Blueberry red ringspot virus [BRRV00]<br>Blueberry scorch virus [BLSCV0]<br>Blueberry shock virus [BLSHV0]<br>Blueberry shoestring virus [BSSV00]<br>*Candidatus* Phytoplasma *asteris* Lee *et al.* [PHYPAS]<br>*Candidatus* Phytoplasma *pruni* [PHYPPN]<br>*Candidatus* Phytoplasma *solani Quaglino et al.* [PHYPSO]<br>Cranberry false blossom phytoplasma [PHYPFB] |

▼M1

*ANNESS III*

**Lista ta' RNQPs li l-preżenza tagħhom fil-ħamrija hija prevista fl-Artikolu 11(1) u (2), fl-Artikolu 17(1) u (2), u fl-Artikolu 22(1) u (2)**

| Generu jew speċi | RNQPs |
|---|---|
| ***Fragaria* L.** | **Nematodi**<br>*Longidorus attenuatus* Hooper [LONGAT]<br>*Longidorus elongatus* (de Man) Thorne & Swanger [LONGEL]<br>*Longidorus macrosoma* Hooper [LONGMA]<br>*Xiphinema diversicaudatum* (Mikoletzky) Thorne [XIPHDI] |
| ***Juglans regia* L.** | **Nematodi**<br>*Xiphinema diversicaudatum* (Mikoletzky) Thorne [XIPHDI] |
| ***Olea europaea* L.** | **Nematodi**<br>*Xiphinema diversicaudatum* (Mikoletzky) Thorne [XIPHDI] |
| ***Pistacia vera* L.** | **Nematodi**<br>*Xiphinema index* Thorne & Allen [XIPHIN] |
| ***Prunus avium* L. u *Prunus cerasus* L.** | **Nematodi**<br>*Longidorus attenuatus* Hooper [LONGAT]<br>*Longidorus elongatus* (de Man) Thorne & Swanger [LONGEL]<br>*Longidorus macrosoma* Hooper [LONGMA]<br>*Xiphinema diversicaudatum* (Mikoletzky) Thorne [XIPHDI] |
| ***Prunus domestica* L., *Prunus persica* (L.) Batsch u *Prunus salicina* Lindley** | **Nematodi**<br>*Longidorus attenuatus* Hooper [LONGAT]<br>*Longidorus elongatus* (de Man) Thorne & Swanger [LONGEL]<br>*Xiphinema diversicaudatum* (Mikoletzky) Thorne [XIPHDI] |
| ***Ribes* L.** | **Nematodi**<br>*Longidorus elongatus* (de Man) Thorne & Swanger [LONGEL]<br>*Longidorus macrosoma* Hooper [LONGMA]<br>*Xiphinema diversicaudatum* (Mikoletzky) Thorne [XIPHDI] |
| ***Rubus* L.** | **Nematodi**<br>*Longidorus attenuatus* Hooper [LONGAT]<br>*Longidorus elongatus* (de Man) Thorne & Swanger [LONGEL]<br>*Longidorus macrosoma* Hooper [LONGMA]<br>*Xiphinema diversicaudatum* (Mikoletzky) Thorne [XIPHDI] |

▼M1

*ANNESS IV*

**Ir-rekwiżiti li jikkonċernaw miżuri għal kull ġeneru jew speċi u kategorija skont l-Artikolu 10(4), l-Artikolu 16(4), l-Artikolu 21(4) u l-Artikolu 26(2)**

Il-materjal tal-propagazzjoni għandu jikkonforma wkoll mar-rekwiżiti li jikkonċernaw il-pesti ta' kwarantina fl-Unjoni u l-pesti ta' kwarantina f'żona protetta previsti fl-atti ta' implimentazzjoni adottati skont ir-Regolament (UE) 2016/2031, kif ukoll il-miżuri adottati skont l-Artikolu 30(1) ta' dak ir-Regolament.

Barra minn hekk, għandu jikkonforma mar-rekwiżiti li ġejjin għal kull ġeneru jew speċi u kategorija kkonċernata:

1. ***Castanea sativa* Mill.**

(a) **Il-kategoriji kollha**

*Spezzjoni viżwali*

L-ispezzjonijiet viżwali għandhom jitwettqu darba fis-sena.

*L-ikkampjunar u l-ittestjar*

F'każ ta' suspett tal-preżenza tal-RNQPs elenkati fl-Anness I iridu jittieħdu l-kampjuni u jsiru t-testijiet.

▼M2

(b) **Kategorija prebażika**

*Rekwiżiti fir-rigward tas-sit tal-produzzjoni, il-post ta' produzzjoni jew iż-żona*

Fil-każ fejn deroga titħalla biex jiġi prodott materjal prebażiku fl-għelieqi f'kundizzjonijiet li mhumiex protetti mill-insetti, skont id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/925 [1], għandhom japplikaw ir-rekwiżiti li ġejjin:

(i) *Cryphonectria parasitica* (Murrill) Barr:

— il-materjal tal-propagazzjoni u l-pjanti tal-frott tal-kategorija prebażika għandhom jiġu prodotti f'żoni stabbiliti mill-awtorità kompetenti bħala ħielsa mill-*Cryphonectria parasitica* (Murrill) Barr f'konformità mal-Istandards Internazzjonali għall-Miżuri Fitosanitarji rilevanti; jew

— l-ebda sintomu tal-*Cryphonectria parasitica* (Murrill) Barr ma għandu jiġi osservat fis-sit tal-produzzjoni fuq il-materjal tal-propagazzjoni u l-pjanti tal-frott tal-kategorija prebażika fl-aħħar ċiklu komplut ta' veġetazzjoni.

(ii) *Phytophthora ramorum* (iżolati tal-UE) Werres, De Cock & Man in 't Veld:

— il-materjal tal-propagazzjoni u l-pjanti tal-frott tal-kategorija prebażika għandhom jiġu prodotti f'żoni stabbiliti mill-awtorità kompetenti bħala ħielsa mill-*Phytophthora ramorum* (iżolati tal-UE) Werres, De Cock & Man in 't Veld f'konformità mal-Istandards Internazzjonali għall-Miżuri Fitosanitarji rilevanti; jew

— ma għandu jiġi osservat l-ebda sintomu tal-*Phytophthora ramorum* (iżolati tal-UE) Werres, De Cock & Man in 't Veld fuq il-materjal tal-propagazzjoni u l-pjanti tal-frott tal-kategorija prebażika fis-sit tal-produzzjoni matul l-aħħar ċiklu komplut ta' veġetazzjoni.

[1] Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/925 tad-29 ta' Mejju 2017 li temporanjament tawtorizza lil ċerti Stati Membri jiċċertifikaw materjal prebażiku ta' ċerti speċijiet ta' pjanti tal-frott, prodotti fl-għelieqi f'kundizzjonijiet mingħajr protezzjoni mill-insetti, u li tħassar id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2017/167, (ĠU L 140, 31.5.2017, p. 7)

▼M2

(c) **Kategorija bażika**

*Rekwiżiti fir-rigward tas-sit tal-produzzjoni, il-post ta' produzzjoni jew iż-żona*

(i) *Cryphonectria parasitica* (Murrill) Barr:

— il-materjal tal-propagazzjoni u l-pjanti tal-frott tal-kategorija bażika għandhom jiġu prodotti f'żoni stabbiliti mill-awtorità kompetenti bħala ħielsa mill-*Cryphonectria parasitica* (Murrill) Barr f'konformità mal-Istandards Internazzjonali għall-Miżuri Fitosanitarji rilevanti; jew

— l-ebda sintomu ta' *Cryphonectria parasitica* (Murrill) Barr ma għandu jiġi osservat fis-sit tal-produzzjoni fuq il-materjal tal-propagazzjoni u l-pjanti tal-frott tal-kategorija bażika fl-aħħar ċiklu komplut ta' veġetazzjoni.

(ii) *Phytophthora ramorum* (iżolati tal-UE) Werres, De Cock & Man in ‘t Veld:

— il-materjal tal-propagazzjoni u l-pjanti tal-frott tal-kategorija bażika għandhom jiġu prodotti f'żoni stabbiliti mill-awtorità kompetenti bħala ħielsa mill-*Phytophthora ramorum* (iżolati tal-UE) Werres, De Cock & Man in ‘t Veld f'konformità mal-Istandards Internazzjonali għall-Miżuri Fitosanitarji rilevanti; jew

— ma għandu jiġi osservat l-ebda sintomu tal-*Phytophthora ramorum* (iżolati tal-UE) Werres, De Cock & Man in ‘t Veld fuq il-materjal tal-propagazzjoni u l-pjanti tal-frott tal-kategorija bażika fis-sit tal-produzzjoni fl-aħħar ċiklu komplut ta' veġetazzjoni.

(d) **Kategorija ċċertifikata u kategorija CAC**

*Rekwiżiti fir-rigward tas-sit tal-produzzjoni, il-post ta' produzzjoni jew iż-żona*

(i) *Cryphonectria parasitica* (Murrill) Barr:

— il-materjal tal-propagazzjoni u l-pjanti tal-frott tal-kategorija ċċertifikata u l-kategorija CAC għandhom jiġu prodotti f'żoni stabbiliti mill-awtorità kompetenti bħala ħielsa mill-*Cryphonectria parasitica* (Murrill) Barr f'konformità mal-Istandards Internazzjonali għall-Miżuri Fitosanitarji rilevanti; jew

— l-ebda sintomu ta' *Cryphonectria parasitica* (Murrill) Barr ma għandu jiġi osservat fis-sit tal-produzzjoni fuq il-materjal tal-propagazzjoni u l-pjanti tal-frott tal-kategorija ċċertifikata u tal-kategorija CAC fl-aħħar ċiklu komplut ta' veġetazzjoni; jew

— għandhom jitneħħew il-materjal ta' propagazzjoni u l-pjanti tal-frott tal-kategorija ċċertifikata u tal-kategorija CAC li juru sintomi tal-*Cryphonectria parasitica* (Murrill) Barr, il-materjal ta' propagazzjoni u l-pjanti tal-frott li jifdal jiġu spezzjonati kull ġimgħa u ma jiġi osservat ebda sintomu fis-sit tal-produzzjoni għal mill-inqas tliet ġimgħat qabel ma jintbagħtu.

(ii) *Phytophthora ramorum* (iżolati tal-UE) Werres, De Cock & Man in ‘t Veld:

— il-materjal tal-propagazzjoni u l-pjanti tal-frott tal-kategorija ċċertifikata u tal-kategorija CAC għandhom jiġu prodotti f'żoni stabbiliti mill-awtorità kompetenti bħala ħielsa mill-*Phytophthora ramorum* (iżolati tal-UE) Werres, De Cock & Man in ‘t Veld f'konformità mal-Istandards Internazzjonali għall-Miżuri Fitosanitarji rilevanti; jew

▼**M2**

— ma għandu jiġi osservat l-ebda sintomu tal-*Phytophthora ramorum* (iżolati tal-UE) Werres, De Cock & Man in ‘t Veld fuq il-materjal tal-propagazzjoni u l-pjanti tal-frott tal-kategorija ċċertifikata u tal-kategorija CAC fis-sit tal-produzzjoni matul l-aħħar ċiklu komplut ta’ veġetazzjoni;

jew

—

— il-materjal tal-propagazzjoni u l-pjanti tal-frott tal-kategorija ċċertifikata u tal-kategorija CAC li juru sintomi tal-*Phytophthora ramorum* (iżolati tal-UE) Werres, De Cock & Man in ‘t Veld fis-sit tal-produzzjoni u l-pjanti kollha f’raġġ ta’ 2 m mill-materjal ta’ propagazzjoni u mill-pjanti tal-frott sintomatiċi, għandhom jitneħħew u jinqerdu, inkluża l-ħamrija mwaħħla;

kif ukoll

— għall-pjanti kollha li jinsabu f’raġġ ta’ 10 m mill-materjal ta’ propagazzjoni u l-pjanti tal-frott sintomatiċi u kwalunkwe materjal ta’ propagazzjoni u pjanti tal-frott li jifdal mil-lott affettwat:

— fi żmien tliet xhur wara d-detezzjoni tal-materjal ta’ propagazzjoni u tal-pjanti tal-frott sintomatiċi, ma għandu jiġi osservat l-ebda sintomu tal-*Phytophthora ramorum* (iżolati tal-UE) Werres, De Cock & Man in ‘t Veld fuq dak il-materjal ta’ propagazzjoni u dawk il-pjanti tal-frott f’mill-inqas żewġ spezzjonijiet fi żminijiet xierqa biex jiġi identifikat il-pest u matul dak il-perjodu ta’ tliet xhur ma għandu jitwettaq l-ebda trattament li jrażżan is-sintomi tal-Phytophthora ramorum (iżolati tal-UE) Werres, De Cock & Man in ‘t Veld; kif ukoll

— wara dak il-perjodu ta’ tliet xhur:

— ma jiġi osservat l-ebda sintomu tal-*Phytophthora ramorum* (iżolati tal-UE) Werres, De Cock & Man in ‘t Veld fuq dak il-materjal ta’ propagazzjoni u dawk il-pjanti tal-frott fis-sit tal-produzzjoni; jew

— kampjun rappreżentattiv ta’ dak il-materjal ta’ propagazzjoni u dawk il-pjanti tal-frott li għandhom jiġu mċaqalqa għandu jiġi ttestjat u misjub ħieles mill-*Phytophthora ramorum* (iżolati tal-UE) Werres, De Cock & Man in ‘t Veld; kif ukoll

kif ukoll

— għall-materjal l-ieħor kollu tal-propagazzjoni u l-pjanti tal-frott kollha fis-sit tal-produzzjoni:

— ma għandu jiġi osservat l-ebda sintomu tal-*Phytophthora ramorum* (iżolati tal-UE) Werres, De Cock & Man in ‘t Veld fuq dak il-materjal ta’ propagazzjoni u dawk il-pjanti tal-frott fis-sit tal-produzzjoni; jew

— kampjun rappreżentattiv ta’ dak il-materjal ta’ propagazzjoni u dawk il-pjanti tal-frott li għandhom jiġu mċaqalqa, ġie ttestjat u misjub ħieles mill-*Phytophthora ramorum* (iżolati tal-UE) Werres, De Cock & Man in ‘t Veld.

▼M1

2. ***Citrus* L., *Fortunella* Swingle u *Poncirus* Raf.**

(a) **Kategorija prebażika**

*Spezzjoni viżwali*

L-ispezzjonijiet viżwali għandhom jitwettqu darbtejn fis-sena.

*L-ikkampjunar u l-ittestjar*

Kull pjanta omm prebażika għandha tiġi kkampjunata u ttestjata kull sena għall-preżenza ta' *Spiroplasma citri* Saglio *et al.* Kull pjanta omm prebażika għandha tiġi kkampjunata u ttestjata kull tliet snin wara li tkun ġiet aċċettata bħala pjanta omm prebażika għall-preżenza tal-virus tas-*Citrus tristeza* (iżolati tal-UE).

Sitt snin wara li jkunu ġew aċċettati bħala pjanti omm prebażiċi, il-pjanti omm prebażiċi kollha għandhom jiġu kkampjunati u ttestjati, u dan għandu jerġa' jsir kull sitt snin għall-preżenza tal-RNQPs elenkati fl-Anness II, għajr għall-virus taċ-*Citrus tristeza* (iżolati tal-UE) u għal *Spiroplasma citri* Saglio *et al.* u f'każ ta' suspett tal-preżenza tal-organiżmi ta' RNQPs elenkati fl-Anness I.

(b) **Kategorija bażika**

*Spezzjoni viżwali*

L-ispezzjonijiet viżwali għandhom jitwettqu darbtejn fis-sena fir-rigward tal-virus taċ-*Citrus tristeza* (iżolati tal-UE), *Spiroplasma citri* Saglio *et al.* u *Plenodomus tracheiphilus* (Petri) Gruyter, Aveskamp & Verkley. L-ispezzjonijiet viżwali għandhom jitwettqu darba fis-sena fir-rigward tal-RNQPs kollha, għajr għall-virus tas-*Citrus tristeza* (iżolati tal-UE), *Spiroplasma citri* Saglio et al. u *Plenodomus tracheiphilus* (Petri) Gruyter, Aveskamp & Verkley, elenkati fl-Annessi I u II.

*L-ikkampjunar u l-ittestjar*

Fil-każ ta' pjanti omm bażiċi li jkunu nżammu f'faċilitajiet protetti mill-insetti, kull pjanta omm bażika għandha tiġi kkampjunata u ttestjata kull tliet snin fir-rigward tal-preżenza tal-virus tas-*Citrus tristeza* (iżolati tal-UE). Kull tliet snin għandu jiġi kkampjunat u ttestjat porzjon rappreżentattiv tal-pjanti omm bażiċi għall-preżenza ta' *Spiroplasma citri* Saglio *et al.*

Fil-każ ta' pjanti omm bażiċi li ma jkunux inżammu f'faċilitajiet protetti mill-insetti, kull sena għandu jiġi kkampjunat u ttestjat porzjon rappreżentattiv tal-pjanti omm bażiċi għall-preżenza tal-virus *Citrus tristeza* (iżolati tal-UE) u ta' *Spiroplasma citri Saglio et al.* b'mod li l-pjanti omm jiġu ttestjati kollha kull sentejn. Fil-każ li test jirriżulta pożittiv għall-virus tas-*Citrus tristeza* (iżolati tal-UE), il-pjanti omm bażiċi kollha fis-sit tal-produzzjoni għandhom jiġu kkampjunati u ttestjati. Kull sitt snin għandu jiġi kkampjunat u ttestjat porzjon rappreżentattiv ta' pjanti omm bażiċi li ma jkunux inżammu f'faċilitajiet protetti mill-insetti abbażi ta' valutazzjoni tar-riskju tal-infezzjoni ta' dawk il-pjanti li għall-preżenza tal-RNQPs, għajr il-virus tas-*Citrus tristeza* (iżolati tal-UE) u s- *Spiroplasma citri*, elenkati fl-Annessi I u II.

▼M1

(c) **Kategorija ċċertifikata**

*Spezzjoni viżwali*

L-ispezzjonijiet viżwali għandhom jitwettqu darbtejn fis-sena fir-rigward tal-virus tas-*Citrus tristeza* (iżolati tal-UE),is- *Spiroplasma citri* Saglio *et al.* u l-*Plenodomus tracheiphilus* (Petri) Gruyter, Aveskamp & Verkley. L-ispezzjonijiet viżwali għandhom jitwettqu darba fis-sena fir-rigward tal-RNQPs kollha, għajr għall-virus tas-*Citrus tristeza* (iżolati tal-UE), is-*Spiroplasma citri* Saglio *et al.*u l-*Plenodomus tracheiphilus* (Petri) Gruyter, Aveskamp & Verkley , elenkati fl-Annessi I u II.

*l-ikkampjunar u l-ittestjar*

Fil-każ ta' pjanti omm iċċertifikati li jkunu nżammu f'faċilitajiet protetti mill-insetti, porzjon rappreżentattiv tal-pjanti omm iċċertifikati għandu jiġi kkampjunat u ttestjat kull erba' snin għall-preżenza tal-virus tas-*Citrus tristeza* (iżolati tal-UE) b'mod li l-pjanti omm jiġu ttestjati kollha kull tmien snin.

Fil-każ ta' pjanti omm iċċertifikati li ma jkunux inżammu f'faċilitajiet protetti mill-insetti, kull sena għandu jiġi kkampjunat u ttestjat porzjon rappreżentattiv tal-pjanti omm iċċertifikati għall-preżenza tal-virus tas-*Citrus tristeza* (iżolati tal-UE) b'mod li l-pjanti omm jiġu ttestjati kollha kull tliet snin. Għandu jiġi kkampjunat u ttestjat porzjon rappreżentattiv ta' pjanti omm iċċertifikati li ma jkunux inżammu f'faċilitajiet protetti mill-insetti f'każ ta' suspett tal-preżenza tal-pesti elenkati fl-Annessi I u II, għajr għall-virus taċ-*Citrus tristeza* (iżolati tal-UE).

Fil-każ li test jirriżulta pożittiv għall-virus taċ-*Citrus tristeza* (iżolati tal-UE), il-pjanti omm bażiċi kollha fis-sit tal-produzzjoni għandhom jiġu kkampjunati u ttestjati.

(d) **Il-kategorija bażika u l-kategorija ċċertifikata**

*Rekwiżiti għas-sit tal-produzzjoni, għall-post tal-produzzjoni jew għaż-żona*

(i) il-materjal ta' propagazzjoni u l-pjanti tal-frott tal-kategorija bażika u tal-kategorija ċċertifikata għandhom jiġu prodotti f'żoni magħrufa li huma ħielsa mill-virus tas-*Citrus tristeza* (iżolati tal-UE), mis-*Spiroplasma citri* Saglio *et al.* u mill-*Plenodomus tracheiphilus* (Petri) Gruyter, Aveskamp & Verkley ; jew

(ii) fil-każ ta' materjal ta' propagazzjoni bażiku u pjanti tal-frott tal-kategorija bażika u tal-kategorija ċċertifikata li ma tkabbrux f'faċilitajiet protetti mill-insetti, ma jiġi osservat l-ebda sintomu tas-*Spiroplasma citri* Saglio *et al.*jew tal-*Plenodomus tracheiphilus* (Petri) Gruyter, Aveskamp & Verkley fuq dak il-materjal ta' propagazzjoni u fuq il-pjanti tal-frott matul l-aħħar staġun sħiħ ta' tkabbir, u l-materjal ikun ġie kkampjunat u ttestjat għall-virus tas-*Citrus tristeza* (iżolati tal-UE) qabel il-kummerċjalizzazzjoni; jew

▼**M1**

(iii) fil-każ ta' materjal ta' propagazzjoni bażiku u pjanti tal-frott tal-kategorija ċċertifikata li ma tkabbrux f'faċilitajiet protetti mill-insetti, ma jiġi osservat l-ebda sintomu tas-*Spiroplasma citri* Saglio *et al.*u tal-*Plenodomus tracheiphilus* (Petri) Gruyter, Aveskamp & Verkley fuq dak il-materjal ta' propagazzjoni u fuq dawk il-pjanti tal-frott matul l-aħħar staġun sħiħ ta' tkabbir, u porzjon rappreżentattiv tal-materjal ikun ġie kkampjunat u ttestjat għall-virus taċ-*Citrus tristeza* (iżolati tal-UE) qabel il-kummerċjalizzazzjoni; jew

(iv) fil-każ tal-materjal tal-propagazzjoni u tal-pjanti tal-frott tal-kategorija ċċertifikata li ma tkabbrux f'faċilitajiet protetti mill-insetti:

— is-sintomi tal-*Plenodomus tracheiphilus* (Petri) Gruyter, Aveskamp & Verkley jew *Spiroplasma citri* Saglio *et al.* ikunu ġew osservati f'mhux iktar minn 2 % tal-materjal ta' propagazzjoni u tal-pjanti tal-frott tal-kategorija ċċertifikata fis-sit ta' produzzjoni tul l-aħħar staġun sħiħ ta' tkabbir, u dak il-materjal ta' propagazzjoni u dawk il-pjanti tal-frott, u l-pjanti sintomatiċi fil-viċinanza immedjata jkunu nqalgħu u nqerdu minnufih; kif ukoll

— ikun ġie kkampjunat u ttestjat porzjon rappreżentattiv tal-materjal ta' propagazzjoni u tal-pjanti tal-frott tal-kategorija ċċertifikata għall-virus taċ-*Citrus tristeza* (iżolati tal-UE), qabel il-kummerċjalizzazzjoni u ma jkunux instabu iktar minn 2 % tal-materjal ta' propagazzjoni u pjanti tal-frott tal-kategorija ċċertifikata fis-sit tal-produzzjoni li kienu pożittivi tul l-aħħar staġun sħiħ tat-tkabbir. Dak il-materjal ta' propagazzjoni u dawk il-pjanti tal-frott ikunu nqalgħu u nqerdu minnufih. Il-materjal tal-propagazzjoni u l-pjanti tal-frott fil-viċinanza immedjata jkunu ġew soġġetti għall-ikkampjunar u l-ittestjar aleatorju, u l-materjal ta' propagazzjoni u l-pjanti tal-frott li jkunu nstabu li kienu pożittivi jkunu nqalgħu u nqerdu minnufih.

(e) **Kategorija CAC**

*Spezzjoni viżwali*

L-ispezzjonijiet viżwali għandhom jitwettqu darba fis-sena.

*L-ikkampjunar u l-ittestjar*

Il-materjal tal-propagazzjoni u l-pjanti tal-frott tal-kategorija CAC għandhom jiġu minn sors identifikat tal-materjal, li jkun instab ħieles mill-RNQPs kif elenkati fl-Anness II abbażi ta' spezzjoni viżwali, tal-ikkampjunar u tal-ittestjar.

Fil-każ li s-sors identifikat tal-materjalikun inżamm f'faċilitajiet protetti mill-insetti, kull tmien snin għandu jiġi kkampjunat u ttestjat porzjon rappreżentattiv ta' dak il-materjal għall-preżenza tal-virus tas-*Citrus tristeza* (iżolati tal-UE).

Fil-każ li s-sors identifikat tal-materjal ma jkunx inżamm f'faċilitajiet protetti mill-insetti, kull tliet snin għandu jiġi kkampjunat u ttestjat porzjon rappreżentattiv ta' dak il-materjal għall-preżenza tal-virus tas-*Citrus tristeza* (iżolati tal-UE).

▼M1

*Rekwiżiti għas-sit tal-produzzjoni, għall-post tal-produzzjoni jew għaż-żona*

(i) il-materjal ta' propagazzjoni u l-pjanti tal-frott tal-kategorija CAC għandhom jiġu prodotti f'żoni magħrufa li huma ħielsa mill-virus taċ*Citrus tristeza* (iżolati tal-UE), mis-*Spiroplasma citri* Saglio *et al.* u mill- *Plenodomus tracheiphilus* (Petri) Gruyter, Aveskamp & Verkley ; jew

(ii) fil-każ ta' materjal ta' propagazzjoni bażiku u pjanti tal-frott tal-kategorija CAC li jkunu tkabbru f'faċilitajiet protetti mill-insetti, ma jiġi osservat l-ebda sintomu tas-*Spiroplasma citri* Saglio *et al.* jew tal-*Plenodomus tracheiphilus* (Petri) Gruyter, Aveskamp & Verkley fuq dak il-materjal ta' propagazzjoni u dawk il-pjanti tal-frott tul l-aħħar staġun sħiħ ta' tkabbir, u l-materjal ikun ġie kkampjunat u ttestjat għall-virus tas-*Citrus tristeza* (iżolati tal-UE) qabel il-kummerċjalizzazzjoni; jew

(iii) fil-każ ta' materjal ta' propagazzjoni u pjanti tal-frott tal-kategorija CAC li ma jkunux tkabbru f'faċilitajiet protetti mill-insetti, ma jiġi osservat l-ebda sintomu ta' *Spiroplasma citri* Saglio *et al.*jew ta'*Plenodomus tracheiphilus* (Petri) Gruyter, Aveskamp & Verkley fuq dak il-materjal ta' propagazzjoni u dawk il-pjanti tal-frott tal-kategorija CAC matul l-aħħar staġun sħiħ ta' tkabbir, u kull pjanta sintomatika fil-viċinanza tkun inqalgħet u inqerdet minnufih, u porzjon rappreżentattiv tal-materjal ikun ġie kkampjunat u ttestjat għall-virus *Citrus tristeza* (iżolati tal-UE) qabel il-kummerċjalizzazzjoni; jew

(iv) fil-każ tal-materjal tal-propagazzjoni u tal-pjanti tal-frott tal-kategorija CAC li ma tkabbrux f'faċilitajiet protetti mill-insetti:

— ma jiġi osservat l-ebda sintomu ta' *Spiroplasma citri* Saglio *et al.* jew ta' *Plenodomus tracheiphilus* (Petri) Gruyter, Aveskamp & Verkley fuq mhux iktar minn 2 % tal-materjal ta' propagazzjoni u pjanti tal-frott tal-kategorija CAC tul l-aħħar staġun sħiħ ta' tkabbir, u dak il-materjal ta' propagazzjoni u dawk il-pjanti tal-frott u l-pjanta sintomatiċi fil-viċinanza immedjata jkunu inqalgħu u inqerdu minnufih; kif ukoll

— ikun ġie kkampjunat u ttestjat porzjon rappreżentattiv tal-materjal ta' propagazzjoni u tal-pjanti tal-frott tal-kategorija CAC għall-virus tas-*Citrus tristeza* (iżolati tal-UE), qabel il-kummerċjalizzazzjoni u mhux iktar minn 2% tal-materjal ta' propagazzjoni u pjanti tal-frott tal-kategorija CAC fis-sit tal-produzzjoni jkunu nstabu pożittivi tul l-aħħar staġun sħiħ ta' tkabbir. Dak il-materjal tal-propagazzjoni u dawk il-pjanti tal-frott ikunu nqalgħu u nqerdu minnufih. Il-materjal tal-propagazzjoni u l-pjanti tal-frott fil-viċinanza immedjata jkunu ġew soġġetti għall-ikkampjunar u għall-ittestjar aleatorju, u l-materjal ta' propagazzjoni u l-pjanti tal-frott li jkunu nstabu li kienu pożittivi jkunu nqalgħu u nqerdu minnufih.

3. ***Corylus avellana* L.**

**Il-kategoriji kollha**

*Spezzjoni viżwali*

L-ispezzjonijiet viżwali għandhom jitwettqu darba fis-sena.

*L-ikkampjunar u l-ittestjar*

F'każ ta' suspett tal-preżenza tal-RNQPs elenkati fl-Anness I u fl-Anness II iridu jittieħdu l-kampjuni u jsiru t-testijiet.

▼M1

4. *Cydonia oblonga* **Mill.**

(a) **Il-kategoriji kollha**

*Spezzjoniviżwali*

L-ispezzjonijiet viżwali għandhom jitwettqu matul l-aħħar staġun sħiħ ta' tkabbir għall-*Erwinia amylovora* (Burrill) Winslow *et al.* Għall-RNQPs kollha, għajr l-*Erwinia amylovora* (Burrill) Winslow *et al.* l-ispezzjonijiet viżwali għandhom jitwettqu darba fis-sena.

(b) **Kategorija prebażika**

*L-ikkampjunar u l-ittestjar*

Ħmistax-il sena wara li jkunu ġew aċċettati bħala pjanti omm prebażiċi, il-pjanti omm prebażiċi kollha għandhom jiġu kkampjunati u ttestjati, u dan għandu jerġa' jsir kull ħmistax-il sena għall-preżenza tal-RNQPs elenkati fl-Anness II, għajr għal mard li jixbaħ il-viruses u għall-virojdi fl-Anness II, u f'każ ta' suspett tal-preżenza tal-RNQPs elenkati fl-Anness I.

▼M2

---

▼M1

(c) **Kategorija bażika**

*L-ikkampjunar u l-ittestjar*

Kull ħmistax-il sena għandu jiġi kkampjunat u ttestjat porzjon rappreżentattiv tal-pjanti omm bażiċi abbażi ta' valutazzjoni tar-riskju tal-infezzjoni ta' dawk il-pjanti bl-RNQPs elenkati fl-Anness II, għajr għal mard li jixbaħ virus u għall-virojdi, u f'każ ta' suspett tal-preżenza tal-RNQPs elenkati fl-Anness I.

(d) **Kategorija ċċertifikata**

*L-ikkampjunar u l-ittestjar*

Kull ħmistax-il sena għandu jiġi kkampjunat u ttestjat porzjon rappreżentattiv tal-pjanti omm iċċertifikati, abbażi ta' valutazzjoni tar-riskju tal-infezzjoni ta' dawk il-pjanti, għall-preżenza tal-RNQPs elenkati fl-Anness II, għajr għal mard li jixbaħ virus u għall-virojdi, u f'każ ta' suspett tal-preżenza tal-RNQPs elenkati fl-Anness I.

Il-pjanti tal-frott iċċertifikati għandhom ikunu kkampjunati u ttestjati f'każ ta' suspett tal-preżenza tal-RNQPs elenkati fl-Anness I u fl-Anness II.

(e) **Il-kategorija bażika u l-kategorija ċċertifikata**

*Rekwiżiti għas-sit tal-produzzjoni, għall-post ta' produzzjoni jew għażżona*

(i) il-materjal ta' propagazzjoni u l-pjanti tal-frott tal-kategorija bażika u tal-kategorija ċċertifikata għandhom jiġu prodotti f'żoni magħrufa li huma ħielsa mill-*Erwinia amylovora* (Burrill) Winslow *et al.* ; jew

▼M1

(ii) il-materjal tal-propagazzjoni u l-pjanti tal-frott tal-kategorija bażika u tal-kategorija ċċertifikata fis-sit tal-produzzjoni jkunu ġew spezzjonati matul l-aħħar staġun sħiħ ta' tkabbir, u l-materjal tal-propagazzjoni u l-pjanti tal-frott li juru sintomi ta' *Erwinia amylovora* (Burrill) Winslow *et al.* u l-pjanti ospitanti tal-madwar ikunu nqalgħu u nqerdu minnufih;

(f) **Kategorija CAC**

*L-ikkampjunar u l-ittestjar*

F'każ li jkun hemm suspett tal-preżenza tal-RNQPs elenkati fl-Anness I u fl-Anness II iridu jittieħdu l-kampjuni u jsiru t-testijiet.

*Rekwiżiti għas-sit tal-produzzjoni, għall-post ta' produzzjoni jew għażżona*

(i) il-materjal ta' propagazzjoni u l-pjanti tal-frott tal-kategorija CAC għandhom jiġu prodotti f'żoni magħrufa li huma ħielsa mill-*Erwinia amylovora* (Burrill) Winslow *et al.*; jew

(ii) il-materjal tal-propagazzjoni u l-pjanti tal-frott tal-kategorija CAC fis-sit tal-produzzjoni jkunu ġew spezzjonati matul l-aħħar staġun sħiħ ta' tkabbir, u l-materjal tal-propagazzjoni u l-pjanti tal-frott li juru sintomi tal-*Erwinia amylovora* (Burrill) Winslow *et al.* u l-pjanti ospitanti tal-madwar ikunu nqalgħu u nqerdu minnufih;

5. ***Ficus carica* L.**

**Il-kategoriji kollha**

*Spezzjoni viżwali*

L-ispezzjonijiet viżwali għandhom jitwettqu darba fis-sena.

*L-ikkampjunar u l-ittestjar*

F'każ ta' suspett tal-preżenza tal-RNQPs elenkati fl-Anness I iridu jittieħdu l-kampjuni u jsiru t-testijiet.

6. ***Fragaria* L.**

(a) **Il-kategoriji kollha**

*Spezzjoni viżwali*

L-ispezzjonijiet viżwali għandhom jitwettqu darbtejn fis-sena, waqt l-istaġun tat-tkabbir. Il-weraq tal-*Fragaria* L. għandhom jiġu spezzjonati viżwalment rigward il-preżenza tal-*Phytophthora fragariae* C.J. Hickman.

Għall-materjal ta' propagazzjoni u l-pjanti tal-frott prodotti permezz tal-mikropropagazzjoni u li jinżammu għal perjodu ta' inqas minn tliet xhur, tista' ssir spezzjoni waħda biss waqt dan il-perjodu.

(b) **Kategorija prebażika**

*L-ikkampjunar u l-ittestjar*

Sena wara li jkunu ġew aċċettati bħala pjanti omm prebażiċi, il-pjanti omm prebażiċi kollha għandhom jiġu kkampjunati u ttestjati, u dan għandu jerġa' jsir darba kull staġun ta' tkabbir fir-rigward tal-preżenza tal-RNQPs elenkati fl-Anness II, u f'każ ta' suspett tal-preżenza tal-RNQPs elenkati fl-Anness I.

▼M1

(c) **Kategorija bażika**

*L-ikkampjunar u l-ittestjar*

Fil-każ li jkun hemm sintomi ta' *Phytophthora fragariae* C.J. Hickman fuq il-weraq għandu jiġi kkampjunat u ttestjat kampjun rappreżentattiv tal-għeruq. Jekk is-sintomi tal- *Arabis* mosaic virus, tar-Raspberry ringspot virus, tal-iStrawberry crinkle virus, tal-iStrawberry latent ringspot virus, tal-iStrawberry mild yellow edge virus, tal-iStrawberry vein banding virus jew tat-Tomato black ring virus ma jidhrux ċari waqt spezzjoni viżwali iridu jittieħdu l-kampjuni u jsiru t-testijiet. F'każ ta' suspett tal-preżenza tal-RNQPs, għajr għall-*Arabis* mosaic virus, il-*Phytophthora fragariae* C.J. Hickman, ir-Raspberry ringspot virus, l-iStrawberry crinkle virus, l-iStrawberry latent ringspot virus, l-iStrawberry mild yellow edge virus, l-iStrawberry vein banding virus, u t-Tomato black ring virus, elenkati fl-Annessi I u II irid isir l-ikkampjunar u l-ittestjar

*Rekwiżiti għas-sit tal-produzzjoni, għall-post ta' produzzjoni jew għaż-żona*

(i) — *Phytophthora fragariae* C.J. Hickman

— il-materjal ta' propagazzjoni u l-pjanti tal-frott tal-kategorija bażika għandhom jiġu prodotti f'żoni magħrufa li huma ħielsa mill-*Phytophthora fragariae* C.J. Hickman; jew

— ma jiġi osservat l-ebda sintomu ta' *Phytophthora fragariae* C.J. Hickman fuq il-weraq tal-materjal ta' propagazzjoni u tal-pjanti tal-frott tal-kategorija bażika fis-sit tal-produzzjoni tul l-aħħar staġun sħiħ ta' tkabbir, u l-materjal ta' propagazzjoni u l-pjanti tal-frott u l-pjanti infettati fiż-żona tal-madwar f'raġġ ta' mill-inqas 5 m jkunu ġew immarkati, ġew esklużi milli jinqalgħu u jiġu kkummerċjalizzati, u nqerdu wara li jkunu nqalgħu l-materjal ta' propagazzjoni u l-pjanti tal-frott mhux infettati;

— *Xanthomonas fragariae* Kennedy & King

— il-materjal ta' propagazzjoni u l-pjanti tal-frott tal-kategorija bażika għandhom jiġu prodotti f'żoni magħrufa li huma ħielsa mill-*Xanthomonas fragariae* Kennedy & King; jew

— ma jiġi osservat l-ebda sintomu ta' *Xanthomonas fragariae* Kennedy & King fuq il-materjal tal-propagazzjoni u fuq il-pjanti tal-frott tal-kategorija bażika fis-sit tal-produzzjoni tul l-aħħar staġun sħiħ ta' tkabbir, u kull pjanta sintomatika fil-viċinanza immedjata tkun inqalgħet u nqerdet minnufih;

(ii) — *Phytophthora fragariae* C.J. Hickman

— għandu jkun hemm perjodu ta' mistrieħ, li matulu l-materjal ta' propagazzjoni u l-pjanti tal-frott ikkonċernati ma għandhomx jitkabbru, li għandu jkun ta' mill-inqas għaxar snin bejn is-sejbiet tal-*Phytophthora fragariae* C.J. Hickman u t-tħawwil li jmiss; jew

▼M1

— l-istorja tal-kultivazzjoni u tal-mard tal-ħamrija tas-sit tal-produzzjoni għandha tiġi rreġistrata;

— *Xanthomonas fragariae* Kennedy & King

— għandu jkun hemm perjodu ta' mistrieħ, li matulu l-materjal ta' propagazzjoni u l-pjanti tal-frott ikkonċernati ma għandhomx jitkabbru, li għandu jkun ta' mill-inqas sena bejn is-sejbiet tal-*Xanthomonas fragariae* Kennedy & King u t-tħawwil li jmiss;

(iii) Rekwiżiti għall-RNQPs, għajr għall-*Xanthomonas fragariae* Kennedy & King u għall- *Phytophthora fragariae* C.J. Hickman u għajr għall-viruses:

— Il-perċentwal tal-materjal ta' propagazzjoni u tal-pjanti tal-frott tal-kategorija bażika fis-sit ta' produzzjoni tul l-aħħar staġun sħiħ ta' tkabbir li juru sintomi ta' kull wieħed mill-RNQPs li ġejjin ma għandux jaqbeż:

— iż-0,05 % fil-każ ta' *Aphelenchoides besseyi*;

— iż-0,1 % fil-każ tal-iStrawberry multiplier disease phytoplasma;

— iż-0,2 % fil-każ ta:

*Candidatus* Phytoplasma *asteris* Lee *et al.*;

*Candidatus* Phytoplasma *pruni*;

*Candidatus* Phytoplasma *solani Quaglino et al.*;

*Verticillium albo-atrum* Reinke & Berthold;

*Verticillium dahliae* Kleb;

— iż-0,5 % fil-każ ta:

*Chaetosiphon fragaefolii* Cockerell;

*Ditylenchus dipsaci* (Kuehn) Filipjev;

*Meloidogyne hapla* Chitwood;

*Podosphaera aphanis* (Wallroth) Braun & Takamatsu;

— il-1 % fil-każ ta' *Pratylenchus vulnus* Allen & Jensen; u dak il-materjal ta' propagazzjoni u dawk il-pjanti tal-frott u l-pjanti ospitanti tal-madwar ikunu nqalgħu u nqerdu; u

— Jekk test jagħti riżultat pożittiv għall-materjal tal-propagazzjoni u għall-pjanti tal-frott tal-kategorija bażika li juru sintomi tal- *Arabis* mosaic, tar-Raspberry ringspot virus, tal-iStrawberry crinkle virus, tal-iStrawberry latent ringspot virus, tal-iStrawberry mild yellow edge virus, tal-iStrawberry vein banding virus, jew tat-Tomato black ring virus, il-materjal tal-propagazzjoni u l-pjanti tal-frott ikkonċernati għandhom jinqalgħu u jinqerdu minnufih.

(iv) Rekwiżiti għall-viruses kollha:

is-sintomi tal-viruses kollha elenkati fl-Annessi I u II għandhom ikunu ġew osservati f'mhux aktar minn 1 % tal-materjal ta' propagazzjoni u tal-pjanti tal-frott tal-kategorija bażika fis-sit tal-produzzjoni tul l-aħħar staġun sħiħ ta' tkabbir, u dawk il-pjanti u l-pjanti sintomatiċi fil-viċinanza immedjata jkunu nqalgħu u nqerdu minnufih.

▼M1

(d) **Kategorija ċċertifikata**

*L-ikkampjunar u l-ittestjar*

Fil-każ li jkun hemm sintomi ta' *Phytophthora fragariae* C.J. Hickman fuq il-weraq Hickman fuq il-weraq Jekk is-sintomi tal- *Arabis* mosaic virus, tar-Raspberry ringspot virus, tal-iStrawberry crinkle virus, tal-iStrawberry latent ringspot virus, tal-iStrawberry mild yellow edge virus, tas-Strawberry vein banding virus jew tat-Tomato black ring virus ma jidhrux ċari waqt spezzjoni viżwali iridu jittieħdu l-kampjuni u jsiru t-testijiet. F'każ ta' suspett tal-preżenza tal-RNQPs, għajr għall-*Arabis* mosaic virus, il-*Phytophthora fragariae* C.J. Hickman, ir-Raspberry ringspot virus, l-iStrawberry crinkle virus, l-iStrawberry latent ringspot virus, l-iStrawberry mild yellow edge virus, l-iStrawberry vein banding virus, u t-Tomato black ring virus, elenkati fl-Annessi I u II

*Rekwiżiti għas-sit tal-produzzjoni, għall-post ta' produzzjoni jew għaż-żona*

(i) — *Phytophthora fragariae* C.J. Hickman

— il-materjal tal-propagazzjoni u l-pjanti tal-frott tal-kategorija ċċertifikata għandhom jiġu prodotti f'żoni magħrufa li huma ħielsa mill-*Phytophthora fragariae* C.J. Hickman; jew

— ma jiġi osservat l-ebda sintomu ta' *Phytophthora fragariae* C.J. Hickman fuq il-weraq ta' materjal tal-propagazzjoni u fuq il-pjanti tal-frott tal-kategorija ċċertifikata fis-sit tal-produzzjoni tul l-aħħar staġun sħiħ ta' tkabbir, u l-materjal tal-propagazzjoni u l-pjanti tal-frott u l-pjanti infettati fiż-żona tal-madwar f'raġġ ta' mill-inqas 5 m jkunu ġew immarkati, esklużi milli jinqalgħu u jiġu kkummerċjalizzati, u nqerdu wara li jkunu nqalgħu l-pjanti mhux infettati;

— *Xanthomonas fragariae* Kennedy & King

— il-materjal tal-propagazzjoni u l-pjanti tal-frott tal-kategorija ċċertifikata għandhom jiġu prodotti f'żoni magħrufa li huma ħielsa mill-*Xanthomonas fragariae* Kennedy & King; jew

— is-sintomi ta' *Xanthomonas fragariae* Kennedy & King ikunu ġew osservati f'mhux iktar minn 2 % tal-materjal ta' propagazzjoni u tal-pjanti tal-frott tal-kategorija ċċertifikata fis-sit tal-produzzjoni tul l-aħħar staġun sħiħ tat-tkabbir, u dak il-materjal ta' propagazzjoni u dawk il-pjanti tal-frott, u l-pjanti sinomatiċi fil-viċinanza immedjata jkunu nqalgħu u nqerdu minnufih;

(ii) — *Phytophthora fragariae* C.J. Hickman

— għandu jkun hemm perjodu ta' mistrieħ, li matulu l-materjal ta' propagazzjoni u l-pjanti tal-frott ikkonċernati ma għandhomx jitkabbru, li għandu jkun ta' mill-inqas għaxar snin bejn is-sejbiet tal-*Phytophthora fragariae* C.J. Hickman u t-tħawwil li jkun imiss; jew

— l-istorja tal-kultivazzjoni u tal-mard tal-ħamrija tas-sit tal-produzzjoni għandha tiġi rreġistrata;

— *Xanthomonas fragariae* Kennedy & King

— għandu jkun hemm perjodu ta' mistrieħ, li matulu l-materjal ta' propagazzjoni u l-pjanti tal-frott ikkonċernati ma għandhomx jitkabbru, li għandu jkun ta' mill-inqas sena bejn is-sejbiet tal-*Xanthomonas fragariae* Kennedy & King u t-tħawwil li jmiss;

▼M1

(iii) Rekwiżiti għall-RNQPs, għajr għall-*Xanthomonas fragariae* Kennedy & King u għall- *Phytophthora fragariae* C.J. Hickman u għajr għall-viruses:

— il-perċentwal tal-materjal ta' propagazzjoni u tal-pjanti tal-frott tal-kategorija ċċertifikata fis-sit tal-produzzjoni tul l-aħħar staġun sħiħ ta' tkabbir li juru sintomi ta' kull wieħed mill-RNQPs li ġejjin ma għandux jaqbeż:

— iż-0,1 % fil-każ ta' *Phytonemus pallidus* Banks;

— iż-0,5 % fil-każ ta':

*Aphelenchoides besseyi* Christie;

l-iStrawberry multiplier disease phytoplasma;

— il-1 % fil-każ ta':

*Aphelenchoides fragariae* (Ritzema Bos) Christie;

*Candidatus Phlomobacter fragariae* Zreik, Bové & Garnier;

*Candidatus* Phytoplasma *asteris* Lee *et al.*;

▼M2

---

▼M1

*Candidatus Phytoplasma fragariae* Valiunas, Staniulis & Davis;

*Candidatus* Phytoplasma *pruni*;

*Candidatus* Phytoplasma *solani Quaglino et al.*;

*Chaetosiphon fragaefolii* Cockerell;

Clover phyllody phytoplasma;

*Ditylenchus dipsaci* (Kuehn) Filipjev;

*Meloidogyne hapla* Chitwood Chitwood;

*Podosphaera aphanis* (Wallroth) Braun & Takamatsu;

*Pratylenchus vulnus* Allen & Jensen;

*Rhizoctonia fragariae* Hussain & W.E.McKeen;

— il-2 % fil-każ ta':

*Verticillium albo-atrum* Reinke & Berthold;

*Verticillium dahliae* Kleb; u dak il-materjal ta' propagazzjoni u dawk il-pjanti tal-frott u l-pjanti ospitanti tal-madwar ikunu nqalgħu u nqerdu; u

— Jekk test jagħti riżultat pożittiv għall-materjal ta' propagazzjoni u għall-pjanti tal-frott tal-kategorija ċċertifikata li juru sintomi tal- *Arabis* mosaic virus, tar-Raspberry ringspot virus, tal-iStrawberry crinkle virus, tal-iStrawberry latent ringspot virus, tal-iStrawberry mild yellow edge virus, tal-iStrawberry vein banding virus, jew tat-Tomato black ring virus, il-materjal tal-propagazzjoni u l-pjanti tal-frott ikkonċernati għandhom jinqalgħu u jinqerdu minnufih.

(iv) Rekwiżiti għall-viruses kollha

Is-sintomi tal-viruses kollha elenkati fl-Annessi I u II għandhom ikunu ġew osservati f'mhux aktar minn 2 % tal-materjal ta' propagazzjoni u tal-pjanti tal-frott tal-kategorija ċċertifikata fis-sit tal-produzzjoni tul l-aħħar staġun sħiħ tat-tkabbir, u dawk il-pjanti u l-pjanti sintomatiċi fil-viċinanza immedjata jkunu nqalgħu u nqerdu minnufih.

▼M1

(e) **Kategorija CAC**

*L-ikkampjunar u l-ittestjar*

Fil-każ li jkun hemm sintomi ta' *Phytophthora fragariae* C.J. Hickman fuq il-weraq Hickman fuq il-weraq Jekk is-sintomi tal- *Arabis* mosaic virus, tar-Raspberry ringspot virus, tal-iStrawberry crinkle virus, tal-iStrawberry latent ringspot virus, tal-iStrawberry mild yellow edge virus, tal-iStrawberry vein banding virus jew tat-Tomato black ring virus ma joħorġux jidhru ċari waqt spezzjoni viżwali jridu jittieħdu l-kampjuni u jsiru t-testijiet. F'każ ta' suspett tal-preżenza tal-RNQPs, għajr għall-*Arabis* mosaic virus, il-*Phytophthora fragariae* C.J. Hickman, ir-Raspberry ringspot virus, l-iStrawberry crinkle virus, l-iStrawberry latent ringspot virus, l-iStrawberry mild yellow edge virus, l-iStrawberry vein banding virus, u t-Tomato black ring virus, elenkati fl-Annessi I u II, iridu jittieħdu l-kampjuni u jsiru t-testijiet.

*Rekwiżiti għas-sit tal-produzzjoni, għall-post ta' produzzjoni jew għaż-żona*

(i) — *Phytophthora fragariae* C.J. Hickman

— il-materjal tal-propagazzjoni u l-pjanti tal-frott tal-kategorija CAC għandhom jiġu prodotti f'żoni magħrufa li huma ħielsa mill-*Phytophthora fragariae* C.J. Hickman; jew

— ma jiġi osservat l-ebda sintomu ta' *Phytophthora fragariae* C.J. Hickman fuq il-weraq tal-materjal ta' propagazzjoni u tal-pjanti tal-frott tal-kategorija CAC fis-sit tal-produzzjoni tul l-aħħar staġun sħiħ tat-tkabbir, u l-materjal ta' propagazzjoni u l-pjanti tal-frott u l-pjanti infettati fiż-żona tal-madwar f'raġġ ta' mill-inqas 5 m jkunu ġew immarkati, esklużi milli jinqalgħu u jiġu kkummerċjalizzati, u nqerdu wara li jkunu ttieħdu l-materjal tal-propagazzjoni u pjanti tal-frott mhux infettati;

— *Xanthomonas fragariae* Kennedy & King

— il-materjal tal-propagazzjoni u l-pjanti tal-frott tal-kategorija CAC għandhom jiġu prodotti f'żoni magħrufa li huma ħielsa mill-*Xanthomonas fragariae* Kennedy & King; jew

— ma jiġi osservat l-ebda sintomu ta' *Xanthomonas fragariae* Kennedy & King fuq materjal tal-propagazzjoni u fuq pjanti tal-frott tal-kategorija CAC fis-sit tal-produzzjoni matul l-aħħar staġun sħiħ tat-tkabbir, u kull pjanta sintomatika fil-viċinanza immedjata tkun inqalgħet minnufih; jew

— is-sintomi ta' *Xanthomonas fragariae* Kennedy & King ikunu ġew osservati f'mhux iktar minn 5 % tal-materjal ta' propagazzjoni u tal-pjanti tal-frott tal-kategorija CAC fis-sit tal-produzzjoni tul l-aħħar staġun sħiħ tat-tkabbir, u dak il-materjal ta' propagazzjoni u dawk il-pjanti tal-frott, u l-pjanti sintomatiċi fil-viċinanza immedjata jkunu nqalgħu u nqerdu minnufih.

(ii) Rekwiżiti għall-viruses:

Jekk test jirriżulta pożittiv għal materjal ta' propagazzjoni u għal pjanti tal-frott tal-kategorija CAC li juru sintomi tal- *Arabis* mosaic virus, tar-Raspberry ringspot virus, tal-iStrawberry crinkle virus, tal-iStrawberry latent ringspot virus, tal-iStrawberry mild yellow edge virus, tal-iStrawberry vein banding virus, jew tat-Tomato black ring virus, il-materjal tal-propagazzjoni u l-pjanti tal-frott ikkonċernati għandhom jinqalgħu u jinqerdu minnufih.

▼M1

7. ***Juglans regia* L.**

(a) **Il-kategoriji kollha**

*Spezzjoni viżwali*

L-ispezzjonijiet viżwali għandhom jitwettqu darba fis-sena.

(b) **Kategorija prebażika**

*L-ikkampjunar u l-ittestjar*

Sena wara li jkunu ġew aċċettati bħala pjanti omm prebażiċi, il-pjanti omm prebażiċi kollha għandhom jiġu kkampjunati u ttestjati, u dan għandu jerġa' jsir kull sena fir-rigward tal-preżenza tal-RNQPs elenkati fl-Anness II, u jekk ikun hemm xi suspett tal-preżenza tal-RNQPs elenkati fl-Anness I.

(c) **Kategorija bażika**

*L-ikkampjunar u l-ittestjar*

Kull sena għandu jiġi kkampjunat u ttestjat porzjon rappreżentattiv tal-pjanti omm bażiċi għall-preżenza tal-RNQPs elenkati fl-Anness I u fl-Anness II abbażi ta' valutazzjoni tar-riskju tal-infezzjoni ta' dawk il-pjanti.

(d) **Kategorija ċċertifikata**

*L-ikkampjunar u l-ittestjar*

Kull tliet snin għandu jiġi kkampjunat u ttestjat porzjon rappreżentattiv ta' pjanti omm iċċertifikati, abbażi ta' valutazzjoni tar-riskju tal-infezzjoni ta' dawk il-pjanti, għall-preżenza tal-RNQPs elenkati fl-Anness I u fl-Anness II.

Il-pjanti tal-frott iċċertifikati għandhom jiġu kkampjunati u ttestjati f'każ ta' suspett tal-preżenza tal-RNQPs elenkati fl-Anness I u fl-Anness II.

(e) **Kategorija CAC**

*L-ikkampjunar u l-ittestjar*

F'każ ta' suspett tal-preżenza tal-RNQPs elenkati fl-Anness I u fl-Anness II iridu jittieħdu l-kampjuni u jsiru t-testijiet.

8. ***Malus* Mill.**

(a) **Il-kategoriji kollha**

*Spezzjoniviżwali*

L-ispezzjonijiet viżwali għandhom jitwettqu darba fis-sena.

(b) **Kategorija prebażika**

*L-ikkampjunar u l-ittestjar*

Ħmistax-il sena wara li jkunu ġew aċċettati bħala pjanti omm prebażiċi, il-pjanti omm prebażiċi kollha għandhom jiġu kkampjunati u ttestjati, u dan għandu jerġa' jsir f'intervalli ta' żmien ta' ħmistax-il sena fir-rigward tal-preżenza tal-RNQPs elenkati fl-Anness II, għajr għal mard li jixbaħ virus u għall-virojdi, u f'każ ta' dubju dwar il-preżenza tal-RNQPs elenkati fl-Anness I.

*Rekwiżiti għas-sit tal-produzzjoni, għall-post ta' produzzjoni jew għażżona*

Fil-każ li deroga tippermetti li jiġi prodott materjal prebażiku fl-għelieqi f'kundizzjonijiet li mhumiex protetti mill-insetti, skont id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/925, għandhom japplikaw ir-rekwiżiti li ġejjin fir-rigward tal-*Candidatus Phytoplasma mali* Seemüller & Schneider u *Erwinia amylovora* (Burrill) Winslow *et al.* :

▼M1

(i) *Candidatus Phytoplasma mali* Seemüller & Schneider

— il-materjal ta' propagazzjoni u l-pjanti tal-frott tal-kategorija prebażika għandhom jiġu prodotti f'żoni magħrufa li huma ħielsa mill-*Candidatus Phytoplasma mali* Seemüller & Schneider; jew

— ma jiġi osservat l-ebda sintomu ta' *Candidatus Phytoplasma mali* Seemüller & Schneider fuq il-materjal tal-propagazzjoni u l-pjanti tal-frott tal-kategorija prebażika fis-sit tal-produzzjoni matul l-aħħar staġun sħiħ tat-tkabbir, u l-pjanti sintomatiċi fil-viċinanza immedjata jkunu nqalgħu u nqerdu minnufih;

(ii) *Erwinia amylovora* (Burrill) Winslow *et al.*

— il-materjal ta' propagazzjoni u l-pjanti tal-frott tal-kategorija prebażika għandhom jiġu prodotti f'żoni magħrufa li huma ħielsa mill- *Erwinia amylovora* (Burrill) Winslow *et al.*; jew

— il-materjal tal-propagazzjoni u l-pjanti tal-frott tal-kategorija prebażika fis-sit tal-produzzjoni jkunu ġew spezzjonati matul l-aħħar staġun sħiħ ta' tkabbir, u l-materjal tal-propagazzjoni u l-pjanti tal-frott li juru sintomi ta' *Erwinia amylovora* (Burrill) Winslow *et al.* u l-pjanti ospitanti tal-madwar ikunu nqalgħu u nqerdu minnufih;

(c) **Kategorija bażika**

*L-ikkampjunar u l-ittestjar*

Fil-każ ta' pjanti omm bażiċi li jkunu nżammu f'faċilitajiet protetti mill-insetti, kull ħmistax-il sena għandu jiġi kkampjunat u ttestjat porzjon rappreżentattiv tal-pjanti omm bażiċi għall-preżenza tal-*Candidatus Phytoplasma mali* Seemüller & Schneider.

Fil-każ ta' pjanti omm bażiċi li ma jkunux inżammu f'faċilitajiet protetti mill-insetti, kull tliet snin għandu jiġi kkampjunat u ttestjat porzjon rappreżentattiv tal-pjanti omm bażiċi għall-preżenza tal-*Candidatus Phytoplasma mali* Seemüller & Schneider; kull ħmistax-il sena għandu jiġi kkampjunat u ttestjat porzjon rappreżentattiv tal-pjanti omm bażiċi, abbażi ta' valutazzjoni tar-riskju tal-infezzjoni ta' dawk il-pjanti, għall-preżenza tal-RNQPs elenkati fl-Anness II, għajr il-*Candidatus Phytoplasma mali* Seemüller & Schneider u l-mard li jixbah virus u għall-virojdi, u f'każ li jkun hemm suspett tal-preżenza tal-RNQPs elenkati fl-Anness I.

▼M2

*Rekwiżiti fir-rigward tas-sit tal-produzzjoni, il-post ta' produzzjoni jew iż-żona*

(i) *Candidatus* Phytoplasma *mali* Seemüller & Schneider

— il-materjal ta' propagazzjoni u l-pjanti tal-frott tal-kategorija bażika għandhom jiġu prodotti f'żoni magħrufa li huma ħielsa mill-*Candidatus* Phytoplasma *mali* Seemüller & Schneider; jew

— ma għandu jiġi osservat l-ebda sintomu ta' *Candidatus* Phytoplasma *mali* Seemüller & Schneider fuq il-materjal tal-propagazzjoni u l-pjanti tal-frott tal-kategorija bażika fis-sit tal-produzzjoni matul l-aħħar staġun sħiħ tat-tkabbir, u l-pjanti sintomatiċi kollha fil-viċinanza immedjata għandhom jinqalgħu u jinqerdu minnufih;

(ii) *Erwinia amylovora* (Burrill)Winslow *et al.*

— il-materjal ta' propagazzjoni u l-pjanti tal-frott tal-kategorija bażika għandhom jiġu prodotti f'żoni magħrufa li huma ħielsa mill-*Erwinia amylovora* (Burrill) Winslow *et al.*; jew

▼M2

— il-materjal tal-propagazzjoni u l-pjanti tal-frott tal-kategorija bażika fis-sit tal-produzzjoni għandhom ikunu spezzjonati matul l-aħħar staġun sħiħ ta' tkabbir, u l-materjal tal-propagazzjoni u l-pjanti tal-frott kollha li juru sintomi ta' *Erwinia amylovora* (Burrill) Winslow *et al.* u l-pjanti ospitanti tal-madwar kollha għandhom jinqalgħu u jinqerdu minnufih.

▼M1

(d) **Kategorija ċċertifikata**

*L-ikkampjunar u l-ittestjar*

Fil-każ ta' pjanti omm iċċertifikati, li jkunu nżammu f'faċilitajiet protetti mill-insetti, kull ħmistax-il sena għandu jiġi kkampjunat u ttestjat porzjon rappreżentattiv tal-pjanti omm bażiċi għall-preżenza tal-*Candidatus Phytoplasma mali* Seemüller & Schneider.

Fil-każ ta' pjanti omm iċċertifikati li ma jkunux inżammu f'faċilitajiet protetti mill-insetti, porzjon rappreżentattiv tal-pjanti omm iċċertifikati għandu jiġi kkampjunat u ttestjat kull ħames snin għall-preżenza tal-*Candidatus Phytoplasma mali* Seemüller & Schneider; kull ħmistax-il sena għandu jiġi kkampjunat u ttestjat porzjon rappreżentattiv tal-pjanti omm iċċertifikati, abbażi ta' valutazzjoni tar-riskju tal-infezzjoni ta' dawk il-pjanti, għall-preżenza tal-RNQPs elenkati fl-Anness II, għajr għall-*Candidatus Phytoplasma mali* Seemüller & Schneider u għal mard li jixbaħ virus u għall-virojdi, u f'każ li jkun hemm suspett tal-preżenza tal-RNQPs elenkati fl-Anness I.

Il-pjanti tal-frott iċċertifikati għandhom ikunu kkampjunati u ttestjati f'każ ta' suspett tal-preżenza tal-RNQPs elenkati fl-Anness I u fl-Anness II.

▼M2

*Rekwiżiti fir-rigward tas-sit tal-produzzjoni, il-post ta' produzzjoni jew iż-żona*

(i) *Candidatus* Phytoplasma *mali* Seemüller & Schneider

— il-materjal tal-propagazzjoni u l-pjanti tal-frott tal-kategorija ċċertifikata għandhom jiġu prodotti f'żoni magħrufa li huma ħielsa mill-*Candidatus* Phytoplasma *mali* Seemüller & Schneider; jew

— ma għandu jiġi osservat l-ebda sintomu tal-*Candidatus* Phytoplasma *mali* Seemüller & Schneider fuq il-materjal tal-propagazzjoni u l-pjanti tal-frott tal-kategorija ċċertifikata fis-sit tal-produzzjoni matul l-aħħar staġun sħiħ tat-tkabbir, u l-pjanti sintomatiċi kollha fil-viċinanza immedjata għandhom jinqalgħu u jinqerdu minnufih; jew

— is-sintomi tal-*Candidatus* Phytoplasma *mali* Seemüller & Schneider għandhom ikunu ġew osservati f'mhux iktar minn 2 % tal-materjal ta' propagazzjoni u tal-pjanti tal-frott tal-kategorija ċċertifikata fis-sit tal-produzzjoni tul l-aħħar staġun sħiħ ta' tkabbir, u dak il-materjal ta' propagazzjoni u dawk il-pjanti tal-frott, u l-pjanti sintomatiċi kollha fil-viċinanza immedjata għandhom jinqalgħu u jinqerdu minnufih, u jkun ġie ttestjat u nstab ħieles mill-*Candidatus* Phytoplasma *mali* Seemüller & Schneider kampjun rappreżentattiv tal-materjal ta' propagazzjoni u tal-pjanti tal-frott asintomatiċi li jifdal fil-lottijiet li fihom kienu nstabu l-materjal ta' propagazzjoni u l-pjanti tal-frott sintomatiċi;

(ii) *Erwinia amylovora* (Burrill) Winslow *et al.*

— il-materjal ta' propagazzjoni u l-pjanti tal-frott tal-kategorija ċċertifikata għandhom jiġu prodotti f'żoni magħrufa li huma ħielsa mill-*Erwinia amylovora* (Burrill) Winslow *et al.*; jew

▼M2

— il-materjal tal-propagazzjoni u l-pjanti tal-frott tal-kategorija ċċertifikata fis-sit tal-produzzjoni għandhom jiġu spezzjonati matul l-aħħar staġun sħiħ ta' tkabbir, u l-materjal tal-propagazzjoni u l-pjanti tal-frott kollha li juru sintomi ta' *Erwinia amylovora* (Burrill) Winslow *et al.* u l-pjanti ospitanti kollha tal-madwar ikunu nqalgħu u nqerdu minnufih.

---

▼M1

(f) **Kategorija CAC**

*L-ikkampjunar u l-ittestjar*

F'każ li jkun hemm suspett tal-preżenza tal-RNQPs elenkati fl-Anness I u fl-Anness II iridu jittieħdu l-kampjuni u jsiru t-testijiet.

*Rekwiżiti għas-sit tal-produzzjoni, għall-post ta' produzzjoni jew għażżona*

(i) *Candidatus Phytoplasma mali* Seemüller & Schneider

— il-materjal tal-propagazzjoni u l-pjanti tal-frott tal-kategorija CAC għandhom jiġu prodotti f'żoni magħrufa li huma ħielsa mill-*Candidatus Phytoplasma mali* Seemüller & Schneider jew

— ma jiġi osservat l-ebda sintomu ta' *Candidatus Phytoplasma mali* Seemüller & Schneider fuq il-materjal tal-propagazzjoni u fuq il-pjanti tal-frott tal-kategorija CAC fis-sit tal-produzzjoni matul l-aħħar staġun sħiħ tat-tkabbir, u l-pjanti sintomatiċi fil-viċinanza immedjata jkunu nqalgħu u nqerdu minnufih; jew

— is-sintomi ta' *Candidatus Phytoplasma mali* Seemüller & Schneider ikunu ġew osservati f'mhux iktar minn 2 % tal-materjal ta' propagazzjoni u tal-pjanti tal-frott tal-kategorija CAC fis-sit ta' produzzjoni tul l-aħħar staġun sħiħ ta' tkabbir, u l-pjanti sintomatiċi fil-viċinanza immedjata jkunu nqalgħu u nqerdu minnufih, u jkun ġie ttestjat u nstab ħieles mill-*Candidatus Phytoplasma mali* Seemüller & Schneider kampjun rappreżentattiv tal-materjal ta' propagazzjoni u tal-pjanti tal-frott asintomatiċi li jifdal fil-lottijiet li fihom kienu nstabu l-materjal ta' propagazzjoni u l-pjanti tal-frott sintomatiċi;

(ii) *Erwinia amylovora* (Burrill) Winslow *et al.*

— il-materjal ta' propagazzjoni u l-pjanti tal-frott tal-kategorija CAC għandhom jiġu prodotti f'żoni magħrufa li huma ħielsa mill-*Erwinia amylovora* (Burrill) Winslow *et al.* ; jew

— il-materjal tal-propagazzjoni u l-pjanti tal-frott tal-kategorija CAC fis-sit tal-produzzjoni jkunu ġew spezzjonati matul l-aħħar staġun sħiħ ta' tkabbir, u l-materjal tal-propagazzjoni u l-pjanti tal-frott li juru sintomi ta' *Erwinia amylovora* (Burrill) Winslow *et al.* u l-pjanti ospitanti tal-madwar ikunu nqalgħu u nqerdu minnufih;

▼M1

9. ***Olea europaea* L.**

(a) **Il-kategoriji kollha**

*Spezzjoni viżwali*

L-ispezzjonijiet viżwali għandhom jitwettqu darba fis-sena.

(b) **Kategorija prebażika**

*L-ikkampjunar u l-ittestjar*

Għaxar snin wara li jkunu ġew aċċettati bħala pjanti omm prebażiċi, il-pjanti omm prebażiċi kollha għandhom jiġu kkampjunati u ttestjati għall-preżenza tal-RNQPs elenkati fl-Anness II, u f'każ ta' suspett tal-preżenza tal-RNQPs elenkati fl-Anness I, u dan għandu jerġa' jsir darba kull għaxar snin sussegwentement..

(c) **Kategorija bażika**

*L-ikkampjunar u l-ittestjar*

Għandu jiġi kkampjunat porzjon rappreżentattiv tal-pjanti omm bażiċi b'mod li tul żmien ta' tletin sena jkunu ġew ittestjati l-pjanti kollha abbażi ta' valutazzjoni tar-riskju tal-infezzjoni ta' dawk il-pjanti minħabba l-preżenza tal-RNQPs elenkati fl-Anness I u fl-Anness II.

(d) **Kategorija ċċertifikata**

*L-ikkampjunar u l-ittestjar*

Fil-każ ta' pjanti omm li jintużaw għall-produzzjoni taż-żrieragħ, ("pjanti omm taż-żrieragħ") għandu jiġi kkampjunat porzjon rappreżentattiv tal-pjanti omm taż-żrieragħ b'mod li tul erbgħin sena jkunu ġew ittestjati l-pjanti kollha abbażi ta' valutazzjoni tar-riskju tal-infezzjoni ta' dawk il-pjanti minħabba l-preżenza tal-RNQPs elenkati fl-Anness I u fl-Anness II. Fil-każ ta' pjanti omm li mhumiex pjanti omm taż-żrieragħ, għandu jiġi kkampjunat porzjon rappreżentattiv ta' dawk il-pjanti b'mod li tul tletin sena jkunu ġew ittestjati l-pjanti kollha abbażi ta' valutazzjoni tar-riskju tal-infezzjoni ta' dawk il-pjanti minħabba l-preżenza tal-RNQPs elenkati fl-Anness I u fl-Anness II.

(e) **Kategorija CAC**

*L-ikkampjunar u l-ittestjar*

F'każ ta' suspett tal-preżenza tal-RNQPs elenkati fl-Anness I u fl-Anness II iridu jittieħdu l-kampjuni u jsiru t-testijiet.

10. ***Pistacia vera* L.**

**Il-kategoriji kollha**

*Spezzjoni viżwali*

L-ispezzjonijiet viżwali għandhom jitwettqu darba fis-sena.

*L-ikkampjunar u l-ittestjar*

F'każ ta' suspett tal-preżenza tal-RNQPs elenkati fl-Anness I iridu jittieħdu l-kampjuni u jsiru t-testijiet.

▼**M1**

11. ***Prunus armeniaca* L., *Prunus avium* L., *Prunus cerasifera* Ehrh., *Prunus cerasus* L., *Prunus domestica* L., *Prunus dulcis* (Miller) Webb, *Prunus persica* (L.) Batsch u *Prunus salicina* Lindley**

(a) **Kategorija prebażika**

*Spezzjoniviżwali*

L-ispezzjonijiet viżwali għandhom jitwettqu darbtejn fis-sena għall-*Candidatus* Phytoplasma *prunorum* Seemüller & Schneider, għall-Plum pox virus, *Xanthomonas arboricola* pv. *pruni* (Smith) Vauterin *et al.* u għall- *Pseudomonas syringae pv. persicae* (Prunier, Luisetti &. Gardan) Young, Dye & Wilkie (*Prunus persic*a (L.) Batsch u *Prunus salicina* Lindley). L-ispezzjonijiet viżwali għandhom jitwettqu darba fis-sena għall-*Candidatus* Phytoplasma *prunorum* Seemüller & Schneider, għall-Plum pox virus, *Xanthomonas arboricola* pv. *pruni* (Smith) Vauterin *et al.* u għall- *Pseudomonas syringae pv. persicae* (Prunier, Luisetti &. Gardan) Young, Dye & Wilkie , elenkati fl-Annessi I u II.

*L-ikkampjunar u l-ittestjar*

Il-materjal ta' propagazzjoni u l-pjanti tal-frott tal-kategorija prebażika ta' *Prunus armeniaca* L.*, Prunus avium* L.*, Prunus cerasus* L., *Prunus domestica* L., u *Prunus dulcis* (Miller) Webb, għandhom jiġu mill-pjanti omm li jkunu ġew ittestjati fl-istaġun tat-tkabbir ta' qabel u nstabu ħielsa mill-Plum pox virus.

Is-salvaġġ prebażiku ta' *Prunus cerasifera* Ehrh. u *Prunus domestica* L. għandu jiġi minn pjanti omm li jkunu ġew ittestjati fl-istaġun tat-tkabbir ta' qabel u nstabu ħielsa mill-Plum pox virus. Is-salvaġġ prebażiku ta' *Prunus cerasifera* Ehrh. u *Prunus domestica* L. għandu jiġi mill-pjanti omm, li jkunu ġew ittestjati fil-ħames staġuni preċedenti u li jkunu nstabu ħielsa mill-*Candidatus* Phytoplasma *prunorum* Seemüller & Schneider.

Kull pjanta omm prebażika li tagħmel il-fjuri għandha tiġi kkampjunata u ttestjata għall-Prune dwarf virus u għall-*Prunus* necrotic ringspot virus sena wara li tkun ġiet aċċettata bħala pjanta omm prebażika u dan għandu jerġa' jsir kull sena. Fil-każ ta' *Prunus persica*, kull pjanta omm prebażika li tagħmel il-fjuri għandha tiġi kkampjunata sena wara li tkun ġiet aċċettata bħala pjanta omm prebażika u u tiġi ttestjata għall-Peach latent mosaic viroid. Kull siġra miżrugħa bil-ħsieb li jiddakkru u, fejn ikun xieraq, is-siġar ewlenin li jdakkru fl-ambjent għandhom jiġu kkampjunati u ttestjati għall-Prune dwarf virus u għall-*Prunus* necrotic ringspot virus.

Ħames snin wara li jkunu ġew aċċettati bħala pjanti omm prebażiċi, il-pjanti omm prebażiċi kollha għandhom jiġu kkampjunati (u dan għandu jerġa' jsir kull ħames snin), u jiġu ttestjati għall-*Candidatus* Phytoplasma *prunorum* Seemüller & Schneider u l-Plum pox virus. Għaxar snin wara li jkunu ġew aċċettati bħala pjanti omm prebażiċi, il-pjanti omm prebażiċi kollha għandhom jiġu kkampjunati (u dan għandu jerġa' jsir kull għaxar snin), u jiġu ttestjati għall-RNQPs li huma rilevanti għall-ispeċi, kif elenkati fl-Anness II, għajr għall-Prune dwarf virus, għall-Plum pox virus u għall-*Prunus* necrotic ringspot virus, u jiġu ttestjati f'każ ta' suspett tal-preżenza tal-RNQPs elenkati fl-Anness I. Għandu jiġi kkampjunat u ttestjat porzjon rappreżentattiv tal-pjanti omm prebażiċi f'każ ta' suspett tal-preżenza tal-*Xanthomonas arboricola* pv. *pruni* (Smith) Vauterin *et al.*.

▼M1

*Rekwiżiti għas-sit tal-produzzjoni, għall-post ta' produzzjoni jew għaż-żona*

Fil-każ li tingħata deroga biex jiġi prodott materjal prebażiku fl-għelieqi f'kundizzjonijiet li mhumiex protetti mill-insetti, skont id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/925, għandhom japplikaw ir-rekwiżiti li ġejjin fir-rigward tal-*Candidatus* Phytoplasma *prunorum* Seemüller & Schneider, Plum pox virus, *Xanthomonas arboricola* pv. *pruni* (Smith) Vauterin *et al.* u *Pseudomonas syringae pv. persicae* (Prunier, Luisetti &. Gardan) Young, Dye & Wilkie :

(i) *Candidatus* Phytoplasma *prunorum* Seemüller & Schneider

— il-materjal ta' propagazzjoni u l-pjanti tal-frott tal-kategorija prebażika għandhom jiġu prodotti f'żoni magħrufa li huma ħielsa mill-*Candidatus* Phytoplasma *prunorum* Seemüller & Schneider; jew

— ma jiġi osservat l-ebda sintomu ta' *Candidatus* Phytoplasma *prunorum* Seemüller & Schneider fuq il-materjal tal-propagazzjoni u fuq il-pjanti tal-frott tal-kategorija prebażika fis-sit tal-produzzjoni matul l-aħħar staġun sħiħ tat-tkabbir, u l-pjanti sintomatiċi fil-viċinanza immedjata jkunu nqalgħu jew u nqerdu minnufih; jew

— il-materjal tal-propagazzjoni u l-pjanti tal-frott tal-kategorija prebażika għandhom ikunu iżolati minn pjanti ospitanti oħra fis-sit tal-produzzjoni. Id-distanza ta' iżolament fis-sit tal-produzzjoni għandha tiddependi miċ-ċirkostanzi reġjonali, mit-tip ta' materjal ta' propagazzjoni, mill-preżenza ta' *Candidatus* Phytoplasma *prunorum* Seemüller & Schneider fiż-żona kkonċernata u mir-riskji rilevanti involuti kif stabbilit mill-awtoritajiet kompetenti abbażi ta' spezzjoni;

(ii) Plum pox virus

— il-materjal ta' propagazzjoni u l-pjanti tal-frott tal-kategorija prebażika għandhom jiġu prodotti f'żoni magħrufa li huma ħielsa mill-Plum pox virus; jew

— ma jiġi osservat l-ebda sintomu tal-Plum Pox virus fuq il-materjal tal-propagazzjoni u fuq il-pjanti tal-frott tal-kategorija prebażika fis-sit tal-produzzjoni matul l-aħħar staġun sħiħ tat-tkabbir, u l-pjanti sintomatiċi fil-viċinanza immedjata jkunu nqalgħu u nqerdu minnufih; jew

— il-materjal ta' propagazzjoni u l-pjanti tal-frott tal-kategorija prebażika għandhom ikunu iżolati minn pjanti ospitanti oħra fis-sit tal-produzzjoni. Id-distanza ta' iżolament fis-sit tal-produzzjoni għandha tiddependi miċ-ċirkostanzi reġjonali, mit-tip ta' materjal ta' propagazzjoni, mill-preżenza tal-Plum pox virus fiż-żona kkonċernata u mir-riskji rilevanti involuti kif stabbilit mill-awtoritajiet kompetenti abbażi ta' spezzjoni;

▼M1

(iii) *Pseudomonas syringae pv. persicae* (Prunier, Luisetti &. Gardan) Young, Dye & Wilkie

— il-materjal ta' propagazzjoni u l-pjanti tal-frott tal-kategorija prebażika għandhom jiġu prodotti f'żoni magħrufa li huma ħielsa mill-*Pseudomonas syringae pv. persicae* (Prunier, Luisetti &. Gardan) Young, Dye & Wilkie; jew

— ma jiġi osservat l-ebda sintomu ta' *Pseudomonas syringae pv. persicae* (Prunier, Luisetti &. Gardan) Young, Dye & Wilkie fuq il-materjal tal-propagazzjoni u fuq il-pjanti tal-frott tal-kategorija prebażika fis-sit tal-produzzjoni tul l-aħħar staġun sħiħ tat-tkabbir, u l-pjanti sintomatiċi fil-viċinanza immedjata jkunu nqalgħu u nqerdu minnufih;

(iv) *Xanthomonas arboricola* pv. *pruni* (Smith) Vauterin *et al.*

— il-materjal ta' propagazzjoni u l-pjanti tal-frott tal-kategorija prebażika għandhom jiġu prodotti f'żoni magħrufa li huma ħielsa mill-*Xanthomonas arboricola* pv. *pruni* (Smith) Vauterin *et al.*; jew

— ma jiġi osservat l-ebda sintomu ta'*Xanthomonas arboricola* pv. *pruni* (Smith) Vauterin *et al.* fuq il-materjal tal-propagazzjoni u fuq il-pjanti tal-frott tal-kategorija prebażika fis-sit tal-produzzjoni tul l-aħħar staġun sħiħ tat-tkabbir, u l-pjanti sintomatiċi fil-viċinanza immedjata jkunu nqalgħu u nqerdu minnufih;

(b) **Kategorija bażika, kategorija ċċertifikata u kategorija CAC**

*Spezzjoni viżwali*

L-ispezzjonijiet viżwali għandhom jitwettqu darba fis-sena.

(c) **Kategorija bażika**

*L-ikkampjunar u l-ittestjar*

(i) Pjanti omm li nżammu f'faċilitajiet protetti mill-insetti

Kull tliet snin għandu jiġi kkampjunat u ttestjat porzjon rappreżentattiv ta' pjanti omm bażiċi għall-preżenza tal-Prune dwarf virus, tal-*Prunus* necrotic ringspot virus u tal-Plum pox virus. Kull għaxar snin għandu jiġi kkampjunat u ttestjat porzjon rappreżentattiv ta' pjanti omm bażiċi għall-preżenza ta' *Candidatus* Phytoplasma *prunorum* Seemüller & Schneider.

(ii) Pjanti omm li ma jkunux inżammu f'faċilitajiet protetti mill-insetti

Kull sena għandu jiġi kkampjunat u ttestjat porzjon rappreżentattiv tal-pjanti omm bażiċi għall-preżenza tal-Plum pox virus, għajr dawk maħsuba għall-produzzjoni tas-salvaġġ, b'mod li tul għaxar snin jkunu ġew ittestjati l-pjanti kollha.

Kull sena għandu jiġi kkampjunat u ttestjat porzjon rappreżentattiv tal-pjanti omm bażiċi maħsuba għall-produzzjoni tas-salvaġġ għall-preżenza tal-Plum pox virus u għandu jinstab ħieles minn dak l-RNQP. Mill-pjanti omm bażiċi tal-*Prunus domestica* maħsubin għall-produzzjoni tas-salvaġġ għandu jittieħed kampjun li jiġi ttestjat għall-preżenza tal-*Candidatus* Phytoplasma *prunorum* Seemüller & Schneider u għandu jinstab ħieles minn dak l-RNQP fil-ħames staġuni ta' tkabbir qabel ma jintużaw b'dan il-mod..

▼**M1**

F'każ ta' suspett tal-preżenza tal-*Xanthomonas arboricola* pv. *pruni* (Smith) Vauterin *et al.* għandu jiġi kkampjunat u ttestjat porzjon rappreżentattiv tal-pjanti omm bażiċi. Kull għaxar snin għandu jiġi kkampjunat u ttestjat porzjon rappreżentattiv tal-pjanti omm bażiċi, abbażi ta' valutazzjoni tar-riskju tal-infezzjoni ta' dawk il-pjanti, għall-presenza tal-RNQPs elenkati fl-Anness II, għajr għall-*Candidatus* Phytoplasma *prunorum* Seemüller & Schneider, għall-Prune dwarf virus, għall-*Prunus* necrotic ringspot virus u għall-Plum pox virus, u f'każ ta' suspett tal-preżenza tal-RNQPs elenkati fl-Anness I.

— Pjanti omm li jagħmlu l-fjuri

Kull sena għandu jiġi kkampjunat u ttestjat porzjon rappreżentattiv tal-pjanti omm bażiċi li jagħmlu l-fjuri għall-*Candidatus* Phytoplasma *prunorum*, għall-Prune dwarf virus u għall-*Prunus* necrotic ringspot virus abbażi ta' valutazzjoni tar-riskju tal-infezzjoni ta' dawk il-pjanti.

Fil-każ tal-*Prunus persica* (L.) Batsch, kull sena għandu jiġi kkampjunat u ttestjat porzjon rappreżentattiv tal-pjanti omm bażiċi li jagħmlu l-fjuri għall-Peach latent mosaic viroid abbażi ta' valutazzjoni tar-riskju tal-infezzjoni ta' dawk il-pjanti. Porzjon rappreżentattiv ta' siġar imħawla bil-ħsieb tad-dakkir u, fejn xieraq, is-siġar ewlenin tad-dakkir fl-ambjent, għandhom jiġu kkampjunati u ttestjati għall-Prune dwarf virus u għall-*Prunus* necrotic ringspot virus abbażi ta' valutazzjoni tar-riskju tal-infezzjoni ta' dawk il-pjanti.

— Pjanti omm li ma jagħmlux fjuri

Kull tliet snin għandu jiġi kkampjunat u ttestjat porzjon rappreżentattiv tal-pjanti omm bażiċi li ma jagħmlux fjuri li ma jkunux inżammu f'faċilitajiet protetti mill-insetti għall-preżenza tal-Prune dwarf virus, tal-*Prunus* necrotic ringspot virus u tal-*Candidatus* Phytoplasma *prunorum* Seemüller & Schneider abbażi ta' valutazzjoni tar-riskju tal-infezzjoni ta' dawk il-pjanti.

(d) **Kategorija ċċertifikata**

*L-ikkampjunar u l-ittestjar*

(i) Pjanti omm li nżammu f'faċilitajiet protetti mill-insetti

Kull ħames snin għandu jiġi kkampjunat u ttestjat porzjon rappreżentattiv tal-pjanti omm iċċertifikati għall-preżenza tal-Prune dwarf virus u tal-*Prunus* necrotic ringspot virus u tal-Plum pox virus b'mod li tul ħmistax-il sena jkunu ġew ittestjati l-pjanti kollha . Kull ħmistax-il sena għandu jiġi kkampjunat u ttestjat porzjon rappreżentattiv tal-pjanti omm iċċertifikati għall-preżenza tal-*Candidatus Phytoplasma mali* Seemüller & Schneider.

(ii) Pjanti omm li ma jkunux inżammu f'faċilitajiet protetti mill-insetti

Kull tliet snin għandu jiġi kkampjunat u ttestjat porzjon rappreżentattiv tal-pjanti omm iċċertifikati għall-preżenza tal-Plum pox virus b'mod li tul ħmistax-il sena jkunu ġew ittestjati l-pjanti kollha.

▼M1

Kull sena għandu jiġi kkampjunat u ttestjat porzjon rappreżentattiv tal-pjanti omm bażiċi maħsuba għall-produzzjoni tas-salvaġġ għall-preżenza tal-Plum pox virus u għandu jinstab ħieles minn dak l-RNQP. Mill-pjanti omm iċċertifikati tal-*Prunus cerasifera* Ehrh. u tal-*Prunus domestica* L. maħsuba għall-produzzjoni tas-salvaġġ, għandu jiġi kkampjunat porzjon rappreżentattiv li jiġi ttestjat għall-preżenza tal-*Candidatus* Phytoplasma *prunorum* Seemüller & Schneider fil-ħames snin ta' qabel ma jintużaw għall-produzzjoni, u dan għandu jinstab ħieles minn dak l-RNQP.

F'każ ta' suspett tal-preżenza tal-*Xanthomonas arboricola* pv. *pruni* (Smith) Vauterin *et al.* għandu jiġi kkampjunat u ttestjat porzjon rappreżentattiv tal-pjanti omm bażiċi. Kull ħmistax-il sena għandu jiġi kkampjunat u ttestjat porzjon rappreżentattiv tal-pjanti omm iċċertifikati, abbażi ta' valutazzjoni tar-riskju tal-infezzjoni ta' dawk il-pjanti, għall-preżenza tal-RNQPs elenkati fl-Anness II, apparti mill-*Candidatus* Phytoplasma *prunorum* Seemüller & Schneider, mill-Prune dwarf virus, mill-*Prunus* necrotic ringspot virus u mill-Plum pox virus. Għandhom isirulu testijiet ukoll f'każ li jkun hemm suspett tal-preżenza tal-RNQPs elenkati fl-Anness I.

— Pjanti omm li jagħmlu l-fjuri

Kull sena għandu jiġi kkampjunat u ttestjat porzjon rappreżentattiv tal-pjanti omm iċċertifikati li jagħmlu l-fjuri għall-*Candidatus* Phytoplasma *prunorum*, għall-Prune dwarf virus u għall-*Prunus* necrotic ringspot virus abbażi ta' valutazzjoni tar-riskju tal-infezzjoni ta' dawk il-pjanti . Fil-każ ta' *Prunus persica* (L.) Batsch, kull sena għandu jiġi kkampjunat u ttestjat porzjon rappreżentattiv tal-pjanti omm iċċertifikati li jagħmlu l-fjuri għall-Peach latent mosaic viroid abbażi ta' valutazzjoni tar-riskju tal-infezzjoni ta' dawk il-pjanti. Għandu jiġi kkampjunat u ttestjat porzjon rappreżentattiv ta' siġar imħawla bi ħsieb tad-dakkir u, fejn xieraq, tas-siġar ewlenin tad-dakkir fl-ambjent, għall-Prune dwarf virus u għall-*Prunus* necrotic ringspot virus, abbażi ta' valutazzjoni tar-riskju tal-infezzjoni ta' dawk il-pjanti.

— Pjanti omm li ma jagħmlux fjuri

Kull tliet snin għandu jiġi kkampjunat u ttestjat porzjon rappreżentattiv tal-pjanti omm iċċertifikati li ma jagħmlux fjuri, li ma jkunux inżammu f'faċilitajiet protetti mill-insetti, għall-preżenza tal-*Candidatus* Phytoplasma *prunorum*, tal-Prune dwarf virus u tal-*Prunus* necrotic ringspot virus abbażi ta' valutazzjoni tar-riskju tal-infezzjoni ta' dawk il-pjanti .

(e) **Il-kategorija bażika u l-kategorija ċċertifikata**

*Rekwiżiti għas-sit tal-produzzjoni, għall-post ta' produzzjoni jew għaż-żona*

(i) *Candidatus* Phytoplasma *prunorum* Seemüller & Schneider

— il-materjal ta' propagazzjoni u l-pjanti tal-frott tal-kategorija bażika u tal-kategorija ċċertifikata għandhom jiġu prodotti f'żoni magħrufa li huma ħielsa mill-*Candidatus* Phytoplasma *prunorum* Seemüller & Schneider; jew

▼**M1**

— ma jiġi osservat l-ebda sintomu ta' *Candidatus* Phytoplasma *prunorum* Seemüller & Schneider fuq il-materjal tal-propagazzjoni u fuq il-pjanti tal-frott tal-kategorija bażika u tal-kategorija ċċertifikata fis-sit tal-produzzjoni matul l-aħħar staġun sħiħ tat-tkabbir, u l-pjanti sintomatiċi fil-viċinanza immedjata jkunu nqalgħu u nqerdu minnufih; jew

— is-sintomi ta' *Candidatus* Phytoplasma *prunorum* ikunu ġew osservati f'mhux iktar minn 1 % tal-materjal ta' propagazzjoni u tal-pjanti tal-frott tal-kategorija ċċertifikata fis-sit tal-produzzjoni tul l-aħħar staġun sħiħ tat-tkabbir, u dak il-materjal ta' propagazzjoni u dawk il-pjanti tal-frott, u l-pjanti sintomatiċi fil-viċinanza immedjata jkunu nqalgħu u nqerdu minnufih, u jkun ġie ttestjat u nstab ħieles mill-*Candidatus* Phytoplasma *prunorum* kampjun rappreżentattiv tal-materjal ta' propagazzjoni u tal-pjanti tal-frott asintomatiċi li jifdal fil-lottijiet li fihom kienu nstabu l-materjal ta' propagazzjoni u l-pjanti tal-frott sintomatiċi;

(ii) Plum pox virus

— il-materjal ta' propagazzjoni u l-pjanti tal-frott tal-kategorija bażika u tal-kategorija ċċertifikata għandhom jiġu prodotti f'żoni magħrufa li huma ħielsa mill-Plum pox virus; jew

— ma jiġi osservat l-ebda sintomu tal-Plum pox virus fuq il-materjal tal-propagazzjoni u l-pjanti tal-frott tal-kategorija bażika u tal-kategorija ċċertifikata fis-sit tal-produzzjoni tul l-aħħar staġun sħiħ tat-tkabbir, u l-pjanti sintomatiċi fil-viċinanza immedjata ikunu nqalgħu jew inqerdu minnufih; jew

— is-sintomi tal-Plum pox virus ikunu ġew osservati f'mhux iktar minn 1 % tal-materjal ta' propagazzjoni u tal-pjanti tal-frott tal-kategorija ċċertifikata fis-sit ta' produzzjoni tul l-aħħar staġun sħiħ ta' tkabbir, u dak il-materjal ta' propagazzjoni u dawk il-pjanti tal-frott, u l-pjanti sintomatiċi fil-viċinanza immedjata jkunu nqalgħu u nqerdu minnufih, u jkun ġie ttestjat u nstab ħieles mill-Plum pox virus kampjun rappreżentattiv tal-materjal ta' propagazzjoni u tal-pjanti tal-frott asintomatiċi li jifdal fil-lottijiet li fihom kienu nstabu l-materjal ta' propagazzjoni u l-pjanti tal-frott sintomatiċi;

(iii) *Pseudomonas syringae pv. persicae* (Prunier, Luisetti &. Gardan) Young, Dye & Wilkie

— il-materjal ta' propagazzjoni u l-pjanti tal-frott tal-kategorija bażika u tal-kategorija ċċertifikata għandhom jiġu prodotti f'żoni magħrufa li huma ħielsa mill-*Pseudomonas syringae pv. persicae* (Prunier, Luisetti &. Gardan) Young, Dye & Wilkie; jew

— ma jiġi osservat l-ebda sintomu ta' *Pseudomonas syringae pv. persicae* (Prunier, Luisetti &. Gardan) Young, Dye & Wilkie fuq il-materjal tal-propagazzjoni u l-pjanti tal-frott tal-kategorija bażika u tal-kategorija ċċertifikata fis-sit tal-produzzjoni matul l-aħħar staġun sħiħ tat-tkabbir, u l-pjanti sintomatiċi fil-viċinanza immedjata jkunu nqalgħu u nqerdu minnufih; jew

— ikunu ġew osservati s-sintomi ta' *Pseudomonas syringae pv. persicae* (Prunier, Luisetti &. Gardan) Young, Dye & Wilkie f'mhux iktar minn 2 % tal-materjal ta' propagazzjoni u tal-pjanti tal-frott tal-kategorija ċċertifikata fis-sit ta' produzzjoni tul l-aħħar staġun sħiħ tat-tkabbir, u dak il-materjal ta' propagazzjoni u dawk il-pjanti tal-frott, u l-pjanti sintomatiċi fil-viċinanza immedjata jkunu nqalgħu u nqerdu minnufih;

▼M1

(iv) *Xanthomonas arboricola* pv. *pruni* (Smith) Vauterin *et al.*

— il-materjal ta' propagazzjoni u l-pjanti tal-frott tal-kategorija bażika u tal-kategorija ċċertifikata għandhom jiġu prodotti f'żoni magħrufa li huma ħielsa mill-*Xanthomonas arboricola* pv. *pruni* (Smith) Vauterin *et al.*; jew

— ma jiġi osservat l-ebda sintomu ta' *Xanthomonas arboricola* pv. *pruni* (Smith) Vauterin *et al.* fuq il-materjal tal-propagazzjoni u l-pjanti tal-frott tal-kategorija bażika u tal-kategorija ċċertifikata fis-sit tal-produzzjoni matul l-aħħar staġun sħiħ tat-tkabbir, u l-pjanti sintomatiċi fil-viċinanza immedjata jkunu nqalgħu u nqerdu minnufih; jew

— is-sintomi ta' *Xanthomonas arboricola* pv. *pruni* (Smith) Vauterin *et al.* jkunu ġew osservati f'mhux iktar minn 2 % tal-materjal ta' propagazzjoni u tal-pjanti tal-frott tal-kategorija ċċertifikata fis-sit tal-produzzjoni tul l-aħħar staġun sħiħ tat-tkabbir, u dak il-materjal ta' propagazzjoni u dawk il-pjanti tal-frott, u l-pjanti sintomatiċi fil-viċinanza immedjata jkunu nqalgħu u nqerdu minnufih.

(f) **Kategorija CAC**

*L-ikkampjunar u l-ittestjar*

Il-materjal tal-propagazzjoni u l-pjanti tal-frott tal-kategorija CAC għandhom jiġu minn sors ta' materjal identifikat, li minnu jkun ġie kkampjunat u ttestjat porzjon rappreżentattiv fit-tliet staġuni preċedenti tat-tkabbir u li jkun instab ħieles mill-Plum pox virus.

Is-salvaġġ CAC tal-*Prunus cerasifera* Ehrh. u tal-*Prunus domestica* L. għandhom jiġu minn sors ta' materjal identifikat li minnu jkun ġie kkampjunat u ttestjat porzjon rappreżentattiv tiegħu matul il-ħames snin ta' qabel għall-*Candidatus* Phytoplasma *prunorum* Seemüller & Schneider u għall-Plum pox virus u jkun instab ħieles minnhom.

Għandu jiġi kkampjunat u ttestjat porzjon rappreżentattiv tal-materjal ta' propagazzjoni u tal-pjanti tal-frott tal-kategorija CAC fil-każ ta' suspett tal-preżenza ta' *Xanthomonas arboricola* pv. *pruni* (Smith) Vauterin *et al.*

Għandu jiġi kkampjunat u ttestjat porzjon rappreżentattiv tal-pjanti tal-frott tal-kategorija CAC li ma juru l-ebda sintomu tal-Plum pox virus wara spezzjoni viżwali abbażi ta' valutazzjoni tar-riskju tal-infezzjoni ta' dawk il-pjanti tal-frott, għall-preżenza ta' dak l-RNQP u fil-każ li jkun hemm pjanti sintomatiċi fil-viċinanza immedjata.

Malli jiġu identifikati l-materjal tal-propagazzjoni u l-pjanti tal-frott tal-kategorija CAC li juru sintomi ta'*Candidatus* Phytoplasma *prunorum* Seemüller & Schneider fis-sit tal-produzzjoni permezz ta' spezzjoni viżwali, għandu jiġi kkampjunat u ttestjat għall-preżenza ta' *Candidatus* Phytoplasma *prunorum* Seemüller & Schneider porzjon rappreżentattiv tal-materjal tal-propagazzjoni u tal-pjanti tal-frott asintomatiċi tal-kategorija CAC fil-lottijiet li fihom ikunu nstabu l-materjal tal-propagazzjoni u l-pjanti tal-frott asintomatiċi.

Jekk ikun hemm suspett tal-preżenza tal-RNQPs, elenkati fl-Annessi I u II, minbarra li jiġu ttestjati għall-*Candidatus* Phytoplasma *prunorum* Seemüller & Schneider u għall-Plum pox virus, iridu jittieħdu l-kampjuni u jsiru t-testijiet għal dawn ukoll.

▼M1

*Rekwiżiti għas-sit tal-produzzjoni, għall-post ta' produzzjoni jew għażżona*

(i) *Candidatus* Phytoplasma *prunorum* Seemüller & Schneider

— il-materjal ta' propagazzjoni u l-pjanti tal-frott tal-kategorija CAC għandhom jiġu prodotti f'żoni magħrufa li huma ħielsa mill-*Candidatus* Phytoplasma *prunorum* Seemüller & Schneider; jew

— ma jiġi osservat l-ebda sintomu tal-*Candidatus* Phytoplasma *prunorum* Seemüller & Schneider fuq il-materjal tal-propagazzjoni u fuq il-pjanti tal-frott tal-kategorija CAC fis-sit tal-produzzjoni matul l-aħħar staġun sħiħ tat-tkabbir, u l-pjanti sintomatiċi fil-viċinanza jkunu nqalgħu u nqerdu minnufih; jew

— is-sintomi tal-*Candidatus* Phytoplasma *prunorum* ikunu ġew osservati f'mhux iktar minn 1 % tal-materjal ta' propagazzjoni u tal-pjanti tal-frott tal-kategorija CAC fis-sit ta' produzzjoni tul l-aħħar staġun sħiħ ta' tkabbir, u dak il-materjal ta' propagazzjoni u dawk il-pjanti tal-frott, u l-pjanti sintomatiċi fil-viċinanza immedjata jkunu nqalgħu u nqerdu minnufih, u jkun ġie ttestjat u nstab ħieles mill-*Candidatus* Phytoplasma *prunorum* Seemüller & Schneider kampjun rappreżentattiv tal-materjal ta' propagazzjoni u tal-pjanti tal-frott asintomatiċi li jifdal fil-lottijiet li fihom kienu instabu l-materjal ta' propagazzjoni u l-pjanti tal-frott sintomatiċi; jew

— ikunu ġew osservati s-sintomi ta' *Pseudomonas syringae pv. persicae* (Prunier, Luisetti &. Gardan) Young, Dye & Wilkie u *Xanthomonas arboricola* pv. *pruni* (Smith) Vauterin *et al.* f'mhux iktar minn 2 % tal-materjal ta' propagazzjoni u tal-pjanti tal-frott tal-kategorija CAC fis-sit ta' produzzjoni tul l-aħħar staġun sħiħ ta' tkabbir, u dak il-materjal ta' propagazzjoni u dawk il-pjanti tal-frott, u l-pjanti sintomatiċi fil-viċinanza immedjata jkunu nqalgħu u nqerdu minnufih;

(ii) Plum pox virus

— il-materjal ta' propagazzjoni u l-pjanti tal-frott tal-kategorija CAC għandhom jiġu prodotti f'żoni magħrufa li huma ħielsa mill-Plum pox virus; jew

— ma jiġi osservat l-ebda sintomu tal-Plum Pox virus fuq il-materjal tal-propagazzjoni u fuq il-pjanti tal-frott tal-kategorija CAC fis-sit tal-produzzjoni matul l-aħħar staġun sħiħ tat-tkabbir, u l-pjanti sintomatiċi fil-viċinanza immedjata jkunu nqalgħu jew nqerdu minnufih; jew

— is-sintomi tal-Plum Pox virus ikunu ġew osservati f'mhux iktar minn 1 % tal-materjal ta' propagazzjoni u tal-pjanti tal-frott tal-kategorija CAC fis-sit ta' produzzjoni tul l-aħħar staġun sħiħ ta' tkabbir, u dak il-materjal ta' propagazzjoni u dawk il-pjanti tal-frott, u l-pjanti sintomatiċi fil-viċinanza immedjata jkunu nqalgħu u nqerdu minnufih, u jkun ġie ttestjat u nstab ħieles mill-Plum pox virus kampjun rappreżentattiv tal-materjal ta' propagazzjoni u tal-pjanti tal-frott asintomatiċi li jifdal fil-lottijiet li fihom kienu instabu l-materjal ta' propagazzjoni u l-pjanti tal-frott sintomatiċi;

(iii) *Pseudomonas syringae* pv. *persicae* (Prunier, Luisetti &. Gardan) Young, Dye & Wilkie

— il-materjal ta' propagazzjoni u l-pjanti tal-frott tal-kategorija CAC għandhom jiġu prodotti f'żoni magħrufa li huma ħielsa mill-*Pseudomonas syringae* pv. *persicae* (Prunier, Luisetti &. Gardan) Young, Dye & Wilkie; jew

▼M1

— ma jiġi osservat l-ebda sintomu ta' *Pseudomonas syringae* pv. *persicae* (Prunier, Luisetti &. Gardan) Young, Dye & Wilkie fuq il-materjal tal-propagazzjoni u fuq il-pjanti tal-frott tal-kategorija CAC fis-sit tal-produzzjoni matul l-aħħar staġun sħiħ tat-tkabbir, u l-pjanti sintomatiċi fil-viċinanza immedjata jknunu nqalgħu u nqerdu minnufih; jew

— is-sintomi tal-*Pseudomonas syringae* pv. *persicae* (Prunier, Luisetti &. Gardan) Young, Dye & Wilkie jkunu ġew osservati f'mhux iktar minn 2 % tal-materjal ta' propagazzjoni u tal-pjanti tal-frott tal-kategorija CAC fis-sit ta' produzzjoni tul l-aħħar staġun sħiħ ta' tkabbir, u dak il-materjal ta' propagazzjoni u dawk il-pjanti tal-frott, u l-pjanti sintomatiċi fil-viċinanza immedjata jkunu nqalgħu u nqerdu minnufih;

(iv) *Xanthomonas arboricola* pv. *pruni* (Smith) Vauterin *et al.*

— il-materjal ta' propagazzjoni u l-pjanti tal-frott tal-kategorija CAC għandhom jiġu prodotti f'żoni magħrufa li huma ħielsa mill-*Xanthomonas arboricola* pv. *pruni* (Smith) Vauterin *et al.*; jew

— ma jiġi osservat l-ebda sintomu ta' *Xanthomonas arboricola* pv. *pruni* (Smith) Vauterin *et al.* fuq il-materjal tal-propagazzjoni u fuq il-pjanti tal-frott tal-kategorija CAC fis-sit tal-produzzjoni matul l-aħħar staġun sħiħ tat-tkabbir, u l-pjanti sintomatiċi fil-viċinanza immedjata jkunu nqalgħu u nqerdu minnufih; jew

— is-sintomi ta' *Xanthomonas arboricola* pv. *pruni* (Smith) Vauterin *et al.* jkunu ġew osservati f'mhux iktar minn 2 % tal-materjal ta' propagazzjoni u tal-pjanti tal-frott tal-kategorija CAC fis-sit ta' produzzjoni tul l-aħħar staġun sħiħ ta' tkabbir, u dak il-materjal ta' propagazzjoni u dawk il-pjanti tal-frott, u l-pjanti sintomatiċi fil-viċinanza immedjata jkunu nqalgħu u nqerdu minnufih.

12. ***Pyrus* L.**

(a) **Il-kategoriji kollha**

*Spezzjoni viżwali*

L-ispezzjonijiet viżwali għandhom jitwettqu darba fis-sena.

(b) **Kategorija prebażika**

*L-ikkampjunar u l-ittestjar*

Ħmistax-il sena wara li jkunu ġew aċċettati bħala pjanti omm prebażiċi, il-pjanti omm prebażiċi kollha għandhom jiġu kkampjunati u ttestjati, u dan għandu jerġa' jsir f'intervalli ta' żmien ta' ħmistax-il sena fir-rigward tal-preżenza tal-RNQPs elenkati fl-Anness II, għajr għal mard li jixbaħ virus u għall-virojdi, u f'każ ta' dubju dwar il-preżenza tal-RNQPs elenkati fl-Anness I.

*Rekwiżiti għas-sit tal-produzzjoni, għall-post ta' produzzjoni jew għażżona*

Fil-każ li tingħata deroga biex jiġi prodott materjal prebażiku fl-għelieqi f'kundizzjonijiet li mhumiex protetti mill-insetti, skont id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/925, għandhom japplikaw ir-rekwiżiti li ġejjin fir-rigward tal-*Candidatus* Phytoplasma *pyri* Seemüller & Schneider u tal-*Erwinia amylovora* (Burrill) Winslow *et al.*:

(i) *Candidatus* Phytoplasma *pyri* Seemüller & Schneider

▼M2

— il-materjal tal-propagazzjoni u l-pjanti tal-frott tal-kategorija prebażika għandhom jiġu prodotti f'żoni stabbiliti mill-awtorità kompetenti bħala ħielsa mill-*Candidatus* Phytoplasma *pyri* Seemüller & Schneider f'konformità mal-Istandards Internazzjonali għall-Miżuri Fitosanitarji rilevanti; jew

▼M2

— ma għandu jiġi osservat l-ebda sintomu tal-*Candidatus* Phytoplasma *pyri* Seemüller & Schneider fuq il-materjal tal-propagazzjoni u l-pjanti tal-frott tal-kategorija prebażika fis-sit tal-produzzjoni matul l-aħħar tliet staġuni tat-tkabbir, u l-pjanti sintomatiċi kollha fil-viċinanza immedjata għandhom jinqalgħu u jinqerdu minnufih;

▼M1

(ii) *Erwinia amylovora* (Burrill) Winslow *et al.*

— il-materjal ta' propagazzjoni u pjanti tal-frott tal-kategorija prebażika għandhom jiġu prodotti f'żoni magħrufa li huma ħielsa mill- *Erwinia amylovora* (Burrill) Winslow *et al.*; jew

— il-materjal tal-propagazzjoni u l-pjanti tal-frott tal-kategorija prebażika fis-sit tal-produzzjoni jkunu ġew spezzjonati matul l-aħħar staġun sħiħ ta' tkabbir, u l-materjal tal-propagazzjoni u l-pjanti tal-frott li juru sintomi ta' *Erwinia amylovora* (Burrill) Winslow *et al.* u l-pjanti ospitanti tal-madwar ikunu nqalgħu u nqerdu minnufih;

(c) **Kategorija bażika**

*L-ikkampjunar u l-ittestjar*

Fil-każ ta' pjanti omm bażiċi li jkunu nżammu f'faċilitajiet protetti mill-insetti, kull ħmistax-il sena għandu jiġi kkampjunat u ttestjat porzjon rappreżentattiv tal-pjanti omm bażiċi għall-preżenza tal-*Candidatus Phytoplasma mali* Seemüller & Schneider.

Fil-każ ta' pjanti omm bażiċi li jkunu nżammu f'faċilitajiet protetti mill-insetti, kull tliet snin għandu jiġi kkampjunat u ttestjat porzjon rappreżentattiv tal-pjanti omm bażiċi għall-preżenza tal-*Candidatus* Phytoplasma *pyri* Seemüller & Schneider; kull ħmistax-il sena għandu jiġi kkampjunat u ttestjat porzjon rappreżentattiv tal-pjanti omm iċċertifikati abbażi ta' valutazzjoni tar-riskju tal-infezzjoni ta' dawk il-pjanti għall-preżenza tal-RNQPs elenkati fl-Anness II, għajr għall-*Candidatus* Phytoplasma *pyri* Seemüller & Schneider, u għajr għal mard li jixbaħ virus u għall-virojdi fl-Anness II, u f'każ ta' suspett tal-preżenza tal-RNQPs elenkati fl-Anness I.

(d) **Kategorija ċċertifikata**

*L-ikkampjunar u l-ittestjar*

Fil-każ ta' pjanti omm bażiċi li jkunu nżammu f'faċilitajiet protetti mill-insetti, kull ħmistax-il sena għandu jiġi kkampjunat u ttestjat porzjon rappreżentattiv tal-pjanti omm bażiċi għall-preżenza tal-*Candidatus Phytoplasma mali* Seemüller & Schneider.

Fil-każ ta' pjanti omm iċċertifikati li ma jkunux inżammu f'faċilitajiet protetti mill-insetti, kull ħames snin għandu jiġi kkampjunat u ttestjat porzjon rappreżentattiv tal-pjanti omm iċċertifikati għall-preżenza tal-*Candidatus* Phytoplasma *pyri* Seemüller & Schneider; kull ħmistax-il sena għandu jiġi kkampjunat u ttestjat porzjon rappreżentattiv tal-pjanti omm iċċertifikati, abbażi ta' valutazzjoni tar-riskju tal-infezzjoni ta' dawk il-pjanti, għall-preżenza tal-RNQPs elenkati fl-Anness II, għajr għall-*Candidatus* Phytoplasma *pyri* Seemüller & Schneider u għal mard li jixbaħ virus u għall-virojdi, u f'każ ta' suspett tal-preżenza tal-RNQPs elenkati fl-Anness I.

Il-pjanti tal-frott iċċertifikati għandhom ikunu kkampjunati u ttestjati f'każ ta' suspett tal-preżenza tal-RNQPs elenkati fl-Anness I u fl-Anness II.

▼M1

(e) **Il-kategorija bażika u l-kategorija ċċertifikata**

*Rekwiżiti għas-sit tal-produzzjoni, għall-post ta' produzzjoni jew għaż-żona*

(i) *Candidatus* Phytoplasma *pyri* Seemüller & Schneider

▼M2

— il-materjal tal-propagazzjoni u l-pjanti tal-frott tal-kategorija bażika u l-kategorija ċċertifikata għandhom jiġu prodotti f'żoni stabbiliti mill-awtorità kompetenti bħala ħielsa mill-*Candidatus* Phytoplasma *pyri* Seemüller & Schneider f'konformità mal-Istandards Internazzjonali għall-Miżuri Fitosanitarji rilevanti; jew

— ma għandu jiġi osservat l-ebda sintomu ta' *Candidatus* Phytoplasma *mali* Seemüller & Schneider fuq il-materjal tal-propagazzjoni u l-pjanti tal-frott tal-kategorija bażika u l-kategorija ċċertifikata fis-sit tal-produzzjoni matul l-aħħar staġun sħiħ tat-tkabbir, u l-pjanti sintomatiċi kollha fil-viċinanza immedjata għandhom jinqalgħu u jinqerdu minnufih; jew

— il-materjal tal-propagazzjoni u l-pjanti tal-frott tal-kategorija bażika u tal-kategorija ċċertifikata fis-sit tal-produzzjoni u kwalunkwe pjanta fil-viċinanza immedjata, li jkunu wrew sintomi tal-*Candidatus* Phytoplasma *pyri* Seemüller & Schneider matul l-ispezzjonijiet viżwali matul l-aħħar tliet staġuni tat-tkabbir, għandhom jitneħħew u jinqerdu minnufih;

▼M1

(ii) *Erwinia amylovora* (Burrill) Winslow *et al.*

— il-materjal ta' propagazzjoni u l-pjanti tal-frott tal-kategorija bażika u tal-kategorija ċċertifikata għandhom jiġu prodotti f'żoni magħrufa li huma ħielsa mill-*Erwinia amylovora* (Burrill) Winslow *et al.* ; jew

— il-materjal tal-propagazzjoni u l-pjanti tal-frott tal-kategorija bażika u tal-kategorija ċċertifikata fis-sit tal-produzzjoni jkunu ġew spezzjonati matul l-aħħar staġun sħiħ ta' tkabbir, u l-materjal tal-propagazzjoni u l-pjanti tal-frott li juru sintomi ta' *Erwinia amylovora* (Burrill) Winslow *et al.* u l-pjanti ospitanti tal-madwar ikunu nqalgħu u nqerdu minnufih;

(f) **Kategorija CAC**

*L-ikkampjunar u l-ittestjar*

F'każ li jkun hemm suspett tal-preżenza tal-RNQPs elenkati fl-Anness I u fl-Anness II iridu jittieħdu l-kampjuni u jsiru t-testijiet.

*Rekwiżiti għas-sit tal-produzzjoni, għall-post ta' produzzjoni jew għaż-żona*

(i) *Candidatus* Phytoplasma *pyri* Seemüller & Schneider

▼M2

— il-materjal tal-propagazzjoni u l-pjanti tal-frott tal-kategorija CAC għandhom jiġu prodotti f'żoni stabbiliti mill-awtorità kompetenti bħala ħielsa mill-*Candidatus* Phytoplasma *pyri* Seemüller & Schneider f'konformità mal-Istandards Internazzjonali għall-Miżuri Fitosanitarji rilevanti; jew

— ma għandu jiġi osservat l-ebda sintomu tal-*Candidatus* Phytoplasma *pyri* Seemüller & Schneider fuq il-materjal tal-propagazzjoni u l-pjanti tal-frott tal-kategorija CAC fis-sit tal-produzzjoni matul l-aħħar staġun sħiħ tat-tkabbir, u l-pjanti sintomatiċi kollha fil-viċinanza immedjata għandhom jinqalgħu u jinqerdu minnufih; jew

▼M2

— il-materjal tal-propagazzjoni u l-pjanti tal-frott tal-kategorija CAC fis-sit tal-produzzjoni u kwalunkwe pjanta fil-viċinanza immedjata, li jkunu wrew sintomi tal-*Candidatus* Phytoplasma *pyri* Seemüller & Schneider matul l-ispezzjonijiet viżwali matul l-aħħar tliet staġuni tat-tkabbir, għandhom jitneħħew u jinqerdu minnufih;

▼M1

(ii) *Erwinia amylovora* (Burrill) Winslow *et al.*

— il-materjal ta' propagazzjoni u l-pjanti tal-frott tal-kategorija CAC għandhom jiġu prodotti f'żoni magħrufa li huma ħielsa mill-*Erwinia amylovora* (Burrill) Winslow *et al.* ; jew

— il-materjal tal-propagazzjoni u l-pjanti tal-frott tal-kategorija CAC fis-sit tal-produzzjoni jkunu ġew spezzjonati matul l-aħħar staġun sħiħ ta' tkabbir, u l-materjal tal-propagazzjoni u l-pjanti tal-frott li juru sintomi ta' *Erwinia amylovora* (Burrill) Winslow *et al.* u l-pjanti ospitanti tal-madwar ikunu nqalgħu u nqerdu minnufih;

13. ***Ribes* L.**

(a) **Kategorija prebażika**

*Spezzjoni viżwali*

L-ispezzjonijiet viżwali għandhom jitwettqu darbtejn fis-sena.

*L-ikkampjunar u l-ittestjar*

Erba' snin wara li jkunu ġew aċċettati bħala pjanti omm prebażiċi, il-pjanti omm prebażiċi kollha għandhom jiġu kkampjunati u ttestjati, u dan għandu jerġa' jsir kull erba' snin fir-rigward tal-preżenza tal-RNQPs elenkati fl-Anness II, u f'każ ta' suspett tal-preżenza tal-RNQPs elenkati fl-Anness I.

(b) **Kategorija bażika, kategorija ċċertifikata u kategorija CAC**

*Spezzjoni viżwali*

L-ispezzjonijiet viżwali għandhom jitwettqu darba fis-sena.

*L-ikkampjunar u l-ittestjar*

F'każ ta' suspett tal-preżenza tal-RNQPs elenkati fl-Anness I u fl-Anness II iridu jittieħdu l-kampjuni u jsiru t-testijiet.

(c) **Kategorija bażika**

*Rekwiżiti fir-rigward tas-sit tal-produzzjoni, il-post ta' produzzjoni jew iż-żona*

Il-perċentwal tal-materjal ta' propagazzjoni u tal-pjanti tal-frott tal-kategorija bażika fis-sit tal-produzzjoni tul l-aħħar staġun sħiħ tat-tkabbir li juru sintomi ta' *Aphelenchoides ritzemabosi* (Schwartz) Steiner & Buhrer ma għandux jaqbeż iż-0,05 % u dak il-materjal tal-propagazzjoni tal-pjanti u dawk il-pjanti tal-frott u l-pjanti ospitanti tal-madwar għandhom ikunu nqalgħu u nqerdu.

▼M1

(d) **Kategorija ċċertifikata**

*Rekwiżiti fir-rigward tas-sit tal-produzzjoni, il-post ta' produzzjoni jew iż-żona*

Il-perċentwal tal-materjal ta' propagazzjoni u tal-pjanti tal-frott tal-kategorija ċċertifikata fis-sit tal-produzzjoni tul l-aħħar staġun sħiħ tat-tkabbir li juru sintomi ta' *Aphelenchoides ritzemabosi* (Schwartz) Steiner & Buhrer ma għandux jaqbeż iż-0,5 % u dak il-materjal tal-propagazzjoni tal-pjanti u dawk il-pjanti tal-frott u l-pjanti ospitanti tal-madwar għandhom ikunu nqalgħu u nqerdu.

14. ***Rubus* L.**

(a) **Kategorija prebażika**

*Spezzjoniviżwali*

L-ispezzjonijiet viżwali għandhom isiru darbtejn fis-sena.

*L-ikkampjunar u l-ittestjar*

Sentejn wara li jkunu ġew aċċettati bħala pjanti omm prebażiċi, il-pjanti omm prebażiċi kollha għandhom jiġu kkampjunati u ttestjati, u dan għandu jerġa' jsir kull sentejn għall-preżenza tal-RNQPs elenkati fl-Anness II, u f'każ ta' suspett tal-preżenza tal-RNQPs elenkati fl-Anness I.

(b) **Kategorija bażika**

*Spezzjoni viżwali*

F'każ li l-materjal tal-propagazzjoni u l-pjanti tal-frott jitkabbru fl-għelieqi jew fi qsari, l-ispezzjonijiet viżwali għandhom isiru darbtejn fis-sena.

Għall-materjal tal-propagazzjoni u l-pjanti tal-frott prodotti permezz tal-mikropropagazzjoni u li jinżammu għal perjodu ta' inqas minn tliet xhur, hija meħtieġa spezzjoni waħda biss waqt dan il-perjodu.

*L-ikkampjunar u l-ittestjar*

Jekk is-sintomi tal- *Arabis* mosaic virus, tar-Raspberry ringspot virus, tal-iStrawberry latent ringspot virus, jew tat-Tomato black ring virus ma jidhrux ċari waqt spezzjoni viżwali, iridu jittieħdu l-kampjuni u jsiru t-testijiet. F'każ ta' suspett tal-preżenza tal-RNQPs, elenkati fl-Annessi I u II, għajr għall-*Arabis* mosaic virus, ir-Raspberry ringspot virus, l-iStrawberry latent ringspot virus u t-Tomato black ring virus, iridu jittieħdu l-kampjuni u jsiru t-testijiet.

*Rekwiżiti fir-rigward tas-sit tal-produzzjoni, il-post ta' produzzjoni jew iż-żona*

(i) Jekk test jirriżulta pożittiv għal materjal ta' propagazzjoni u għal pjanti tal-frott tal-kategorija bażika li juru sintomi tal-*Arabis* mosaic virus, tar-Raspberry ringspot virus, tal-iStrawberry crinkle virus, tal-iStrawberry latent ringspot virus, tal-iStrawberry mild yellow edge virus, tal-iStrawberry vein banding virus, jew tat-Tomato black ring virus, il-materjal tal-propagazzjoni u l-pjanti tal-frott ikkonċernati għandhom jinqalgħu u jinqerdu minnufih.

(ii) Rekwiżiti għall-RNQPs għajr għall-*Arabis* mosaic virus, għar-Raspberry ringspot virus, għall-iStrawberry latent ringspot virus jew għat-Tomato black ring virus:

Il-perċentwal tal-materjal ta' propagazzjoni u tal-pjanti tal-frott tal-kategorija bażika fis-sit tal-produzzjoni tul l-aħħar staġun sħiħ tat-tkabbir li juru sintomi ta' kull wieħed mill-RNQPs li ġejjin ma għandux jaqbeż:

▼M1

— il-0,1 % fil-każ ta:

*Agrobacterium spp.* Conn.;

*Rhodococcus fascians* Tilford; u dak il-materjal ta' propagazzjoni u dawk il-pjanti tal-frott u l-pjanti ospitanti tal-madwar ikunu nqalgħu u nqerdu; kif ukoll

(iii) Rekwiżiti għall-viruses kollha:

Is-sintomi tal-viruses kollha elenkati fl-Annessi I u II għandhom ikunu ġew osservati f'mhux aktar minn 0,25 % tal-materjal ta' propagazzjoni u tal-pjanti tal-frott tal-kategorija bażika fis-sit tal-produzzjoni tul l-aħħar staġun sħiħ tat-tkabbir, u dak il-materjal tal-propagazzjoni u dawk il-pjanti tal-frott u l-pjanti sintomatiċi fil-viċinanza immedjata jkunu nqalgħu u nqerdu minnufih.

(c) **Kategorija ċċertifikata**

*Spezzjoniviżwali*

L-ispezzjonijiet viżwali għandhom jitwettqu darba fis-sena.

*L-ikkampjunar u l-ittestjar*

Jekk is-sintomi tal- *Arabis* mosaic virus, tar-Raspberry ringspot virus, tal-iStrawberry latent ringspot virus, jew tat-Tomato black ring virus ma jidhrux ċari waqt spezzjoni viżwali, iridu jittieħdu l-kampjuni u jsiru t-testijiet. F'każ ta' suspett tal-preżenza tal-RNQPs, elenkati fl-Annessi I u II, għajr għall-Arabis mosaic virus, ir-Raspberry ringspot virus, is-Strawberry latent ringspot virus u t-Tomato black ring virus, iridu jittieħdu l-kampjuni u jsiru t-testijiet.

*Rekwiżiti fir-rigward tas-sit tal-produzzjoni, il-post ta' produzzjoni jew iż-żona*

(i) Jekk test jirriżulta pożittiv għal materjal ta' propagazzjoni u għal pjanti tal-frott tal-kategorija ċċertifikata li juru sintomi tal- *Arabis* mosaic virus, tar-Raspberry ringspot virus, tal-iStrawberry latent ringspot virus jew tat-Tomato black ring virus, il-materjal tal-propagazzjoni u l-pjanti tal-frott ikkonċernati għandhom jinqalgħu u jinqerdu minnufih;

(ii) Rekwiżiti għall-RNQPs għajr għall-*Arabis* mosaic virus, għar-Raspberry ringspot virus, għall-iStrawberry latent ringspot virus jew għat-Tomato black ring virus:

Il-perċentwal tal-materjal ta' propagazzjoni u tal-pjanti tal-frott tal-kategorija ċċertifikata fis-sit tal-produzzjoni tul l-aħħar staġun sħiħ tat-tkabbir li juru sintomi ta' kull wieħed mill-RNQPs li ġejjin ma għandux jaqbeż:

— iż-0,5 % fil-każ ta' *Resseliella theobaldi* Barnes;

— il-1 % fil-każ ta:

*Agrobacterium spp.* Conn.;

*Rhodococcus fascians* Tilford; u dak il-materjal ta' propagazzjoni u dawk il-pjanti tal-frott u l-pjanti ospitanti tal-madwar ikunu nqalgħu u nqerdu;

▼M1

(iii) Rekwiżiti għall-viruses kollha

Is-sintomi tal-viruses kollha elenkati fl-Annessi I u II għandhom ikunu ġew osservati f'mhux aktar minn 0,5 % tal-materjal ta' propagazzjoni u tal-pjanti tal-frott tal-kategorija ċċertifikata fis-sit tal-produzzjoni tul l-aħħar staġun sħiħ ta' tkabbir, u dak il-materjal ta' propagazzjoni u dawk il-pjanti tal-frott u l-pjanti sintomatiċi fil-viċinanza immedjata jkunu nqalgħu u nqerdu minnufih.

(d) **Kategorija CAC**

*Spezzjoniviżwali*

L-ispezzjonijiet viżwali għandhom jitwettqu darba fis-sena.

*L-ikkampjunar u l-ittestjar*

Jekk is-sintomi tal- *Arabis* mosaic virus, tar-Raspberry ringspot virus, tal-iStrawberry latent ringspot virus, jew tat-Tomato black ring virus ma jidhrux ċari waqt spezzjoni viżwali, iridu jittieħdu l-kampjuni u jsiru t-testijiet. F'każ ta' suspett tal-preżenza tal-RNQPs, elenkati fl-Annessi I u II, għajr għall-*Arabis* mosaic virus, ir-Raspberry ringspot virus, l-iStrawberry latent ringspot virus u t-Tomato black ring virus, iridu jittieħdu l-kampjuni u jsiru t-testijiet.

*Rekwiżiti fir-rigward tas-sit tal-produzzjoni, il-post ta' produzzjoni jew iż-żona*

Jekk test jirriżulta pożittiv għal materjal ta' propagazzjoni u għal pjanti tal-frott tal-kategorija CAC li juru sintomi tal- *Arabis* mosaic virus, tar-Raspberry ringspot virus, tal-iStrawberry latent ringspot virus jew tat-Tomato black ring virus, il-materjal tal-propagazzjoni u l-pjanti tal-frott ikkonċernati għandhom jinqalgħu u jinqerdu minnufih.

15. ***Vaccinium* L.**

(a) **Kategorija prebażika**

*Spezzjoniviżwali*

L-ispezzjonijiet viżwali għandhom jitwettqu darbtejn fis-sena.

*L-ikkampjunar u l-ittestjar*

Erba' snin wara li jkunu ġew aċċettati bħala pjanti omm prebażiċi, il-pjanti omm prebażiċi kollha għandhom jiġu kkampjunati u ttestjati, u dan għandu jerġa' jsir kull ħames snin għall-preżenza tal-RNQPs elenkati fl-Anness II, u f'każ ta' suspett tal-preżenza tal-RNQPs elenkati fl-Anness I.

(b) **Kategorija bażika**

*Spezzjoniviżwali*

L-ispezzjonijiet viżwali għandhom jitwettqu darbtejn fis-sena.

*L-ikkampjunar u l-ittestjar*

F'każ li jkun hemm suspett tal-preżenza tal-RNQPs elenkati fl-Anness I u fl-Anness II iridu jittieħdu l-kampjuni u jsiru t-testijiet.

*Rekwiżiti għas-sit tal-produzzjoni, għall-post ta' produzzjoni jew għaż-żona*

(i) *Agrobacterium tumefaciens* (Smith & Townsend) Conn

— ma jiġi osservat l-ebda sintomu tal-*Agrobacterium tumefaciens* (Smith & Townsend) Conn fis-sit tal-produzzjoni tul l-aħħar staġun sħiħ tat-tkabbir.

▼M1

(ii) *Diaporthe vaccinii* Shear

— il-materjal ta' propagazzjoni u l-pjanti tal-frott tal-kategorija bażika għandhom jiġu prodotti f'żoni magħrufa li huma ħielsa mid-*Diaporthe vaccinii* Shear; jew

— ma jiġi osservat l-ebda sintomu tad-*Diaporthe vaccinii* Shear fis-sit tal-produzzjoni tul l-aħħar staġun sħiħ tat-tkabbir;

(iii) *Exobasidium vaccinii (*Fuckel) Woronin u *Godronia cassandrae* (anamorph Topospora myrtilli) Peck

— il-perċentwal tal-materjal ta' propagazzjoni u tal-pjanti tal-frott tal-kategorija bażika fis-sit tal-produzzjoni tul l-aħħar staġun sħiħ tat-tkabbir li juru sintomi ta' kull wieħed mill-RNQPs li ġejjin ma għandux jaqbeż:

— iż-0,1 % fil-każ tal-*Godronia cassandrae* (anamorph Topospora myrtilli) Peck;

— iż-0,5 % fil-każ tal-*Exobasidium vaccinii* (Fuckel) Woronin; u dak il-materjal ta' propagazzjoni u dawk il-pjanti tal-frott, u l-pjanti ospitanti tal-madwar ikunu nqalgħu u nqerdu.

▼M2

(iv) *Phytophthora ramorum* (iżolati tal-UE) Werres, De Cock & Man in 't Veld:

— il-materjal tal-propagazzjoni u l-pjanti tal-frott tal-kategorija bażika għandhom jiġu prodotti f'żoni stabbiliti mill-awtorità kompetenti bħala ħielsa mill-*Phytophthora ramorum* (iżolati tal-UE) Werres, De Cock & Man in 't Veld f'konformità mal-Istandards Internazzjonali għall-Miżuri Fitosanitarji rilevanti; jew

— ma għandu jiġi osservat l-ebda sintomu tal-*Phytophthora ramorum* (iżolati tal-UE) Werres, De Cock & Man in 't Veld fuq il-materjal tal-propagazzjoni u l-pjanti tal-frott tal-kategorija bażika fis-sit tal-produzzjoni matul l-aħħar ċiklu sħiħ ta' veġetazzjoni.

▼M1

(c) **Kategorija ċċertifikata u kategorija CAC**

*Spezzjoniviżwali*

L-ispezzjonijiet viżwali għandhom jitwettqu darba fis-sena.

*L-ikkampjunar u l-ittestjar*

F'każ li jkun hemm suspett tal-preżenza tal-RNQPs elenkati fl-Anness I u fl-Anness II iridu jittieħdu l-kampjuni u jsiru t-testijiet.

(d) **Kategorija ċċertifikata**

*Rekwiżiti fir-rigward tas-sit tal-produzzjoni, il-post ta' produzzjoni jew iż-żona*

(i) *Diaporthe vaccinii* Shear

— il-materjal ta' propagazzjoni u l-pjanti tal-frott tal-kategorija ċċertifikata għandhom jiġu prodotti f'żoni magħrufa li huma ħielsa mill-*Diaporthe vaccinii* Shear; jew

— ma jiġi osservat l-ebda sintomu ta' *Diaporthe vaccinii* Shear fis-sit tal-produzzjoni matul l-aħħar staġun sħiħ tat-tkabbir.

▼**M1**

(ii) *Agrobacterium tumefaciens* (Smith & Townsend) Conn, *Exobasidium vaccinii* (Fuckel) Woronin u *Godronia cassandrae* (anamorph Topospora myrtilli) Peck

— il-perċentwal tal-materjal ta' propagazzjoni u tal-pjanti tal-frott tal-kategorija ċċertifikata fis-sit ta' produzzjoni tul l-aħħar staġun sħiħ ta' tkabbir li juru sintomi ta' kull wieħed mill-RNQPs li ġejjin ma għandux jaqbeż:

— iż-0,5 % fil-każ tal-:

*Agrobacterium tumefaciens* (Smith & Townsend) Conn;

*Godronia cassandrae* (anamorph Topospora myrtilli) Peck;

— il-1 % fil-każ tal-*vaccinii Exparitinii* ; u dak il-materjal ta' propagazzjoni u dawk il-pjanti tal-frott, u l-pjanti ospitanti tal-madwar ikunu nqalgħu u nqerdu.

▼**M2**

(iii) *Phytophthora ramorum* (iżolati tal-UE) Werres, De Cock & Man in 't Veld:

— il-materjal tal-propagazzjoni u l-pjanti tal-frott tal-kategorija ċċertifikata għandhom jiġu prodotti f'żoni stabbiliti mill-awtorità kompetenti bħala ħielsa mill-*Phytophthora ramorum* (iżolati tal-UE) Werres, De Cock & Man in 't Veld f'konformità mal-Istandards Internazzjonali għall-Miżuri Fitosanitarji rilevanti; jew

— ma għandu jiġi osservat l-ebda sintomu tal-*Phytophthora ramorum* (iżolati tal-UE) Werres, De Cock & Man in 't Veld fuq il-materjal tal-propagazzjoni u l-pjanti tal-frott tal-kategorija ċċertifikata fis-sit tal-produzzjoni matul l-aħħar ċiklu sħiħ ta' veġetazzjoni;

jew

—

— il-materjal tal-propagazzjoni u l-pjanti tal-frott tal-kategorija ċċertifikata li juru sintomi tal-*Phytophthora ramorum* (iżolati tal-UE) Werres, De Cock & Man in 't Veld fis-sit tal-produzzjoni u l-pjanti kollha f'raġġ ta' 2 m mill-materjal ta' propagazzjoni u mill-pjanti tal-frott sintomatiċi, għandhom jitneħħew u jinqerdu, inkluża l-ħamrija mwaħħla;

kif ukoll

— għall-pjanti kollha li jinsabu f'raġġ ta' 10 m mill-materjal ta' propagazzjoni u l-pjanti tal-frott sintomatiċi u kwalunkwe materjal ta' propagazzjoni u pjanti tal-frott li jifdal mil-lott affettwat:

— fi żmien tliet xhur wara d-detezzjoni tal-materjal ta' propagazzjoni u tal-pjanti tal-frott sintomatiċi, ma għandu jiġi osservat l-ebda sintomu tal-*Phytophthora ramorum* (iżolati tal-UE) Werres, De Cock & Man in 't Veld fuq dak il-materjal ta' propagazzjoni u dawk il-pjanti tal-frott f'mill-inqas żewġ spezzjonijiet fi żminijiet xierqa biex jiġi identifikat il-pest u matul dak il-perjodu ta' tliet xhur ma għandu jitwettaq l-ebda trattament li jrażżan is-sintomi tal-Phytophthora ramorum (iżolati tal-UE) Werres, De Cock & Man in 't Veld; kif ukoll

▼M2

— wara dak il-perjodu ta' tliet xhur:

— ma għandu jiġi osservat l-ebda sintomu tal-*Phytophthora ramorum* (iżolati tal-UE) Werres, De Cock & Man in 't Veld fuq dak il-materjal ta' propagazzjoni u dawk il-pjanti tal-frott fis-sit tal-produzzjoni; jew

— kampjun rappreżentattiv ta' dak il-materjal ta' propagazzjoni u dawk il-pjanti tal-frott li għandhom jiġu mċaqalqa, ġie ttestjat u misjub ħieles mill-*Phytophthora ramorum* (iżolati tal-UE) Werres, De Cock & Man in 't Veld;

kif ukoll

—

— għall-materjal l-ieħor kollu tal-propagazzjoni u l-pjanti tal-frott kollha fis-sit tal-produzzjoni:

— ma għandu jiġi osservat l-ebda sintomu tal-*Phytophthora ramorum* (iżolati tal-UE) Werres, De Cock & Man in 't Veld fuq dak il-materjal ta' propagazzjoni u dawk il-pjanti tal-frott fis-sit tal-produzzjoni; jew

— kampjun rappreżentattiv ta' dak il-materjal ta' propagazzjoni u dawk il-pjanti tal-frott li għandhom jiġu mċaqalqa, ġie ttestjat u misjub ħieles mill-*Phytophthora ramorum* (iżolati tal-UE) Werres, De Cock & Man in 't Veld.

(e) **Kategorija CAC**

*Rekwiżiti fir-rigward tas-sit tal-produzzjoni, il-post ta' produzzjoni jew iż-żona*

— *Phytophthora ramorum* (iżolati tal-UE) Werres, De Cock & Man in 't Veld:

— il-materjal tal-propagazzjoni u l-pjanti tal-frott tal-kategorija CAC għandhom jiġu prodotti f'żoni stabbiliti mill-awtorità kompetenti bħala ħielsa mill-*Phytophthora ramorum* (iżolati tal-UE) Werres, De Cock & Man in 't Veld f'konformità mal-Istandards Internazzjonali għall-Miżuri Fitosanitarji rilevanti; jew

— ma għandu jiġi osservat l-ebda sintomu tal-*Phytophthora ramorum* (iżolati tal-UE) Werres, De Cock & Man in 't Veld fuq il-materjal tal-propagazzjoni u l-pjanti tal-frott tal-kategorija CAC fis-sit tal-produzzjoni matul l-aħħar ċiklu sħiħ ta' veġetazzjoni;

jew

— il-materjal tal-propagazzjoni u l-pjanti tal-frott tal-kategorija CAC li juru sintomi tal-*Phytophthora ramorum* (iżolati tal-UE) Werres, De Cock & Man in 't Veld fis-sit tal-produzzjoni u l-pjanti kollha f'raġġ ta' 2 m mill-materjal ta' propagazzjoni u mill-pjanti tal-frott sintomatiċi, għandhom jitneħħew u jinqerdu, inkluża l-ħamrija mwaħħla; kif ukoll

— għall-pjanti kollha li jinsabu f'raġġ ta' 10 m mill-materjal ta' propagazzjoni u l-pjanti tal-frott sintomatiċi u kwalunkwe materjal ta' propagazzjoni u pjanti tal-frott li jifdal mil-lott affettwat:

▼**M2**

— fi żmien tliet xhur wara d-detezzjoni tal-materjal ta' propagazzjoni u tal-pjanti tal-frott sintomatiċi, ma għandu jiġi osservat l-ebda sintomu tal-*Phytophthora ramorum* (iżolati tal-UE) Werres, De Cock & Man in 't Veld fuq dak il-materjal ta' propagazzjoni u dawk il-pjanti tal-frott f'mill-inqas żewġ spezzjonijiet fi żminijiet xierqa biex jiġi identifikat il-pest u matul dak il-perjodu ta' tliet xhur ma għandu jitwettaq l-ebda trattament li jrażżan is-sintomi tal-Phytophthora ramorum (iżolati tal-UE) Werres, De Cock & Man in 't Veld; u wara dak il-perjodu ta' tliet xhur:

  — ma għandu jiġi osservat l-ebda sintomu tal-*Phytophthora ramorum* (iżolati tal-UE) Werres, De Cock & Man in 't Veld fuq dak il-materjal ta' propagazzjoni u dawk il-pjanti tal-frott fis-sit tal-produzzjoni; jew

  — kampjun rappreżentattiv ta' dak il-materjal ta' propagazzjoni u dawk il-pjanti tal-frott li għandhom jiġu mċaqalqa, ġie ttestjat u misjub ħieles mill-*Phytophthora ramorum* (iżolati tal-UE) Werres, De Cock & Man in 't Veld;

kif ukoll

— għall-materjal l-ieħor kollu tal-propagazzjoni u l-pjanti tal-frott kollha fis-sit tal-produzzjoni:

  — ma għandu jiġi osservat l-ebda sintomu tal-*Phytophthora ramorum* (iżolati tal-UE) Werres, De Cock & Man in 't Veld fuq dak il-materjal ta' propagazzjoni u dawk il-pjanti tal-frott fis-sit tal-produzzjoni; jew

  — kampjun rappreżentattiv ta' dak il-materjal ta' propagazzjoni u dawk il-pjanti tal-frott li għandhom jiġu mċaqalqa, ġie ttestjat u misjub ħieles mill-*Phytophthora ramorum* (iżolati tal-UE) Werres, De Cock & Man in 't Veld.

▼B

*ANNESS V*

**L-għadd massimu permess ta' ġenerazzjonijiet imkabbra f'għalqa taħt kundizzjonijiet protetti mill-insetti, u t-tul tal-ħajja massimu permess tal-pjanti omm bażiċi skont il-ġeneru jew l-ispeċi, kif previst fl-Artikolu 19(1)**

***Castanea sativa* Mill.**

**Kategorija bażika**

Dik li hi pjanta omm bażika skont it-tifsira tal-Artikolu 15(2)(a) tista' tiġi multiplikata għal mhux aktar minn żewġ ġenerazzjonijiet.

F'każ li pjanta omm bażika skont it-tifsira tal-Artikolu 15(2)(a) tkun riżoma, din tista' tiġi multiplikata għal mhux aktar minn tliet ġenerazzjonijiet.

F'każ li r-riżomi jkunu parti minn pjanti omm bażiċi, dawk ir-riżomi għandhom ikunu l-materjal bażiku tal-ewwel ġenerazzjoni.

***Citrus* L., *Fortunella* Swingle u *Poncirus* Raf.**

**Kategorija bażika**

Dik li hi pjanta omm bażika skont it-tifsira tal-Artikolu 15(2)(a) tista' tiġi multiplikata għal mhux aktar minn ġenerazzjoni waħda.

F'każ li pjanta omm bażika skont it-tifsira tal-Artikolu 15(2)(a) tkun riżoma, din tista' tiġi multiplikata għal mhux aktar minn tliet ġenerazzjonijiet.

F'każ li r-riżomi jkunu parti minn pjanti omm bażiċi, dawk ir-riżomi għandhom ikunu l-materjal bażiku tal-ewwel ġenerazzjoni.

***Corylus avellana* L.**

**Kategorija bażika**

Dik li hi pjanta omm bażika skont it-tifsira tal-Artikolu 15(2)(a) tista' tiġi multiplikata għal mhux aktar minn żewġ ġenerazzjonijiet.

***Cydonia oblonga* Mill., *Malus* Mill., *Pyrus* L.**

**Kategorija bażika**

Dik li hi pjanta omm bażika skont it-tifsira tal-Artikolu 15(2)(a) tista' tiġi multiplikata għal mhux aktar minn żewġ ġenerazzjonijiet.

F'każ li pjanta omm bażika skont it-tifsira tal-Artikolu 15(2)(a) tkun riżoma, din tista' tiġi multiplikata għal mhux aktar minn tliet ġenerazzjonijiet.

F'każ li r-riżomi jkunu parti minn pjanti omm bażiċi, dawk ir-riżomi għandhom ikunu l-materjal bażiku tal-ewwel ġenerazzjoni.

***Ficus carica* L.**

**Kategorija bażika**

Dik li hi pjanta omm bażika skont it-tifsira tal-Artikolu 15(2)(a) tista' tiġi multiplikata għal mhux aktar minn żewġ ġenerazzjonijiet.

***Fragaria* L.**

**Kategorija bażika**

Dik li hi pjanta omm bażika skont it-tifsira tal-Artikolu 15(2)(a) tista' tiġi multiplikata għal mhux aktar minn ħames ġenerazzjonijiet.

▼B

***Juglans regia* L.**

**Kategorija bażika**

Dik li hi pjanta omm bażika skont it-tifsira tal-Artikolu 15(2)(a) tista' tiġi multiplikata għal mhux aktar minn żewġ ġenerazzjonijiet.

***Olea europaea* L.**

**Kategorija bażika**

Dik li hi pjanta omm bażika skont it-tifsira tal-Artikolu 15(2)(a) tista' tiġi multiplikata għal mhux aktar minn ġenerazzjoni waħda.

▼M2

***Prunus armeniaca* L., *Prunus domestica* L., *Prunus dulcis* (Mill.) D. A. Webb, *Prunus persica* (L.) Batsch u *Prunus salicina* Lindl.**

▼B

**Kategorija bażika**

Dik li hi pjanta omm bażika skont it-tifsira tal-Artikolu 15(2)(a) tista' tiġi multiplikata għal mhux aktar minn żewġ ġenerazzjonijiet.

F'każ li pjanta omm bażika skont it-tifsira tal-Artikolu 15(2)(a) tkun riżoma, din tista' tiġi multiplikata għal mhux aktar minn tlett ġenerazzjonijiet.

F'każ li r-riżomi jkunu parti minn pjanti omm bażiċi, dawk ir-riżomi għandhom ikunu l-materjal bażiku tal-ewwel ġenerazzjoni.

***Prunus avium* u *P. cerasus***

**Kategorija bażika**

Dik li hi pjanta omm bażika skont it-tifsira tal-Artikolu 15(2)(a) tista' tiġi multiplikata għal mhux aktar minn żewġ ġenerazzjonijiet.

F'każ li pjanta omm bażika skont it-tifsira tal-Artikolu 15(2)(a) tkun riżoma, din tista' tiġi multiplikata għal mhux aktar minn tlett ġenerazzjonijiet.

F'każ li r-riżomi jkunu parti minn pjanti omm bażiċi, dawk ir-riżomi għandhom ikunu l-materjal bażiku tal-ewwel ġenerazzjoni.

***Ribes* L.**

**Kategorija bażika**

Dik li hi pjanta omm bażika skont it-tifsira tal-Artikolu 15(2)(a) tista' tiġi multiplikata għal mhux aktar minn tliett ġenerazzjonijiet. Il-pjanti omm għandhom jiġu miżmuma bħala pjanti omm għal mhux aktar minn sitt snin.

***Rubus* L.**

**Kategorija bażika**

Dik li hi pjanta omm bażika skont it-tifsira tal-Artikolu 15(2)(a) tista' tiġi multiplikata għal mhux aktar minn żewġ ġenerazzjonijiet. Il-pjanti omm ta' kull ġenerazzjoni għandhom jiġu miżmuma bħala pjanti omm għal mhux aktar minn erba' snin.

***Vaccinium* L.**

**Kategorija bażika**

Dik li hi pjanta omm bażika skont it-tifsira tal-Artikolu 15(2)(a) tista' tiġi multiplikata għal mhux aktar minn żewġ ġenerazzjonijiet.